**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 29 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 321/10AL**

**Fl-ismijiet:**

**A B C**

**VS**

**D C**

**(Nru. Taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ: 1108/1977)**

**Ill-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attrici li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-konventendi zzewgu fil-knisja ta' San Guzepp Santa Venera fl-4 ta' Gunju 1977 -certifikat taz-zwieg anness u market Dok A;*

[1] Fol 1 sa' 2

*2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erba (4) ulied, I li twieled fid-29 ta' Dicembru 1977, D E li twieled fl-1 ta' Mejju 1979, F li twieldet fis-6 ta' Mejju 1981 u G li twieldet fit-22 ta' April 1986 li huma lkoll maggorenni;*

*3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimemedjabilment minhabba ragunijiet gravi imputabbli unikament ghall-konvenut fosthom l-adulterju, eccessi, sevizzji, abbandun tad-doveri matrimonjali, vjolenza u mohqrija;*

*4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Mejju 2009 u l-attrici baqghet tirrisjedi fid-dar matrimonjali Villa X, Triq il-X, Attard.*

*5. Illi l-partijiet gia ghaddew minn process ta' medjazzjoni u b'digriet ta' 25 ta' Awissu 2010 din l-Onorabbli Qorti awtorizzatha li tipprocedi b'kawza 'ad hoc'. L-attrici qed tipprezenta l-kawza odjerna fit-temrini tar-regolament 4(i) tal-Avviz Legali 397/2003.*

*Talbet lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendi minhabba ragunijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenut kif fuq imsemmi;*

*2. Tikkundanna, lill-konvenut jħallas lill-attriċi retta alimentarja li din il-Qorti jogħġobha tiffissa taħt xi waħda mill-modalitajiet kontemplati fl-Artikolu 54 Kap 16.*

*3. Tordna xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f' żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-attriċi, u l-oħra lill-konvenut, b'dan li jittieħed kont tat-tortijiet komessi mill-konvenut b'konsegwenza tal-istess iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, partikolarment li d-dar matrimonjali tiġi assenjata lill-attriċi.*

*4. Tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-Att opportun u kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

*5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand l-attriċi.*

*6. Tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16.*

Rat il-lista tax-xhieda[2] u l-elenku tad-dokumenti tal-attriċi;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Dr. D C[4] li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. *ILLI fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li għandha tkun ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C stante li ż- żwieg tagħhom tkisser irrevokabbilment iżda mhux minħabba dak allegat minn martu r-rikorrenti fil-konfront tiegħu fir-rikors promutur tagħha iżda għal raġunijiet imputabbli lilha fosthom minħabba li l-karattru diffiċili immens u dominanti ta' martu oltre l-fatt li hija kellha u ghad ghandha ħbiberija ma' terzi kif ser ikun ippruvat waqt il-kawza;*

2. *ILLI fir-riward tat-tieni talba l-esponenti ma jaqbilx li għandu jħallas xi forma ta' retta alimentari lill-martu r-rikorrenti u dan stante li r-rikorrenti martu ilha tahdem is-snin fis-settur tas-saħħa u għandha kapaċi taħdem;*

3. *ILLI l-esponenti jaqbel li għandha tiġi xolta l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti kif ukoll likwidata l-istess kommunjoni kif kontemplat fit- tielet talba iżda l-esponenti ma jaqbilx li l-martu l-attrici għandha tkun assenjata id-dar matrimonjali u dan għar-ragun li tali dar ġaladarba ma tibqax aktar ikkunsidrata bħala d-dar matrimonjali, għandha tkun likwidata stante li hija formanti parti mill-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti.*

4. *ILLI l-esponenti jaqbel mar-raba' talba attrici;*

5. *ILLI l-esponenti jaqbel mal-ħames talba attriċi purche' l-istess attriċi tkun ukoll iddikjarata li ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mingħand 1-esponenti għal raġunijiet kontemplati fil-liġi;*

6. *ILLI m'għandhomx ikun applikati kontra l-esponenti d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Ligijiet taMalta) in toto jew in parte kif mitlub fis-sitt talba;*

7. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti inġunta in subizzjoni.*

---

[2] Fol 2

[3] Fol 3

[4] Fol 35

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut[5]

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi; [6]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[7]

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar, 2021[8] fejn ġiet nominata Dr Anna Mallia bħala perit legali fil-kawża odjerna;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ[9] tal-partijiet minn fejn jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fil-knisja ta' San Ġużepp Santa Venera, fl-4 ta' Ġunju, 1977;

Rat id-digriet tal-25 t'Awwissu, 2010 fejn permezz tal-istess l-attriċi ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali fit-termini imposti mill-liġi;

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem il-perit legali;

Rat ir-rapport maħluf tal-perit legali;

Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub li saru miż-zewġ partijiet u r-risposti għall-istess;

Rat ix-xhieda tal-perit legali in eskussjoni fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2022;

Rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-17 t'April, 2023 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-partijiet qablu dwar l-assenjar ta' xi proprjeta immobbli u li l-partijiet infurmaw lill-Qorti li ser jippreżentaw nota konġuntiva fir-Reġistru ta' din il-Qorti.

Rat in-nota konġuntiva tal-partijiet datata 17 t'April, 2023 permezz ta' liema il-partijiet qablu fuq l-erbgħa (4) proprjetajiet immobbli li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u kif qablu li għandhom jiġu assenjati fis-sentenza finali bil-mod segwenti:

[5] Fol 36
[6] Fol 17
[7] Fol 28- 31 mmarkat Dok MA
[8] Fol 39
[9] Fol 4 Dok A

*Lil Attriċi tiġi assenjata d-dar sal-lum matrimonjali ossia id-dar bin-numru tlieta u tletin (33), bl-isem Arcadville fi Triq il-Ferrovija, Attard liema fond qiegħed jingħata valur ta' ħames mija u għoxrin elf ewro (€520,000);*

*Lil Konvenut jiġi assenjat l-proprjetajiet l-oħra kollha ossia:*
*(i)Il-garage bla numru u isem fi Triq l-X, Attard, liema fond qiegħed jingħata valur ta' erbgħin elf euro (€40,000);*
*(ii) L-appartament internament markat bin-numru wieħed (1) fil-blokk ta' appartamenti bl-isem X fi Triq X, Bugibba , San Pawl il-Baħar, liema fond qieħgd jingħata valur ta' mitjen u għaxart elef euro (€210,000);*
*(iii) Il-garage internament markat bin-numru ħamsa u sebgħin (75) sottosV il-blokk ta' appartamenti bl-isem Y fi Triq Y, Bugibba, San Pawl il-Baħar, liema fond qiegħed jingħata valur ta' erbgħin elf euro (€40,000)*
*Il-partijiet qegħdin jiddikjaraw u jaqblu wkoll li minħabba id-disparita fil-valuri tal-proprjetajiet assenjati, l-attriċi tkun trid tħallas lil konvenut bħala ekwiparazzjoni is-somma ta' mija u ħmistax-il elf euro (€115,000).*

Rat id-digriet tat-18 t'April, 2023 li approvat in-nota konġuntiva tal-partijiet tas-17 t'April, 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, u dan senjatament minħabba d-domandi in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċM' riassunt tal-provi kollha mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħadet konjizzjoni tat-tmien proċessi fuq il-każ odjern li ilu għaddej għal tlettax-il (13) sena.

**<u>Ir-rapport tal-Perit Legali Dr Anna Mallia li qed jiġi riprodott testwalment fl-intier tiegħu:</u>**

Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata, u d-digriet tal-20 ta' Frar, fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' iben il-partijiet D C, hija kompliet bis-segwenti:

***Dokumenti esebiti***

| | |
|---|---|
| *Fol 4* | *certifikat taz-zwieg tal-partijiet* |
| *Fol 5* | *digriet jawtorizza lill-attrici tipprocedi b'din il-kawza* |
| *Fol 20 et* | *abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni* |
| *Fol 199et* | *zewg kuntratti lokatizji rigward il-fond flat B numru X Triq X Sliema u numru ta' kopji ta' rcevuti (20 ) tal-hlasijiet in konnessjoni mal-kera tal-istess fond.* |

*<u>Seduta 7 ta' April 2011</u>*

*Dok RA1 sa RA3 kontijiet mal-Bank of Valletta f'isem il-konvenut*

*Dok RA4 kont kongunt mal-Bank of Valletta f'isem il-partijiet*

*Dok RA5 sa RA10 – kontijiet mal-Bank of Valletta f'isem il-konvenut*

*<u>Seduta 26 ta' Mejju 2011</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok MM1* | *shares li ghandu l-konvenut tal-bank of Valletta u Malta International Airport* |
| *Dok MM2* | *l-movimenti kollha li saru tax-shares li ghandu l-konvenut* |
| *Dok RA11* | *cheque image ta' meta inghalaq il-kont RA4 ta' €310* |
| *Dok RA12* | *transaction image b'withdrawl ta' €9317.49c depozitati l-Qorti* |
| *Dok RA13* | *transaction image li turi flus ingibdu minn persuna li ghandha l-ID Xpermezz ta' transfer f'kont numru 18604346107 li hu kont tal-Valletta Fund Management* |
| *Dok RA14* | *vouches li bih inghalaq l-kont Dok RA5 withdrawal ta' €18125.25c fil-15 ta' Jannar 2009 minn persuna li ghandha l-id card number 78752M* |
| *Dok RA15* | *transaction voucher li turi li l-flus gew trasferiti mal-Valletta Fund Management fil-kont 18604346107 fit-8 ta' Jannar 2009 ammont €52,770.09c minn persuna li ghandha l-identity card number 78752M.* |
| *RA 16 sa RA27* | *kontijiet f'isem l-attrici mal-Bank of Valletta* |

*<u>Seduta 22 ta' Gunju 2011</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok VFM1* | *bond fund f'isem l-konvenut li gew transferred ghal money fund Dok VFM3* |
| *Dok VFM2* | *juri li fis-27 ta' Settembru 2010 l-konvenut ha €119,614.50* |
| *Dok VFM3* | *money fund gew transferred l-bond fund dok VFM1* |
| *Dok VFM4* | *money fund li gew transferred lil third parties* |
| *Dok RS* | *investiment f'isem l-attrici li juri li hadet LM1000* |

*<u>Seduta 31 ta' Ottubru 2011</u>*

*Dokumenti neqsin u fil-verbal hemm notament li kienu gew mghoddija lil Dr Albert Libreri seduta stante biex jirritornhom fis-seduta li jmiss pero il-perit legali setghet tghaddi minghajrhom stante li jirigwardaw dokumenti rigward il-qliegh tal-attur qabel ma hareg bil-pensjoni.*

*Seduta 29 ta' Settembru 2011*

*Dok CFX* — *kuntratt tat-23 ta' Dicembru 2010 atti Nutar Ruben Casingerna re bejgh tad-dar parafernali tal-konvenut li tinsab 6 Triq Hal Haz-Zebbug Malta esebit mil-Banif Bank Malta plc*

*Dok AF1* — *rendikont tal-qliegh tal-konvenut mil-1 ta' Jannar 2006 minn St Microelectronics*

*Seduta 15 ta' Dicembru 2011*

*DokJPD1 sa JPD4* — *l-P3 tal-konvenut ghas-snin 2007, 2008, 2009 u 2010 meta kien jahdem ma' The First Health Maintenance Organisation Limited fuq bazi part time.*

*Dok (i)* — *ritratt li juri lil A H handwriting ta' wara tar-ritratt "With love from A 22/10/77"*

*Dok (ii)* — *ittra tal-20/4/1978 mibghutha lil D u ffirmata Your love A*

*Dok (iii)* — *l-invit tat-tieg ta' A H*

*Dok (iv)* — *curkett bl-engraving 'A #*

*Dok v sa vi* — *zewg ritratti li juru s-salib u l-engraving fuq wara 'A'.*

*Seduta 27 ta' Frar 2012*

*Dok X* — *Christmas card*

*Seduta 7 ta' Novembru 2012*

*Dok AQ* — *stima tal-immobbli moghtija mil-Perit Emanuel Agius*

*Dok L1* — *il-vetturi li ghandu l-konvenut fuq ismu*

*Dok L2* — *il-vetturi li kellu l-konvenut fuq ismu*

*Dok L3* — *dokument li juri li l-attrici qatt ma kellha vetturi licenzjati f'isimha*

*Seduta 27 ta' Novembru 2012*

*Dok X* — *ftehim ta' lokazzjoni tal-konvenut re flat X X flat Gzira*

*Seduta l-ewwel ta' Marzu 2013*

*Dok X u Y* — *shares tal-Bank of Valletta u tal-MIA*

*Dok RG1* — *withdrawal ta' €9000 li sar fil-15 ta' Frar 2008 mi-kont 12800594021*

*Dok RG2* — *withdrawal ta' €1000 li sar fit-22 ta' Settembru 2008 minn l-istess kont*

*Dok RG3* — *bill payable ta' €20,002.91 tal-24 ta' Ottubru 2008 favur il-konvenut minn l-istess kont*

*Dok RG4* — *il-POS kollha li saru minn l-istess kont u mil-kont tal-visa*

*Dok RG5* — *cheque images mil-kont 40017630342*

*Dok RG6* — *transaction images ta' €473 u €8782.52 mil-kont kongunt 18200143018*

*Dok RG7* — *cheque images mil-kont 18200143021*

*Dok RG8* — *transaction image ta' €9317.49c mil-kont 18200157101*

*Seduta 2 ta' Lulju 2013*

*Dok DSS(a)* — *pensjoni li tircevi l-attrici*

*Seduta 15 ta' Ottubru 2013*

*Dok AA* — *tmien cedoli prezentati l-Qorti*

*Seduta 15 ta' Mejju 2014*

*Dok Y* — *estratt mil-website tal-Mepa re PA 03001/09*

*Dok Z* — *kuntratt ta ' bejgh tal-fond Birzebbugia tad-19 ta' Mejju 2010 atti Nutar Reuben Casingena*

*Seduta 9 ta' Lulju 2014*

*Dok AA(i)* — *prokura li l-konvenut ghamel lil huh*

*Dok AA(ii)* — *kuntratt tal-akkwist tal-garage f'Bugibba tad-29 ta' Settembru 2005 atti Nutar Roberta Bisazza*

*Dok AAA(iii)* *l-atti tal-medjazzjoni dikjarati maghluqa fit-12 ta' Mejju 2009*

*Seduta 10 ta' Ottubru 2014*

*Dok XX* — *kuntratt ta' bejgh tad-19 ta' Mejju 2010 atti Nutar Ruben Casingena bejn hu l-konvenut P C personalment u ghan-nom tal-konvenut u ommu u Ta' Dernis Property Limited tal-proprjeta f'Birzebbugia ghal prezz ta' €419,200*

*Dok ZZ* — *santa tal-mewt ta' omm il-konvenut li turi li A hija mnizla bhala l-partner tal-konvenut*

*Dok Z* — *cheque ta' €900 li l-konvenut dahhal mil-bejgh tal-vettura Subaru*

*Seduta 15 ta' Gunju 2015*

*Dok AA2* — *affidavit tal-attur*

*Dok AA3* — *affidavit ta' I iben il-partijiet*

*Dok AQ1* — *poezija ta' mhabba minghand J K lil attrici*

*Dok AQ2 sa AQ 6 – dokumenti rigward safra li l-attrici ghamlet ma' J K bejn it-* 3 *ta' Gunju 2009 u l-25 ta' Gunju 2009*

*Seduta 17 ta' Gunju 2015*

*Dok ETC1 –* *employment history sheet tal-attrici*

*Dok DSS 1 –* *l-pensjoni li tircevi l-attrici*

*Seduta 7 ta' Lulju 2015*

*Dok MSE (a) –* *payment history tax-shares li ghandha l-attrici mal-Malta Government Stocks*

*Dok MSE (b) –* *transaction history.*

*Seduta 29 ta' Ottubru 2015*

*Dok Bov 1 sa Bov 12-* *kontijiet f'isem l-attrici mal-Bank of Valletta plc*

*Bov 13 u Bov 14 -* *zewg kontijiet joint it-tnejn maghluqin*

*Bov 15* *gold card f'isem l-attrici*

*Seduta 3 ta' Gunju 2016*

*Dok MA1 sa MA17 – l-FS 3 tal-attrici mis-sena 1994 sas-sena 2010*

*Seduta 23 ta' Novembru 2015*

*Dok M1 sa M6 –* *LFS 3 tal-attrici mis-sena 2005 sas-sena 2008 u 2010 meta irtirat. Is-sena 2009 ma stabitx.*

*Dok M7 –* *juri li l-attrici irtirat fl-20 ta' April 2010*

*Dok Bov (i)-* *cheque ta' €310 mahrug lil Untours Limited*

*Dok MMA –* *employment history sheet aggornata tal-attrici*

*Seduta 4 ta' Lulju 2018*

*Rok RS1 – l-istorja tal-Bank of Valletta ordinary shares f'isem il-konvenut*

*Dok RS2 – l-valur tax-shares fit-2 ta' Lulju 2018*

*Dok RS3 – l-applikazzjoni li kien ghamel originarjament il-konvenut*

*Dok RS4 – credit voucher*

*Dok RS5 – x-share certificate*

*Dok RS6 – l-ittra li hareg il-bank tal-allocation tax-xhares.*

*Seduta 18 ta' Mejju 2018*

*Dok MAA1 – sitt cedoli ta' depozitu mil-Bank of Valletta u HSBC Bank (Malta) plc*

*Seduta 14 ta' Marzu 2019*

*Dok AA- ittra minghand l-avukat tal-konvenut lil attrici jinfurmha li jixtieq is-separazzjoni datata 26 ta' Novembru 2007*

*Seduta 15 ta' April 2019*

*Dok AA(x) – ircevuta ta' curkett li l-attrici tghid li kien tal-gherusija datata 19 ta' Marzu 1977*

*Dok AA (y) – certifikat data 5 ta' Lulju 2015 mis-superjura tal-attrici f'Mater Dei biex turi li hija qatt ma kellha problem fuq il-post tax-xoghol*

*Seduta 24 ta' Gunju 2019*

*Dox (Aax) u (Aay) ) – zewg cedoli prezentati mil-Bank of Valletta wahda fit-18 ta' Lulju 2018 u ohra fit-22 ta' Lulju 2018*

*Dok (K1) sa K 21 – wiehed u ghoxrin (21) ritratt li 20 minnhom juru l-vettura LAE-854 pparkjata fi Triq l-Empire Stadium Gzira bejn l-15 ta' Marzu u s-27 ta' April 2009 u ritratt K11 juri d-dahla talblokk ta' appartamenti bl-isem St Raphael Flats fl-istess triq.*

*Seduta 9 ta' Ottubru 2020*

*Dok (b) – ircevuti ta' kera tal-fond X Triq X Sliema fejn jirrisjedi l-konvenut mil-15 ta' Ottubru 2019 sal-15 ta' Ottubru 2020*

*Seduta 13 ta' Novembru 2020*

*Dok (bb) – ircevuti originali tal-istess ircevuti li gew esebiti fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020*

***Provi dwar il-hajja matrimonjali***

***Fl-affidavit taghha fol 29 et l-attrici*** *tghid li l-partijiet iltaqghu fis-sena 1972 u zzewgu fis-sena 1977 u fl-ahhar tas-sena kellhom l-ewwel tifel , fis-sena 1979 t-tieni tifel, fis-sena 1981 l-ewwel tifla u fis-sena 1986 t-tieni tifla li kollha llum huma maggorenni. Hija tghid li l-hajja matrimonjali kienet wahda mqalba hafna – mil-bidu beda juri distakk emozjonali u fiziku, kien jidher li kellu xi problema pero qatt ma ried jitkellem. Kien ikun imdejjaq u meta kienet issaqsih x'garalu huwa kien jibqa sieket.*

*Kien jahdem fil-kamra tal-emergenza fl-isptar San Luqa u hemm iltaqa ma' nurse A L li kienet tahdem mieghu u beda johrog maghha minkejja li din kienet gharusa lil certu M li kien jahdem fl-ufficju tas-Suprintendent. Hija tghid li mhux l-ewwel darba li kienu jcemplula b'mod anonimu u jghidulha biex tiehu hsieb ir-ragel u meta kienet tghidlu huwa ma kien jirrispondi xejn.*

*Zewgha beda jinbidel u johrog wahdu ta' spiss u kien jghidilha li jkun xoghol bil-lejl u hija kienet temnu. Hija indunat li zewgha li qatt ma libes ic-curkett tat-tieg kien liebes curkett tal-metall abjad b'isem Marija. Kellu wkoll kurcifiss tal-metall isfar b'isem ta' A u meta saqsietu dwarhom huwa ma tkellem xejn. L-attrici tghid li dawn jinsabu fil-pussess taghha.*
*Gara li darba fis-sena 1978 qallha li kien xoghol ta' bil-lejl u ghal habta tad-disgha mar huh ghac-cavetta spare tal-karozza ghax kien irceva telefonata minghand ir-ragel fejn qallu li ghalquh bil-karozza u serqulu c-cwievet. Meta mar d-dar zewgha kien mugugh u kellu wiccu minfuh. Hija qaltlu biex imorru jaghmlu rapport izda huwa ma riedx. Filghodu kellu wiccu kollu mbengelu baqa ma riex jirraporta u qallha li ma jafx min tah ix-xebgha u li pero hija ma kellha x'taqsam xejn. Sena ilu cioe fis-sena 2009 hija saret taf li x-xebgha kien tahielu M l-gharus li kellha A L.*
***Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 in subizzjoni l-konvenut** xehed li l-incident ma' N O gara xi tletin (30) sena ilu u huwa ma kienx jaf li kien l-gharus ta' A. Xehed li dakinhar hareg mil-isptar ta lift lil A d-dar Santa Venera fejn kienet toqghod u kif hargu mil-gate tal-isptar rah jiffolowhom bil-mini minor u flok lejn id-dar gibed lejn il-Belt biex jipprova jeviha. Baqa sejjer warajhom sa fejn il-Yellow garage meta hareg mil-karozza u hadlu c-cwievet tal-karozza. X'diskors sar ma jiftakarx izda jaf li tah daqqa ta' ponn f'wiccu u telaq bic-cwievet, cempel lil huh P biex igiblu li spare key minghand ommu fejn kienu ghadhom joqghodu. A telqet bil-mixi u meta mistoqsi ghaliex dan M tah daqqa ta' ponn il-konvenut wiegeb li ma jiftakarx. Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2012 il-konvenut xehed ukoll li lil mara ma qallhiex dwar dan l-incident u li rapport l-ghassa ma jahsibx li ghamel.*
*L-attrici tghid li l-konvenut beda jbaghti minn ugieh ta' zaqq u rrizulta li kellu l-gebel mal-marrara izda ma riedx jopera ruhu u kien jiehu l-injections tal-ugiegh l-hin kollu u spicca dipendenti fuqhom. Kellu sinjali ta' addiction li ma setax jghaddi minghajrhom u beda jsir aggressiv, jghajjat u jsabbat. Hija u t-tfal kienu jibzghu minnu u t-tfal allahares kienu jibku.*
*F'Marzu 1979 huma ircevew l-invit tat-tieg ta' A L u Q Elwerfilly u hija ma riedetx tmur it-tieg ghax lil kopjja ma kienetx tafhom u tghid li attivitajiet socjali ma kienux imorru ghax zewgha ma kienx irid imur u dejjem igib xi skuza. It-tieg kien fit-23 ta' Marzu 1979 u fl-1 ta' Mejju 1979 twieled it-tieni tifel taghhom. Sadanittant zewgha baqa mugugh u kellu jaghmel l-operazzjoni u wara xorta baqa jiddepenti fuq l-injections ghax ma setghax jaqtaghhom. Sadanittant r-relazzjoni kienet kwazi inezistenti u spicca bil-kemm jitkelmu.*
*Fis-sena 1980 hija regghet harget tqila u zewgha hadha hafna bi kbira, beda jirrabja u jghid li hija taghmel il-mirakli u qallha ara x'ser taghmel izda hija qaltlu li mhu ser taghmel xejn u zewgha spicca ma jkellimhiex ghal zmien twil. It-tifla twieldet fis-sena 1981.*
*Gara li is-sanita baghtu ghal zewgha ghax indunaw b'dak li kien qed jaghmel u kien imur ghand Cherubino u jixtri l-injections minn hemm ghalih u spicca jmur ghand Abraham Galea li dahlu l-isptar ghal kura fejn dam sitt gimghat. Wara gie mhux hazin izda Dr Galea qallha li ma jistghax ifieq ghal kollox.*
*Darba hija fethitlu l-kartiera u hemm sabet ritratt bid-data ta' 22 ta' Ottubru 1977 u ittra datata 20 ta' April 1978 ffirmata minn A u sabet l-invit tat-tieg u sabet li kienet l-istess persuna. Hija ma tkelmet xejn u hafritlu u zammet ghandha l-ittra u r-ritratt.*
*Fis-sena 1985 regghet harget tqila u zewgha rega ghamillha l-istess – jghajjarha u jheddidha biex tara x'taghmel. Hija kienet ma tiflahx hafna u xorta ghajnuna ma sabitx minghandu. Hija*

*tghid li darba kienet fil-kamra tal-banju u zewgha mar warajja u ghasha mal-flashin u kissru biha. Hija tghid li accettata li tbaghti fis-silenzju ghal gid tal-familja. Ir-raba wild, tifla, twieldet fis-sena 1985.*

*L-attrici tghid li meta tfarfru t-tfal hija marret lura ghax-xoghol ghalkemm zewgha ma riediex ghal bidu tohrog tahdem, wara accetta ghax kienet qed tikkontribwixxi waqt li baqghet taghmel kollox id-dar.*

*Dwar il-hajja sesswali l-attrici tghid li din qatt ma kienet tajba u issa cioe fis-sena 2010 meta sar l-affidavit giet inezistenti. Hija indunat li kien hemm xi haga psikologika mill-agir tieghu ghax kien jirrifjuta l-ikel u jorqod tard hafna u kien jibqa mqajjem sas-saghtejn ta' filghodu (2.00am). Hija talbitu jmur ghal kura izda huwa qatt ma ried.*

*Zewgha kien izolha minn kulhadd anke mil-familjari taghha. Meta darba harget mal-gara huwa ghamillha storja. Hija tghid li dejjem wahedhom kienet tmur Parents Day u Prize Day tat-tfal u kienet qisha armla u l-uniku drabi li zewgha mar maghha l-Knisja kien meta t-tfal ghamlu l-pracess u l-Grizma u dan ghax bil-forz.*

*Fis-sena 2005 l-affarijiet qalbu ghal-aghar – beda jkun imdejjaq, irritabbli , ma jiekolx u jghid li ghandu l-ugiegh. Beda johrog u jdum, biddel il-mod kif kien jilbes, beda jixtri l-hwejjeg godda, imur tar id-dar u meta ssaqsieh jghidilha mhux affair taghha. Anke fil-weekends kien johrog u jdum fit-tard. Huwa kien jghidilha li kien ikun xoghol bil-lejl u ma kienx jigi jorqod id-dar. Hija gieli ghamlitlu l-ghassa u l-karozza flok kienet tkun ipparkjata l-airport fejn kien jahdem kienet tkun ipparkjata tas-Sliema wara l-bieb tal-habiba.*

*Gara li l-ittri tieghu ma baqghux jigu d-dar u meta saqsietu qallha li ghandu P.O. Box. Meta siefer u gie lura hija marrret warajh ghax baqa sejjer il-Gzira fejn kien kera flat fejn kien mar joqghod. Hija tghid li anke lilha ratha diehla f'dan il-flat u dakinhar ikkonfermat li din hija l-mahbuba tieghu u hija l-istess A ta' tlieta u tletin (33) sena ilu.*

*F'Novembru 2007 hija irceviet minghand l-avukat tar-ragel li zewgha jrid is-separazzjoni u hija qaltlu biex jekk irid itellaghha l-Qorti ghax hi ma tridx separazzjoni. Hija tghid li l-istress hu kien jikkawzahulha u mhux hi u zewgha telaq mid-dar f'Mejju 2009 fuq parir tal-avukat tieghu ghax skond hu hija kienet qed taghmillu hajtu impossibbli. Hija offrietlu joqghod fid-dar matrimonjali u hija tmur tghix fid-dar li l-partijiet ghandhom San Pawl il-Bahar izda huwa ma riedx.*

*Hija tghid li zewgha waqt il-medjazzjoni gibed hafna flus mil-bank li kienu tal-komunjoni u li manteniment ilu sentejn ma jghaddilha sold.*

*A fol 32 hija tghid li zewgha gie mkecci minn ma' group Pegasus izda r-raguni ma tafhiex; kien jirrifjuta jmur jara xi klijenti; kien jahdem fil-bereg u kien imur meta jidhirlu hu; gie trasferit ghal darbtejn minn dipartiment ghal iehor, kien jghajjarha kerha mitluqa u hoxna, u kwazi waqghet f'dipressjoni; kien jghidilha kliem bhal 'ghad trid tibki' ' ghad tisma b'ahbari,' u lit-tfal ma riediex tlaqqamhom u ma laqmithomx, kien ihoss li ghandu xi poter fuq kulhadd, allahares ma taqbilx mieghu, t-tfal ukoll soffrew mit-tiranija tieghu u wiehed minnhom darba qallha li ghandu seba mitt sena biex jikber u jitlaq u l-iehor qallha li t-trobbija taghhom ma tantx kienet sabiha. Hija tghid li t-tfal qatt ma marru ghandu ghax kienu jibzghu u kienu jinqdew biha bhala medjatrici.*

***Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2016 l-attrici*** *tghid li hi u zewgha iltaqghu meta kienu ghadhom studenti u damu gharajjes xi hames snin u nofs u hija harget tqila qabel z-zwieg meta kienu ftehmu li ser jizzewgu f'Novembru u f'April meta saret taf li hi tqila izzewgu f'Gunju minflok Novembru. Hja tghid li zewgha sfurzhah biex ikollha intercourse u kien kellimha f'dak is-sens li tnehhi kollox u hi ma accettatx. Hija cahdet li lil shabha kienet tghidilhom li bilfors trid tizzewweg tabib qabel ma iltaqghet ma' zewgha. Difatti kien hemm tabib iehor li riedha u hija ma riditux illum miet u kien oftalmologu.*

***Hija*** *tammetti (**seduta 19 ta' April 2016**) li meta zzewgu marru joqghodu mal-genituri tieghu pero kienet l-ghazla tieghu u mhux taghha. Missieru kien dominanit hafna u kien ikollhom xi jghidu maghhom. Wara marru joqghodu H'Attard , maid kultant kien ikollhom. Kienet tmur l-kugina taghhom u l-attrici tghid li kienet tmur tghinha meta kien ikollha baby. Hija cahdet li l-kugina ma baqghetx tmur ghax kisret xi haga u talbitha l-flus taghha izda tammetti li veru kienet kisret xi haga. Meta tlet mid-dar bit-tifel meta kienu ghadhom jghidu mal-genituri tiegh hija marret ghand is-sorijiet tal-Furjana u dan ghamlitu ghax ma felhitx b'ilsien missieru. Missieru kien jghid 'itilquili barra t-tnejn'.*

*Hija tammetti li zewgha kien jghin fix-xoghol tad-dar u xoghol ta' maintenance fid-dar u kien jaghmel aktar milli suppost pero hu ma kienx ikun irid nies d-dar. Huwa gieli wassal it-tfal l-iskola meta jkun jista, lunches tat-tfal kien jipprepara kultant izda mhux regolarment. Hija kienet iccempel fuq programm ta' radjo biex tesprimi opinjoni fi programm ta' natura socjali izda fuq il-familja qatt ma tkelmet fuq ir-radjo.*

*Qabel izzewget kienet tahdem mis-sena 1971 sas-sena 1977 bhala midwife. Hija hadmet l-isptar f'Malta u fl-isptar Ghawdex. Meta zzewget kellha tirrizenja ghax dak iz-zmien hekk kienet is-sistema u kienet hadet LM700 maturity grant li uzat ghat-tieg. Wara li kellha erbat itfal f'Ottubru 1994 dahlet tahdem part time midwife u wara ghamlet interview ghal full timer u bdiet tahdem full time sakemm ghalqet is-sittin (60) sena.*

***Fl-affidavit tieghu (seduta 15 ta' Gunju 2015) il-konvenut xehed*** *li martu kienet dejjem meqjusa bhala l-black sheep tal-familja mil-familja taghha – hija mara dominanti u pussessiva tant li kull fejn tkun tohloq problemi ghax trid li dejjem tghaddi taghha u timponi dak li temmen fuq haddiehor. Dan il-karattru xekkel ir-relazzjoni ta' bejniethom.*
*Meta iltaqghu fis-sena 1972 huwa kien ghadu student tal-medicina u hija qed tistudja ghal nurse u damu hames (5) snin gharajjes. Fis-sena 1977 martu harget tqila u fi ftit xhur izzewgu ghax dak iz-zmien kien taboo li mara tohrog tqila qabel tizzewweg. Skond hu t-tqala kienet ippjanata u intenzjonata sabiex ikollha skuza biex tizzewgu ghax man-nies martu kienet tghid li 'Jekk ma tizzewwigx tabib ma tizzewweg lil hadd'.*
*Tul l-gherusija minhabba l-istudji li kellhom ma tantx kienu jiltaqghu u ftit kellhom cans li jsiru jafu lil xulxin u z-zwieg ghalih gie bla mistenni.*
*Meta zzewgu fl-4 ta' Lulju 1977 marru joqghodu mal-genituri tieghu ghax ma kellhom xejn ippjanar. Martu kien ikollha hafna clashes ma' ommu u huwa kien isibhom jitlewmi u gieli sab lil ommu imbikkma minhabba l-agir u l-karattru skifuz ta' martu.*

*Fid-29 ta' Dicembru 1977 twieled l-ewwel tifel I u darba minnhom meta mar lura d-dar ma sabx lil martu u lanqas lit-tifel u spicca jfittixhom ma' kullimkien . Ghamel jumejn jinkwieta fejn setghu marra u wara jumejn cemplet iz-zija taghha u saqsietu kienx lest jaccettaha lura d-dar u huwa accettaha. Dan gara drabi ohra li martu titlaq mid-dar – difatti fit-13 ta' Novembru 2008 hija telqet mid-dar waqt li kien xoghol u binthom G qaltlu biex lilha ma jinvolvihiex. Cempel l-gnaecology ward fejn kienet tahdem u qalul li martu kienet hadet gimgha leave. Wara saf jaf li martu kienet l-isptar pazjenta u lil zewgha ma qaltlu b'xejn; fl-14 ta' Novembru 2008 ghamel rapport fl-ghassa ta' Birkarkara li martu kienet missing biss mill-ghassa qalulu li riedu jghaddu 48 siegha biex setgha jaghmel rapport ta' missing; l-ghada rega mar l-ghassa u talbuh l-contact details taghha u huwa ghaddha l-contact details taghha , tat-tfal bniet u ta' oht il-mara li kienet soru; fis-16 ta' Novembru 2008 ghal habta tal-5pm huwa kien id-dar u martu regghet lura d-dar hadet toast u regghet harget mid-dar.*

*Ghamel rapport iehor fl-ghassa li martu kienet missing f'Gunju 2009 meta martu damet aktar minn ghoxrin (20) gurnata nieqsa u ftit wara skopra li martu siefret ma' J K u dan kif jirrizulta minn Dok AZ2. Fil-fatt jirrizulta li hija telqet minn Malta fit-3 ta' gunju 2009 u minn hemm marru Frankfurt hija u J K fejn qaghdu gewwa Hotel Mercure Frankfurt Airpost u ghamlu lejl hemm sal-4 ta' Gunju 2009 f'kamra wahda Queen Size bed kif jirrizulta minn Dok AQ3 sa AQ6. Fl-4 ta' Gunju 2009 hija u J K qabtu titjira lejn Seattle l-Armeric u fit-12 ta' Gunju taru ghal Las Vegas u minn hemm marru Detroit u fl-24 ta' Gunju 2009 taru lura lejn Frankfurt u fil-25 ta' Gunju 2009 waslu lura Malta. Darba fost ohrajn kien anker a fil-karozza ma' dan W K u sar jaf u raha tmur ghandu u ssajjar fid-dar tieghu. Il-konvenut jghid li meta kienet tmur ghand W kienet tipparkja l-karozza fil-garaxx tieghu biex ma taghtix fil-ghajn.*

*Fl-1 ta' Mejju 1979 twieled it-tieni tifel D . Sadanittant xtraw l-art f'Hat-Attard u bnewha u marru joqghodu fiha fis-sena 1980. Fis-6 ta' Mejju 1981 twieldet l-ewwel tifla F u fit-22 ta' April 1986 twieldet G ir-raba wild taghhom.*

*Il-konvenut jghid li tul dawn is-snin kollha kien hu biss l-bread winner tal-familja u kien jahdem sieghat twal u l-flus kollha li kien jaqla mix-xoghol full-time bhala tabib gewwa l-Isptar Saint Luke's u l-part-time li kien jaghmel kien jghaddihom lil mara fil-joint account li kellhom u l-mara kienet tmexxi l-flus hi u huwa ma kienx ikun jaf x'qed taghmel bil-flus.*

*Skond il-konvenut il-problemi bdew fis-sena 1994 meta l-mara harget tahdem. Hija bdiet iccempel fuq programmi tar-radju u titkellem dwar il-problema li kellha cioe li riedet tohrog ghax-xoghol. Huwa ma kienx tal-fehma li martu tohrog tahdem ghax ma kellhiex ghalfejn. Izda darba marret fuqu u qaltlu li sabet xoghol part time l-isptar Saint Luke's u ghalkemm qallha li ghalih tibda d-dar tiehu hsieb it-tfal hija marret tahdem. Wara fti xhur qalbet full time u spiccat tmur lura d-dar tard. Skond hu l-iskop ta' martu kien dejjem li tahdem full-time.*

*Meta martu bdiet tahdem fis-sena 1994 huwa kellu jadatta s-sieghat tax-xoghol tieghu biex ikun disponibbli ghat-tfal – beda iqum aktar kmieni biex imur jixtri mil-hanut, jipprepara l-lunch ghat-tifal ghall-iskola, wara nofsinhar jistenna lit-tfal jigu mill-iskola u jippreparahom l-ikel sabiex ikollhom x'jieklu u wara kien imur ghax-xoghol ta' tabib. Ma shabha kienet tghid li allahares ma kienx ir-ragel ghax kieku ma kienetx tohrog tahdem. Il-konvenut jghid li l-hin ghat-tfal kien isibu bejn ix-xoghol principali u l-parti time tant li lanqas kien jistrieh. Anke ghal-lezzjonijiet tal-privat kien iwassal it-tfal hu u dan ghax martu kienet iddum xoghol.*

*Il-konvenut jghid li mat-tfal kellu relazzjoni tajba tant li fis-sena 1999 kien xtrara lis-subien karozza kull wiehed u karozza Subaru li kienet tuza unikament il-mara.*
*Martu kienet tidhol tard id-dar u ma kienetx tmur id-dar straight wara li tispicca mix-xoghol u darba minnhom anke dahlet id-dar b'riha qawwija ta' xorb u bdiet hajja ta' xalar u divertiment mhux denju ta' mara mizzewga b'erbat itfal.*
*Fit-28 ta' Ottubru 2008 martu irceviet poezija pjottost romantika u ta' mhabba minghand J K sive W u pprezentha Dok AZ1. Martu kompliet tinbidel ghall-aghar u saret persuna totalment differenti fil-konfront tieghu u dan billi tghajru u theddu fosthom:*
*Fis-17 ta' Jannar 2001 il-konvenut jghid li martu qaltlu: ghalhekk qed immure ix-xoghol biex ma narax lil wiccek. Anke r-riha tieghek iddejjaqni.*
*U Fis-16 ta' Mejju 2001 qaltlu: M'ghadnix inhobbok izjed..immorru ghandu avukat, naqsmu bonarjament.. jien jew inti Bugibba.*
*U Fit-13 ta' Dicembru 2001 qaltlu: Jiena kapaci nixtri u naghmel.. int ma tasal qatt. Mur u hallini wahdi…*
*Illi fit-13 ta' April 2009 fis-sitta ta' filghodu (6am) il-konvenut xehed li waqt li kien qed jipprepara biex imur ghax-xoghol martu marret u akkuzatu li kien qed jisraq l-elettriku li kien gielha taghmel abort u li kien ghen terza persuna biex taghmel abort. Huwa kien ghamel rapport l-ghassa. L-ghada waqt li huwa kien qed jipprepara l-breakfast ghat-tfal huwa jirrakonta diversi incidenti ta' provokazzjoni li ghamlet martu bhal meta tmur warajh fejn ikun u tghajru , tonfoh f'wiccu u anke tigi waraj bil-qalziet ta' I biss u ssabbat fuq il-warrani taghha.*
*Rigward l-flus li kienet iddahhal mil-paga taghha huwa jghid li bejn is-snin 1994 u 2000 martu dahlet madwar €300,000 tenut kont li l-paga li kienet iddahhal martu kienet ftit anqas minn teighu. Flus li kienet taqla zammithom ghaliha.*
*Fil-15 ta' Mejju 2009 huwa telaq mid-dar matrimonjali fuq parir tal-avukat tieghu ghax is-sitwazzjoni kienet intollerabbli ghall-ahhar – twerqieq u provokazzjonijiet kuljum, tghajjir b'familtu u r-razza kollha, waqfet issajjru minn snin qabel, meta isajjar tpoggih fil-fridge u tikteb 'do not touch', waqfet taghmel l-facendi tad-dar, bdiet tohrog spiss u tiltaqa ma shabha tax-xoghol u tmur lura d-dar tard. It-tfal bniet kienu jafu li kellha partner mil-bidunett . darba fuq il-mobile taghha kellha messagg fejn W qallha li kellha zewgt itfal sbieh. Huwa jghid li martu kienet iddotrinathom.*
*Il-konvenut jghid li tlett snin ilu (cioe fis-sena 2012) hija marret xi laqgha ma shabha f'Cipru u hadd ma ried joqghod maghha fil-kamra minhabba l-karattru difficli taghha. Anke li staff tar-Residenza San Vincenz de Paul jiftakruha meta kienu ghadhom student u jiftakru l-karattru ahjar u kif dejjem kienet tirraporta lil shabha. Martu skond il-konvenut thobb tkun taf fuq kulhadd u tiggieled ma' kulhadd. Anke ma ommha tiggieled ghax kienet izzomm lil mara ta' huha d-dar ghandha wara li huwa ghamel suwicidju minhabba dipressjoni. Anke ghax jaghti pocket money lit-tifal kienet tehodha kontra tieghu ghax kienet tghid li qed jaghtihom hafna pocket money. Lil uliedu finanzjarmanet ghenhom kif setgha u uliedhom kollha baqghu jistudjaw post graduate Malta u barra minn Malta.*
*Re para 15 affidavit* ***konvenut in kontro-ezami*** *(**seduta 15 ta' Mejju 2019**) il-konvenut xehed li dan mhux l-ewwel darba li gara ; li l-mara tixrob aktar minnu kienet u li kienet tohrog mal-kollega taghha frekwentement u gieli kienet tiehu t-tifla maghha izda mhux dejjem.*

*Re para 16 affidavithuwa xehed li d-dati ma jiftakarhomx meta mistoqsi li d-data tal-kartolina hija l-istess data li l-avukat tieghu fetah il-proceduri ta' separazzjoni.*
*Re para 17 affidavit il-konvenut cahad li kien jghajjarha kera u mitluqa u ara ssibx xi kennies u dan ghax hi tabib riedet mhux kennies. Huwa cahad li qatt kisser il-flushing tat-toilet meta l-mara kienet bilqeghda fuq it-toilet.*
*Re para 18 affidavit – dwar l-incident tat-13 ta' Novembru 2008 xehed li d-data jiftakarha ghax kien kiteb id-data fuq nota u meta gie suggerit lilu li d-data tal-incident kienet fil-31 ta' Dicembru 2008 u mhux fit-13 ta' Novembru 2008 huwa wiegeb li jzomm ma' dak li kiteb cioe mad-data tat-13 ta' Novembru 2008. Meta gie spjegat lilu li l-incident kien li l-mara marret ghax-xoghol u hassitha ma tiflahx zammewha l-isptar u sabha ssofri minn pneumonia l-konvenut wiegeb li issa qed jisma x'gara ghax ma jafx li kienet qeghda l-ispar. Huwa sar jaf li kienet l-isptar izda 'mhux on that date'. Dwar ir-rapporti li ghamel l-ghassa huwa kopja ma ghandux u ma jahsibx li l-pulizija hadu passi.*
*Dwar para 18(b) affidavit - meta l-mara marret 'missing' ghat-tieni darba, ma jiftakarx jekk dan kien meta l-proceduri ta' separazzjoni kienu diga bdew. Huwa jammetti li huwa beda l-proceduri ta' separazzjoni u ma kompliex u oha li fethet il-mara.*
*Re para 19 affidavit - il-konvenut tenna li kopja tar-rapport ma ghandux u dan l-ghassa jinsab u li minghand il-pulizija ma sema xejn in konsegwenza ta' dan ir-rapport.*
*Re para 23 affidavit il-konvenut xehed li l-mara xogholha kien ta' scale 10 u jekk fl-ahhar saret scale 9 huwa ma jafx. Huw akien scale 6 u ma jaqblix li scale 6 jaqla akar minn scale 9 jew 10 u dan ghax fi zmienu N.O. kien jaqbad daqs tabib. Huwa kien jaghmel overtime u l-Hadd pero ma kienx jaqla daqs in-nursing officer. Huwa l-paga tal-mara qatt ma ra u qatt ma qaltlu x'taqla. Il-paga taghha kienet tmur fil-kont taghha u tieghu fil-kont kongunt.*
*Re para 25 affidavit - huwa kkonferma li fil-15 ta' Mejju 2009 telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix fi flat il-Gzira gewwa 33 Stadium Street li kera u dam tlett snin jghix fih. Huwa kien krieh minghand certu Anthony Vassallo mis-Siggiewi pero ma jafx fejn kien joqghod.*
***In kontro-ezami (seduta 14 ta' Marzu** 2019) il-konvenut ammetta li l-proceduri ta' separazzjoni bdew fis-26 ta' Novembru 2007 meta l-avukat tieghu baghat ittra lill-attrici jinfurmaha li zewgha jrid is-separazzjoni.*
***Dwar l-affidavit addizzjonali tieghu li pprezenta fit-12 ta' Gunju 2015** huwa spjega li li meta qal li martu kienet meqjuza l-black sheep tal-familja dan ghax kull darba li titla Ghawdex kulhadd jghid fuqha ghax iggelled lin-nies u tghajjar lil ommha qahba. L-ahwa ggellidhom kontra xulxin. Dan kien jigri fiz-zwieg mil-bidu. Huwa xehed li fuq ix-xoghol hadd ma jahmilha ghax izzekzek fuq dak u fuq l-iehor u anke t-tfal semughuha tghajjar lil ommha poxtija. Mistoqsi ghaliex ma ressaqx xhieda dwar dan il-konvenut wiegeb li ghax deherlu li ma kienx bzonn. Huwa xehed li fil-familja tieghu jkollhom argumenti izda mhux tat-tip ta' star wars. She is the boss at home u hija dejjem twerzaq id-dar. Hija kienet il-boss ghax kienet tipprova tintoghgob u l-karattru hareg wara z-zwieg.*
*Huwa xehed li kienu iltaqghu fis-sena 1975 u zzewgu sentejn wara ghalkemm fl-affidavit semma li damu hames snin gharajjes u meta gie suggerit lilu li iltaqghu fis-sena 1971 l-konvenut wiegeb li llum ma jiftakarx.*
*Il-konvenut jammetti li l-attrici kienet bil-ghaqal f'dak li jirrigward flus. Huwa kien jaghitha kollox- erbat itfal, erba karozzi. Hija dak iz-zmien ma kienetx tahdem u meta bdiet tahdem flus*

*dejjem minn tieghu harguu li taqla hi zammithom ghaliha f'account ghaliha u lilu ma kienet turih xejn x'qed iddahhal.*

*Huwa ta' karattru fommu sieket u komunikazzjoni ma kienx hemm ghax 'I am always at the receviving end.' Meta jigu t-tfal minn barra dejjem tghidilhom li qed jahlulha d-dawl u thedded li tkeccihom i-barra. Meta tkelmu biex jigbed ftit flus. Kien hemm zmien meta qabel id-9pm ma kienetx tidhol id-dar u bilkemm kienu jaraw lil xulxin.*

*Meta martu bdiet tahdem l-erbat itfal li kienu imfarfrin kien jiehu hsiebhom hu – jaghtihom x'jieklu u jwasssalhom l-iskola. Huwa jghid li martu kienet taghmel overtime sad-9pm jekk kienet tahdem mis-7am sat-3pm. Huwa kien jispicca mix-xoghol fit-3pm u lit-tifal kien ilestilhom l-ikel ghal meta jigu lura mill-iskola. Huwa jammetti li ma kellux hinijiet ta' xoghol dak iz-zmien. Kien jahdem l-airport clinic, kellu private practice u jattendi tlett spizeriji kuljum mit-Tnejns al-Gimgha u ghamel zmien is-Sibt filghodu u fil-weekend jahdem bir-roster. Huwa kien jagheml l-ikel lit-tfal, hoover bejn vizta u ohra u hi tafu xan ghax ma kienet taghmel xejn qabel titlaq ghax-xoghol.*

*Huwa jammetti li kienet tqila qabel iz-zweig u jichad li riedha taghmel abort. Hi kienet midwife l-isptar ta' Ghawdex meta harget tqila. Meta izzewgu marru joqghodu ma ommu u glied kuljum ma ommu kien ikollhom.*

***Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019 l-konvenut** spjega li l-mara l-overtime kienet taghmlu mhux l-ahhar sentejn qabel spiccat mix-xoghol biss. Huwa rega tenna li mil-flus li kienet taqla hi huwa qatt ma ra penny mil-paga taghha. Fil-bidu kienet tispicca fis-3pm u dan fl-ewwel snin izda imbaghad tawlet il-hin u t-tfal kienu jkunu d-dar meta hija tasal lura mix-xoghol. Huwa jghid li kienet tixrob aktar minnu kienet tohrog ma' kollega taghha frekwentement u gieli anke hadet tit-tifla maghha.*

*Dwar ic-curkett tal-gherusa (**seduta 15 ta' April 2019**) meta muri l-ircevuta datata 19 ta' Marzu 1977 il-konvenut wiegeb li ma jistghax jghid jekk kienx dan ic-curkett tal-gherusija. Huwa xehed li I l-ewwel wild twieled fid-29 ta' Dicembru 1977 u skond l-ircevuta c-curkett inxtara qabel ma harget tqila. Huwa jammetti li ta lil mara c-curkett tal-gherusija u brazzuletta pero ma jafx kien qabel jew wara li hija harget tqila izda jaf li kien sett. Meta muri dokument AA(y ) tal-5 ta' Lulju 2015 li jfahhar lill-attrici f'xogholha Mater Dei l-konvenut wiegeb li dan id-dokument ma ghandux x'jaqsam ma li xehed fis-seduta l-ohra li hi kienet tiggieled ma' kulhadd fuq il-post tax-xoghol.*

*Re Para 8 affidavit tieghu huwa xehed li meta l-attrici hadet it-tifel u ghamlet jumejn barra mid-dar ma kienx jaf fejn marret; jaf li gie lura mix-xoghol u ma sabhomx id-dar u ommu qaltlu li martu kellha clash maghha u sar fejn fejn qeghda meta cemplet zijitha.*

*Wara dan l-incident il-konvenut jammetti li bdew ifitxu plot biex jibdu d-dar matrimonjali u sabu plot h'Attard fejn ghandhom id-dar matrimonjali llum. Kien bniha r-ragel ta' ohtha certu Charles Meilaq li skond il-konvenut kien hadilhom hafna flus.*

*Meta mistoqsi li kien jonfoq flus fil-vizzju tad-droga l-konvenut ghazel li ma jirrispondix. Anzi xehed li ghad-droga ma kienx jonfoq flus u meta mistoqsi li kien jiehu droga Petidina u Morfina huwa wiegeb li ma jirrispondix u mistoqsi jekk hux veru li ghamel sitt 96) gimghat l-isptar taht il-kura ta' Dr Abraham Galea, huwa wiegeb li l-paga kien u baqet tidhol u sick leave meta jimrad xi hadd kien jiehu. Huwa jammetti li l-mara kellha ttella t-tifla Ghawdex meta huwa kien l-isptar u li l-mara kienet tmur tarah regolarment f'dak il-perjodu.*

***In kontro-ezami (seduta 15 ta' Mejju 2019****)* *il-konvenut meta mistoqsi kemm kien jonfoq flus ghad-droga aghzel li ma jirrispondix.*
*In kontro-ezami (****seduta 24 ta' Gunju 2019****) il-konvenut cahad li l-mara waqfet issajjarlu ghax hu ma kienx jghaddilha l-flus u spjega li huwa ma waqaf qatt ihallilha l-flus u waqaf meta telaq mid-dar. il-flus kienu dejjem f'idejha u huwa kien isib noti fil-friedge 'don't touch' u huwa ma jsaqsihiex ghax kienu diga bil-glied. Kienet taghmillu l-mutetti tohrog fil-bieb ta' barra gharwiena tghajru. Il-konvenut cahad li redirection tal-posta ghal Gzira ghamilha qabel ma telaq mid-dar matrimonjali.*
*Lit-tfal huwa xehed li ghenhom finanzjarment kemm setgha li ghalkemm kellhom scholarships barra minn Malta xorta ghenhom. Meta ghalqu tmintax-il sena xtralhom karozza, u kien ihalsilhom l-insurances, fuel pocket money, fees barra meta Malta kienet ghadha mhix fl-Unjoni Ewropeja, kera tal-appartamenti li kienu jikru barra minn Malta. Anke meta hadu l-Masters ghenhom.*
*Huwa xehed li jekk il-mara taghat lit-tifla wiehed u tletin elf ewro (€31,000 biex tixtri maisonette dan ma jafux u anzi kompla li ghalhekk mela geldet it-tfal u gabet il-pulizija meta t-tieni wiehed ried ikrisrilha kull ma hemm meta sar jaf. Huwa cahad li kien hu li kixifha mat-tfal l-ohra u qallhom li ommhom tat il-flus lil binthom l-ohra F. F ilha ma tkelmu mis-sena 2007 u ghalkemm huwa pprova jkellimha hija ma tridx taf bih. Jaf li tahdem Oncology Mater Dei pero ma jafx x'sar minnha llum. It-tifla l-ohra G tghix barra minn Malta u l-ahhar li kellimha kien fil-birthday taghha f'April tas-sena l-ohra. D u I iz-zewgt itfal l-ohra jghixu barra, D Southampton u I Londra u I icempillu ghal Father's Day u ghal birthday tieghu. Lil D rah s-sena l-ohra meta kien Malta u meta jkun Malta jinfurmah. Meta I u D jigu Malta jghixu ma ommhom. U G meta tkun Malta lanqas tinfurmah u ma jafx fejn qed tghix. Meta gie infurmat li D jghix Hampshire l-konvenut wiegeb li ma qallux.*
***It-tifel tal-partijiet I C*** *fl-affidavit tieghu (seduta 15 ta' Mejju 2015 xehed li huwa ilu jghix barra minn Malta minn Settembru 2000 u li meta kien ghadu d-dar s-sitwazzjoni bejn il-genituri tieghu kienet purament wahda ta' koperazzjoni fl-interess biss taghhom it-tfal u ma kienx hemm relazzjoni ideali fil-fehma tieghu meta mqabbli ma' relazzjoni kif jixtieq li tkun hu. Lilu u lil huhu tawhom il-possibilita li jistudjaw u ssapportjawhom finanzjarjament fl-istudji taghhom kemm f'Malta u kemm barra minn Malta. Huwa qatt ma ra display of affection bejn il-genituri tieghu – missieru karattru kwiet u ta' ftit kliem, wisq ftit klikem imma defika ghal professjoni medika tieghu. Missieri kellu iktar minn impenn wiehed u xoghol kien jitlob li jkun gej u sejjer id-dar f'hinijiet mhux prevedibbli.*
*Ommu kienet tahdem nurse l-isptar b'sieghat Fissi titlaq kmieni filghodu u tmur lura d-dar fl-4pm. Ommu ghandha karattru spontanju u jiddispjacih jghid li gieli ghandha tendenza ma tqisx l-konsegwenzi ta ' li tghid. Ghalhekk ghandhom karattru kontra ta' xulxin u l-interess komuni ta' bejniethom hu biss l-benessere tat-tfal. Huwa jiftakar lil missieru jaghmel hafna xoghol id-dar kien imidd idu d-dar bhal jghin fit-tindif tad-dar, isajjar, jiehu hsieb ifarfar kwazi daqs ommu. It-tibjid fid-dar hu kien jafhmlu u meta huma kienu jkunu villaggjatura missierhom kien jibqa fid-dar ta' H'Attard biex ibajjad fejn kien mehtieg. Ommu kienu tizbarazza u tnaddaf. Missieru qatt ma stenna li jsib l-affarijiet lesti u jekk kien hemm bzonn xi haga ssir u ommu kienet xoghol kien jaghmilha hu. Bhala famila qatt ma hargu flimkien la safar, la ristorante u la cinema. Huwa jghid li missieru kien imur tajjeb mal-familja ta' ommu*

*dan setgha jarah meta kienu jitilghu Ghawdex ghand in-nanniet materni , mentri ommu ma kienetx tmur tajjeb mal-familja ta' missieru. Skond ix-xhud is-separazzjoni ma kienetx sorpriza ghax hekk kif huma cioe l-ulied hadu l-istat taghhom il-hin taghhom spicca f'vacuum.*

*Iz-zewg partijiet jakkuzaw lil xulxin b'adulterju u t-tnejn jikkontendu li r-relazzjoni li ghandhom ma' W l-attrici u ma' A l-konvenut hija wahda ta' hbiberija biss.* ***Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014 il-konvenut xehed*** *li r-relazzjoni tieghu ma' A Elwefelly hija wahda ta' hbiberija u meta muri s-santa tal-mewt ta' ommu fejn A tnizlet bhala l-partner tieghu, l-konvenut wiegeb li bhala partner hbieb jifhem kif martu ghandha l-partner taghha u tlaqqghu mat-tfal u ssiefer mieghu l-Alaska u* ***l-attrici fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2016*** *tichad li ghandha relazzjoni mieghu huwa habib.*

*Fl-affidavit tieghu l-konvenut (**seduta 15 ta' Gunju 2015**) xehed li fit-28 ta' Ottubru 2008 martu irceviet poezija pjottost romantika u ta' mhabba minghand J K sive W u pprezentha Dok AZ1. Din il-poezija fost il-hafna kliem tghid : You've allowed me to experience something very hard to find uncontional love that exists in my body, soul and mind.*

*U xehed ukoll li kien ghamel rapport iehor fl-ghassa li martu kienet missing f'Gunju 2009 meta martu damet aktar minn ghoxrin (20) gurnata nieqsa u ftit wara skopra li martu siefret ma' J K u dan kif jirrizulta minn Dok AZ2. Fil-fatt jirrizulta li hija telqet minn Malta fit-3 ta' Gunju 2009 u minn hemm marru Frankfurt hija u J K fejn qaghdu gewwa Hotel Mercure Frankfurt Airpost u ghamlu lejl hemm sal-4 ta' Gunju 2009 f'kamra wahda Queen Size bed kif jirrizulta minn Dok AQ3 sa AQ6. Fl-4 ta' Gunju 2009 hija u J K qabtu titjira lejn Seattle l-Armeric u fit-12 ta' Gunju taru ghal Las Vegas u minn hemm marru Detroit u fl-24 ta' Gunju 2009 taru lura lejn Frankfurt u fil-25 ta' Gunju 2009 waslu lura Malta. Darba fost ohrajn kien anker a fil-karozza ma' dan W K u sar jaf u raha tmur ghandu u ssajjar fid-dar tieghu. Il-konvenut jghid li meta kienet tmur ghand W kienet tipparkja l-karozza fil-garaxx tieghu biex ma taghtix fil-ghajn.*

***L-attrici*** *(**seduta 3 ta' Gunju 2016**) tghid li lil W tafu bhala habib u ilha tafu xi sitta jew seba snin wara li l-medjazzjoni falliet. It-tfal jafuh u hija introducietu lilhom. Anke siefret mieghu u dan gara mindu r-ragel ma baqghax ikellimha – marru Alaska u l-Amerika gita wahda, u cruise, l-Germanja u l-Ingilterra tmur tara t-tfal u hu jitla for health reasons.*

*L-ewwel darba li siefret ma' W kien xi sitta jew seba snin ilu l-Germanja u zewgha mar jirrapurtaha nieqsa bhala missing person u mar jghid lil ohtha s-soru li inkwetat u bmiet hafna. Huwa jhalsilha l-holidays ghax wahdu ma jmurx u hi tiehu spending money. Hija tammetti li huwa kien mar maghha social gathering mal-kollegi qwiebel taghha pero wara qallha li hemm ma kienx postu. Hija tichad li ghandha relazzjoni mieghu huwa habib izda tammetti li gieli marret ghandu izda mhux biex issajjarlu. Mistoqsija li flewwel anniversarju W baghtilha love letter hija wiegbet li dan nizzel poezija minn fuq l-internet u baghtielha u hija ma rrispondietu xejn u kopja taghha tinsab esebita fil-kawza. Hija tghid li messaggi W jibghatilha pero ta'*

*emozzjoni ma tahsibx. Hija tghid li qatt ma tista tkun happy u tkun happy biss mar-ragel u t-tfal.*

***Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013 il-konvenut** in subizzjoni xehed li lil A Elwefelly ilha tmur ghandu ghal dawn l-ahhar sentejn u kemm ta' spiss ma joqghodx jghodd. Ir-relazzjoni huwa spjega bhala wahda ta' hbiberija u li ilha sejra sentejn hlief fis-sena 1976 meta kienu l-casualty jahdmu flimkien. Hija siefre u ma baqghux jiltaqghu u meta giet lura ma ghmlux kuntratt. Regghu hbieb meta sentejn ilu iltaqghu ghal drink flimkien.*

***A H** xehdet tlett darbiet f'dawn il-proceduri. Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 xehdet li kunjomha xebba kien L u llum ghandha sitta u hamsin (56) sena. Fis-sebghinijiet kienet tahdem l-isptar bhala nurse u ghamlet zmien tahdem il-casualty l-emergenza. Hija kienet tahdem mieghu l-casualty u dan kien fis-snin sebghin u damet tahdem mieghu xi sentejn meta izzewget fis-sena 1979 u siefret minn Malta. Hija ghamlet sittax-il sena imsiefra 'straight' Tripli l-Libja u giet lura Malta fis-sena 1995.*
*Hija xehdet li r-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet ta' nurse-tabib u daqshekk. Meta murija r-ritratt Dok (i) hija gharfet lilha nnifisha u l-kitba li hemm fir-ritratt ma tiftakarx li kitbitu hi ghax il-kitba mhix taghha. Biss fid-data indikata fir-ritratt hija kienet tafu lil konvenut. Kif dan ir-ritratt wasal ghand il-konvenut hija ma tiftakarx. Murija ittra Dok II hija wiegbet li l-handwriting ma taghrafhiex u lanqas tiftakar li baghatet ittri.*
*Fl-20 ta' April 1978 d-data tal-ittra hija ma tiftakarx kienetx Tripli biss qabel ma zzewget Tripli ma telghetx ghax nisa mhux mizzewgin lanqas setghu jidhlu Tripli dak iz-zmien. Lil konvenut hija ma jidhirliex u ma tiftakarx kienetx tiktiblu ittra. Mistoqsija tiftakarx li l-ittra Dok II baghtitha ma airhostess kif hemm miktub fl-ittra hija wiegbet li r-ragel kien jiehu hsieb l-posta u jmur l-airport u jibghatha ma' min irid.*
*Meta kienet tahdem mal-konvenut l-konvenut ma kienx mizzewweg u meta qallha li t-tfajla tqila huwa qallha li ser ikollu jizzewwigha u ma baqghux jitkelmu u hija izzewget ukoll. Hija kkonfermat li zzewget fit-23 ta' Marzu 1979 u l-konvenut izzewweg fis-sena 1977 u meta izzewweg hija ma baqghetx tahdem il-casualty u marret tahdem l-outpatients. Meta murija Dok iii hija kkonfermat li dak huwa l-invit tat-tieg taghha u ma tiftakarx jekk il-konvenut kienx mar it-tieg taghha. Lir-ragel iltaqghet mieghu tlett (3) xhur qabel izzewget. Ix-xhud ma tiftakarx l-incident tal-Phoenicia pero tammetti li l-ex boyfriend qabel ir-ragel kien jismu M u kien jahdem l-isptar bhala messaggier u hasret ghax kien sikkanti u kien ghajjur ghal kollox . Hija lanqas tiftakar jekk hija u l-konvenut ffrekwentawx lil xulxin meta huwa kien diga mizzewweg. Dwar ic-curkett engraved 'A' li jilbes l-konvenut ritratt Dok iv hija wiegbet li ma tiftakarx li taghtu dan ic-curkett u murija s-salib u l-engraving ta' wara s-saliab f'ritratti Dok V u Dok Vi ix-xhud A H wiegbet li lanqas per idea ma taf b'dan is-salib ghax lil konvenut li hija ssejjah 'Dr C' hija tghid qatt ma taghtu rigali.*
***Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2012** hija ftakret l-incident tal-Phoenicia u xehdet li l-konvenut kien ta lift u l-gharus li kellha peress li kien jahdem l-isptar rahom u hareg warajhom u kif indunaw bih u biex ma jinqalax inkwiet il-konvenut baqa jsur u waqt hdejn il-Phoenicia biex jipprova jaharbu. Mif waqfu l-gharus li kellha waqaf warajhom u ta daqqa ta' ponn lil konvenut. Hija marret wahedha d-dar b'tallinja. Jekk mar huh bi cwievet dan sar wara li telqet*

*hija minn fuq l-post. Lil konvenut wara saqsietha x'gara. Dwar is-safar fi Tripli hija xehdet li wara s-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 ftakret li kienet marret Tripli ghal holiday izda ma tiftakarx li baghetet l-ittra. Biss il-kitba fuq ir-ritratt hija taghha.*
*Dwar ic-curkett u s-salib dok iv, Dok v u Dok Vi hija ma ftakritx dwarhom u mhux taghha izda tal-attrici ghax hi jisimha A bhalha. Dwar l-invit hija stednitu ghat-tieg taghha lil konvenut kif stiednet lil shabha l-ohra li jahdmu maghha.*
***Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012** l-istess xhud spjegat li fl-20 ta' April 1978 hija kienet marret Tripli ma habiba taghha R Camilleri u r-ragel taghha li jismu S u kkoregiet dak li xehdet fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2012 u spjegat li nisa minghajr ir-ragel maghhom jew minghajr huhom ma setghux jidhlu Tripli cioe nisa wahedhom ma setghux jidhlu Tripli. Mistoqsija ghax kitbet fir-ritratt Missing you a lot your love A meta fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 hija xehdet li r-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet ta' tabib u xejn izjed hija wiegbet li ma fiha xejn hazin b'daqshekk u l-hbieb tista timmissjhom. Hija tammetti li hija l-kaligrafija taghha. Hija tammeti li gieli marret ghand il-konvenut fil-flat il-Gzira u dan ghax jistedinha ghal café u ghal café biss u dan jigri xi darbtejn fil-gimgha jew darbtejn f'xahar. Huma jiltaqghu barra u xi drabi l-flat tieghu. Ommha li jisimha T u li kienet toqghod Qormi Road Santa Venera ma kienetx qaltilha li l-attrici marret tkellimha u dan kien fis-sena 1979 meta hija kienet imsiefra.*
*Ix-xhud A H xehdet li waqfet tahdem ta' nurse fis-sena 1979 u li minn dakinhar hija ma kellha ebda relazzjoni mal-konvenut. Ghamlet sittax-il sena imsiefra u giet lura Malta fis-sena 1995. Hija tghid li qatt ma kellha x'taqsam mieghu u saru hbieb xi sentejn ilu meta iltaqghu u qallha li qed jissepara. Hija tghid li hija separata legalment u ilha sentejn separata legalment. Bejn is-sena 1995 u sentejn ilu bejnha u l-konvenut ma kienx hemm kuntatt.*
*Dwar Valentine's Day ta' xi tlett snin ilu cioe tas-sena 2009 hija ma tiftakarx li iltaqghet mal-konvenut pero tammetti li din is-sena hargu jieklu u dan anke is-sena l-ohra. Meta muri li statement tal-Bank of Valletta tal-perjodu bejn Awissu 2006 u 2007 hija xehdet li Woman 2000 ma kienet tmur u issa tmur izda mhux mieghu u l-konvenut qatt ma halsilha ghal Woman 2000. F'dawn is-sentejn skampju ta' rigali kien hemm bejniethom, johorgu jieklu flimkien f'restaurants bhala Mamma Mia, Tal-Familja Marsascala, ir-rizzu Marsaxlokk, pero Mustang America Bistro n-Naxxar, d'Agostino l-Belt , Ta A l-Mosta u x-Xlukkajr Marsaxlokk ma marretx tiekol mal-konvenut. Huma lejn tas-Sliema l-aktar li jmorru jieklu uwara tmur d-dar taghha tas-Sliema fejn tghix wahedha.*
*Meta murija Christmas Card li ntbaghtet fis-sena 2000 hija cahdet li l-kitba hija taghha u xehdet li hija qatt ma baghatitlu Christmas Card. Il-perit legali tirrileva li din il-christmas card hija datata 5 ta' Frar 2000 u tghid 'Belated Christmas Wishes to Dr and Mrs C with love from A.'*
***U V Assistant Direttur fid-Dipartiment tas-Sahha** xehed (**seduta 17 ta' Mejju 2012**) li fis-snin sebghin kien staff nurse u fl-eighties kien nursing tutor u fin-nineties kien nursing manager. Xehed li hu u l-konvenut qatt ma hadmu fl-istess ward u jafu bhala student tal-medicina, u bhala houseman St Luke's. Li A H l-isem ma jdoqlux u jaf lil A L bhala staff nurse. Jaf li A kienet taf lil konvenut u kienet tahdem il-casualty meta kien jahdem il-konvenut. Jaf bl-ghidut li kien hemm li darba M mar u assalta t-tabib hdejn il-Phoenicia. F'wiccu qatt ma ra sinjali. Lil A u lil konvenut qatt ma rahom flimkien. L-attrici kienet saqsietu jafx fuq dan l-*

*incident u huwa qallha b'dak li sema u li kienu jghidu fl-isptar li hemm hbiberija bejniethom. Huwa ma jafx li kien mizzewwe meta gara l-kaz. Jaf li A kienet gharusa lil M O.*

***Fis-seduta tat-18 ta' April 2012 xehed P C** hu l-konvenut li dwar l-incident tal-Phoenicia kull ma jaf hu li cempillu l-konvenut biex igiblu li spare keys tal-karozza mid-dar ta' ommu u hadhomlu x'imkien bejn l-Excelsior u l-Phoenicia. Huwa dahal fit-triq ta' bejn is-swar li taghti ghal yellow garage u li kien filghaxija u li waqt li kien diehel il-konvenut qallu biex jaghti c-cwievet tahomlu u telaq. Huwa ma saqsiehx ghalfejn riedhom li spare keys u lanqas wara ma saqsieh. Gieli grat li xi hadd icempelli ghac-cwievet. Wiccu ma tax kaz jekk kellux xi haga f'wiccu u fil-karozza ma ra lil hadd.*

***Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2019 l-konvenut xehed in kontro-ezami** li meta telaq mid-dar huwa mar jghix fi flat li jinsab X X Flats flat X Triq l-X, Gzira u cahad li dan il-flat kien ghandu qabel Mejju 2009. Ircevuti tal-kirjiet li hallas huwa xehed li ma ghandux ghax iqatta kollox. Huwa kellu kuntratt ta' kera, li l-kera kienet ghal sentejn minn Mejju 2009 u l-flat kien mikri bil-LM350 fix-xahar jew 350 ewro u mhux cert. meta mfakkar li f'Jannar 2008 qlibna ghal ewro huwa kkonferma li kien jikri 350 ewro. Meta telaq mil-Gzira mar joqghod X flat X Triq X tas-Sliema u jhallas elf ewo (€1000) fix-xahar bid-dawl b'kollox. Mieghu toqghod il-partner tieghu A H. Huwa mar jghix maghha tas-Sliema ghax hija kienet diga tghix hemmhekk b'kera u l-kuntratt ta' kera fuqha qieghed. Il-kera l-konvenuta ammetta li jhallasha kollha hu. Il-Gzira mieghu qatt ma ghexet A ghax kellha diga l-post f'Tas-Sliema.*

***Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2012 il-konvenut xehed** li joqghod X flat X Street Gzira u qieghed b'kera u ilu jikri dan l-appartament ghal xi sentejn izda wara kkorega ruhu u qabel li krieh mindu telaq mid-dar cioe tlett snin ilu u jhallas 350 ewr o fix-xahar u fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 il-konvenut ipprezenta skrittura ta' lokazzjoni ta' dan il-fond li turi li huwa krih mil-ewwel ta' April 2009 b'kera ta' €350 fix-xahar .*

***Sekwenza tal-fatti***

*Mill-premess jirrizulta s-sekwenza ta' l-istorja tal-partijiet f'dan iz-zwieg:*

***Fi-sena 1972** – bdew johorgu flimkien meta huwa kien ghadu student tal-medicina u l-attrici tghid li hija hadmet bhala midwife mis-sena 1977 sas-sena 1977 meta zzewget u regghet dahlet ghax-xoghol fis-sena 1994. Il-konvenut jghid li ftit kienu jaraw lil xulxin minhabba l-istudji teighu peress li kien qed jistudja ghal tabib. Il-konvenut jghid li meta iltaqghu hija kienet ghadha qed tistudja ghal nurse.*

***Fis-sena 1976**- il-konvenut jsir jaf lil A Elwefelly meta kienu jahdmu flimkien l-emergency St Luke's meta Elwefelly kienet gharusa lil certu M li kien jahdem l-isptar ukoll*

*Novembru 1977 – jiddeciedu li jizzewgu*

***F'Marzu 1977** – hija tohrog tqila u skond Elwefelly l-konvenut qallha li ser ikollu jizzewwiegha. L-attrici tghid li zewgha sfurzaha biex ikollha intercourse mieghu filwaqt li l-konvenut jghid li hija harget tqila biex b'hekk tizzewweg tabib ghax dejjem kienet tghid ma shabha li jekk tizzewweg ma tizzewwig tabib ma tizzewweg lil hadd.*

***Fid-19 ta' Marzu 1977** jixtrilha c-curkett tal-gherusija skond l-attrici kien xtrahulha qabel ma hija harget tqila u skond il-konvenut kien ta curkett tal-gherusija u brazzuletta izda jekk kienx wara jew qabel li hija harget tqila huwa ma jiftakarx. It-tifel twieled fid-29 ta' Dicembru 1977.*

***Fl-4 ta' Lulju 1977*** *jizzewwgu l-partijiet u jmorru jghixu mal-genituri tal-konvenut ghax lanqas kellhom fejn joqghodu. L-argumenti mal-omm il-konvenut u l-attrici kienu hafna tant li darba minnhom meta mar id-dar ma sabx lilha u t-tifel u wara jumejn zijitha s-soru cemplitlu u saqsietu jaccettahiex lura d-dar.*
***Fit-22 ta' Ottubru 1977*** *– l-attrici tesebixxi ritratt ta' H data 22 ta' Ottubru 1977 bil-kliem miktub fuqu "With love from A 22/10/77" li hija tghid li sabet fil-kartiera tar-ragel wara li zzewgu u hemmhekk indunat li hija l-istess wahda li stiednithom ghat-tieg taghha.*
***Fid-29 ta' Dicembru 1977*** *jitwieled l-ewwel tifel u darba minnhom l-konvenut jghid li mar id-dar u ma sabhomx hemm u ghamel jumejn jinkwieta sakemm cemplet iz-zija taghha u saqsietu hux lest li jaccetta lura d-dar. Din ma kienetx l-ewwel okkazjoni li martu telqet mid-dar jghid il-konvenut. L-attrici tghid li zewgha dejjem kien ikun imdejjaq u jdum imqajjem sas-saghtejn ta' filghodu u meta ssaqsih x'ghandu huwa kien jibqa sieket; li jghidilha li jkun xoghol bil-lejh u hija temnu. Kienu jcemplulha biex tiehu hsieb ir-ragel u meta kienet tghidlu b'dan huwa ma kien jirrispondiha xejn. Indunat li zewgha qatt ma libes ic-curkett tat-tieg izda kurcifiss tal-metal isfar bl-isema A u curkett tal-metal abja bl-isema Marija kien jilbes.*
***Fis-sena 1978*** *- l-attrici tghid li zewgha ta lift lil H id-dar mix-xoghol u l-gharus ta' Marija baqa jsuq warajhom sakemm tah daqqa go wiccu u hadlu c-cwievet per l-attrici tghid li fis-sena 2009 saret taf li x-xebgha kien tahielu l-gharus li kellha A dak iz-zmien certu M.*
***20 ta' April 1978*** *– l-attrici tesebixxi ittra datata 20 ta' April 1978 mibghuta minn H minn Tripli liema ittra tghid fost affarijiet ohra 'Tripoli is a nice place to live in but with someone else!!..Missing you a lot, Your love A' li hija tghid li sabet fil-kartiera tar-ragel wara li zzewgu. L-attrici tghid li hafritlu.*
***23 ta' Marzu 1979*** *– tizzewweg A H nee L u tistieden il-partijiet ghat-tieg izda l-attrici ma tkunx trid tmur ghax ma tafhiex u H tmur tghix Tripli.*

*Zewgha beda jbaghti minn ugiegh ta' zaqq u rrizulta li kellu l-gebel mal-marrara u ma riedx jopera ruhu u spicca jixtri l-injections tal-ugiegh u spicca dipendenti fuqhom tant li kellu bzonn l-ghajnuna tal-psikjatra Dr Abraham Galea u ghamel anke sitt gimghat l-isptar ghal kura u wara gie mhux hazin izda Dr Galea qallha li ma jistghax ifieq ghal kollox. Huwa dettalji dwar din l-addiction li kellu ghal dawn l-injections tal-ugigh dejjem irrifjuta li jaghti. Hija tghid minnhabba din il-problema li hija ssejhilha 'problema ta' droga' l-konvenut ghamel sitt xhur on half pay ghax kien gie sospiz u wara hadhom lura u tghidx li baghtiet f'dawk is-sitt xhur.*

***Sena 1999*** *l-attrici tmur tkellem lil omm H fid-dar taghha Santa Venera fejn kienu joqghodu u dan skond il-konvenut.*
***Fit-1 ta' Mejju 1979*** *jitwieled it-tieni tifel tal-partijiet D u l-partijiet jixtru bicca art h'Attard u jibnu d-dar matrimonjali taghhom.*
***Fis-sena 1979 l-attrici tghid li r-relazzjoni taghhom kienet inezistenti fol 29 et.***
***Fis-6 ta' Mejju 1981*** *titwieled it-tielet wild tifla F*
***Fit-22 ta' April 1986*** *titwieled ir-raba wild tifla G*
*Lattrici tghid li zewgha qatt ma riedhom it-tfal u dejjem gew kumbinazzjoni. Il-hajja sesswali qatt ma kienet tajba.*

*L-attrici tghid li kienet thossha qisha armla dejjem wahedha marret ghal Parent's Dar u Prize Day tat-tfal u l-uniku drabi li zewgha mar maghha l-Knisja ghal Pracett u Grizma tat-tfal u dan skond hi ghax bil-fors. Il-konvenut mil-banda l-ohra jghid li l-iskola kien ilestilhom l-lunches, jippreparalhom l-ikel ghal meta kienu jigu lura mill-iskola u jwassalhom il-privat ghax l-mara kienet iddum ix-xoghol.*
*Il-konvenut jedha fix-xoghol, fil-part time mal-SGS, jara pazjenti fl-ispizeriji u ghalih li jghaddi l-flus li jaqbla fil-kont kongunt tal-partijiet dan bizzejjed.*
***Sena 1994** – l-attrici l-attrici bdiet tahdem l-isptar bhala midwife part time u wara ftit xhur qalbet full time. Ir-ragel ma riedx li hija tohrog tahdem izda wara accetta. Skond il-konvenut il-problemi fiz-zwieg meta l-mara harget tahdem ghax kienet iddum ix-xoghol u jghid li martu meta harget tahdem u qaltlu part time ser tahdem diga kellha f'mohha li tkun full time. Il-konvenut li martu bdiet tidhol tard id-dar u wara li tispicca mix-xoghol ma kienetx tmur dritt id-dar , darba minnhom kellha anke riha qassija ta' xorb meta dahlet id-dar u bdiet hajja ta' xalar u divertiment mhux denju ta' mara mizzewg ab'erbat itfal.*

*In kontro-ezami (**seduta 3 ta' Gunju 2016) l-attrici** xehdet li hija bdiet tahdem fis-sena 1994 bhala supervisory nurse part time izda hija tghid li effettivament hija kienet applikat bhala midwife u bi zball nizluha bhala supervisory nurse. Fil-bidu hdud u festi ma kienetx tahdem u tnax- il sena wara bdiet tahdem Hdud u festi u kienet hadet appointment bhala deputy midwifery officer u dan kien bil-kunsens tar-ragel li meta saqsietu huwa qallha 'give it a try.'. Mis-sena 2014 l'hawn il-paga kienet tidhol fil-kont taghha li kien fuq isimha biss u li kollox recorded. Hija kienet tuza dan l-account biex tixtri x'tilbes, hwejjeg ghat-tfal, shopping ghax hu kien igerger li ghandu hafna spejjez. Hija kienet iggib il-flus mil-bank biex thallas ghal hajja u gieli anke kien igibilha l-flus hu mil-kont. Hija tammetti li l-paga tar-ragel li jaqla mid-Dipartiment tas-Sahha kienet tidhol fil-joint account pero dhul iehor tieghu bhal private practice li kien sostanzjali ma kienx imur f'dan il-joint account.*

*Hija xehdet li r-ragel kien ihallas l-ispejjez tal-karozza u l-insurances.*

*Mil-provi anke mix-xhieda ta' iben il-partijiet jirrizulta li l-konvenut kien jghin fix-xoghol tad-dar daqs mara tad-dar u kien anke jbajjad u jaghmel kull ma hemm bzonn fid-dar. anke meta fis-Sajf kienu jmorru villeggatura binhomx xehed li missierhom kien jibqa d-dar ibajjad u jaghmel li jkun hemm bzonn.*
*Li l-attrici l-budget tal-flus kien f'idejha u l-konvenut ma jilmentax dwar dan ghax fejn jidhlu tqassim ta' flus hija kienet kapaci u bil-ghaqal fejn jidhol immaneggjar ta' flus.*
***Sena 1995** – wara sittax-il sena tghix fi Tripli H tirritorna Malta*
***Sena 1999** – il-konvenut jghid li kellu relazzjoni tajba mat-tfal tant li kien xtara lis-subien karozza kull wiehed. Li ghenhom fl-istudji taghhom Malta u barra minn Malta, ihalsilhom l-insurances tal-karozza, fuel pocket money, ghenhom fil-Masters li hadu barra minn Malta u fil-kera ta' appartament barra minn Malta. Xi pagamenti minnhom jirrizultaw mil-kopji tac-cekkijiet li hargu mil-kontijiet tal-konvenut ukoll.*

*Il-konvenut xehed li martu tat lit-tifla minnhom cioe lil F wiehed u tletin elf ewro (€31,000) biex tghinha fix-xiri ta' maisonette u lil hutha l-ohra ma kienetx qaltilhom u meta t-tieni wiehed sar jaf ried ikisrilha kull m'hemm u gabet il-pulzija.*
*Il-konvenut jghid li F ma tkelmux, t-tifla G tghix barra minn Malta u l-ahhar li kellimha fil-birthday taghha f'April tas-sena 2018 ( huwa xehed fis-sena 2019), I icempillu ghal Father's Day u ghal birthday tieghu u lil alred ra is-sena l-ohra meta kien Malta u meta jkun Malta jinfurmah. G lanqas tinfurmah meta tkun Malta u meta gie infurmat li D jghix Hampshire l-konvenut wiegeb li t-tifel ma qallux.*
***17 ta' Jannar 2001** – il-konvenut jghid li martu qaltlu qed tmur ghax-xoghol biex ma tarax lil wiccu u li anke ir-riha tieghu ddejjaqha.*
***Sena 2005** l-attrici tghid li l-affarijiet qalbu ghall-aghar – zewgha kien ikun imdejjaq, irritabbli ma jiekolx u jghid li ghandu l-ugiegh, beda johrog u jdum u jiddel u jixtriq hwejjeg godda u ma ssaqsieh jghidilha li mhux affair taghha. Ma kienx imur jorqod id-dar ghax kien jghidilha jkun xoghol bil-lejl u gieli ghamlitlu l-ghassa u kienet tara l-karozza pparkjata tas-Sliema wara l-bieb tal-habiba. Anke l-ittri tieghu ma baqghux jigu d-dar u meta saqsietu huwa qallha li ghandu P.O. Box. Il-konvenut jghid li huwa rega iltaqa ma' Elwefelly fis-sena 2011 (seduta 21 ta' Gunju 2013)*
***Bejn 2006 u 2007** minn li statements bankarji tal-konvenut jirrizulta hlas ta' membership fil-Woman 2000 l-konvenut ma halsilha ebda membership hemmhekk, tammeti li harget tiekol mal-konvenut fis-sena 2008 u anke fis-sena 2009. Dwar id- diversi hargiet f'ristoranti, haga li Elwefelly tichad u tghid li ma marrietx tiekol mal-konvenut u fl-istess nifs tghid li jmorru jieklu lejn tas-Sliama l-aktr u wara hi tmur id-dar taghha tas-Sliema fejn tghix.*
***28 ta' Ottubru 2007** – il-konvenut jghid li martu bdiet ir-relazzjoni ma' J sive W K u li l-poezija li baghtilha fit-28 ta' Ottubru 2008 kien f'eghluq l-ewwel sena flimkien*
***26 ta' Novembru 2007** l-attrici tircevi ittra minghand l-avukat tal-konvenut jinfurmaha li jrid is-separazzjoni u <u>l-konvenut jammetti li l-proceduri ta' seprazzjoni bdew f'din id-data.</u>*
***28 ta' Ottubru 2008** martu tirceva poezija minghand J K sive W li skond il-konvenut hija poezija romantika u l-perit legali taqbel ma dan. L-attrici tghid li hija ma rrispondietux lil W meta baghtilha din il-poezija. Il-konvenut jghid li lil W introducietu mat-tfal taghhom u meta tmur tara t-tfal l-Ingilterra huwa jmur maghha ghalkemm hija tghid li W jmur maghha for health reasons.*
***13 ta' Novembru 2008** l-attrici telqet mid-dar waqt li l-konvenut kien xoghol u binthom G qaltlu biex lilha ma jinvolvihiex. Cempel il-gynae fejn kienet tahdem u qalulu li maret hadet gimgha leave u wara sar jaf li martu kienet pazjenta l-isptar. Dan gara fl-14 ta' Novembru 2008 meta ghamel rapport lil pulizija li martu kienet missing. Martu regghet lura d-dar fis-16 ta' Novembru 2008. Fil-kontro-ezami xehed li d-data jiktakarha ghax kien kiteb id-data fuq nota u meta gie sugerit lil li d-dta kienet 31 ta' Dicembru 2008 huwa wiegeb li jzomm mad-data tat13 ta' Novembru 2008. U meta gie spjegat lilu li gar akien li martu marret ghax-xoghol hassitha ma tiflahx zammewha l-isptar ghax kienet qed tbaghti minn penmonia huwa wiegeb li sar jaf wara li kienet l-isptar u li fis-seduta qed jisma ghaliex kienet l-isptar.*
***Bejn Marzu u Mejju 2009** – l-attrici tipprezenta sett ta' ritratti biex turi l-karozza li skond hi tappartjeni lil Elwefelly hdejn il-flat li kera zewgha gewwa l-Gzira.*

***Sena2009 jew 2010*** *– meta l-attrici tammetti li l-ewwel darba li siefret ma' W il-Germanja . fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2016 - kien xi sitta jew seba snin ilu l-Germanja u zewgha ma jarraputaha missing person..*

***15 ta' Mejju 2009*** *il-konvenut jitlaq mid-dar ghax skond hu martu kienet qed taghmillu hajtu impossibbli u jmur jghix fi flat li kera gewwa 33 Stadium Street il-Gzira. L-attrici tghid li meta l-konvenut gie lura mis-safar hija marret warajh ghax baqa sejjer il-gzira u rat lil A H diehla fil-flat dakinhar.*

***Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019 l-attrici prezentat wiehed u ghoxrin (21)*** *ritratt Dok K1 sa Dok K21, sabiex juri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAE-554 pparkjata fi Triq l-Empire Stadium Gzira bejn Marzu 2009 u Mejju 2009 u ritratt K11 juri d-dahla tal-blokka ta' appartamenti bl-isem St Raphael Flats fl-istess triq.*

*Huwa jichad li l-flat fil-Gzira kien ghandu qabel u pprezentat sett ta' ritratti biex turi l-karozza li skond hi tappartjeni lil H hdejn il-flat li kera zewgha gewwa l-Gzira bejn Marzu u Mejju 2009. Ghalkemm la l-konvenut u lanqas H ma gew konfrontati b'dawn ir-ritratti meta xehdu u ghalhekk il-perit legali ma tistghax tikkonstata la li l-vettura hija ta' H u lanqas li l-vettura hija pparkjata hdejn il-flat tal-Gzira il-perit legali ma ghandhiex ebda dubju li f'dan il-perjodu kien hemm relazzjoni bejniethom.*

***Mil-4 sal-25 ta' Gunju 2009*** *- il-konvenut jaghmel rapport iehor l-ghassa li martu missing u damet missing ghoxrin (20) gurnata u wara skopja li hija kienet siefret ma' J K l-Amerika u giet lura fil-25 ta' Gunju 2004. Huwa pprezenta dokumenti dwar din is-safra anke li raqdu fuq queen size bed fil-lukanda.*

***Sena 2010*** *– A H xehed li sseparat legalment sentejn ilu cioe fis-sena 2010 (seduta 27 ta' Frar 2012)*

***Sena 2011*** *– il-konvenut xehed (seduta 21 ta' Gunju 2013) li lil H iltaqa maghha sentejn ilu.*

***Fis-sena 2011*** *l-konvenut jitlaq mil-flat tal-Gzira u jmur jghix fil-flat ma' H fejn jghid li jhallas il-kera. U mis-snin 2016 sa 2018 huwa kien ihallas nofs il-kera.*

*Pero fl-umli fehma tal-perit legali hija x-xhieda ta' iben il-partijiet* ***I C****, l-kbir, li jqaxxar l-istampa ta' dan iz-zwieg meta fl-affidavit tieghu (seduta 15 ta' Mejju 2015)huwa jghid: "is-sitwazzjoni kienet purament wahda ta' koperazzjoni fl-interess biss taghna t-tfal. U Qatt ma rajt display of affection bejn il-genituri tieghi." li missieru karattru kwiet u ommu ghandha karattru spontanju u ghandha tendenza li ma tqisx l-konsegwenzi ta' li tghid. Bhala familja qat ma hargu flimkien la safar, la ristorante u lanqas cinema. Li missieru jmur tajjeb mal-familja ta' ommu u dan setgha jarrah meta kienu jitilghu Ghawdex ghand in-nanniet paterni mentri ommu ma kienetx tmur tajjeb mal-familja ta' missieru. Ghalih din is-separazzjoni mhix sorpriza ghax meta huma hadu l-istat taghhom il-hin taghhom spicca f'vacuum.*

***Apprezzament tal-Provi dwar il-htija tal-firda***

*Il-perit legali tifhem il-frustrazzjoni tal-attrici meta tghid li sa mis-sena 1979 ir-relazzjoni taghhom kienet inezistenti u li minkejja dan xorta baqghu igibu t-tfal fid-dinja minkejja li skond hi kull darba li harget tqila zewgha kien jghidilha ma jistghax ikun u tghid li gieli anke qallha biex tabortixxi haga li l-konvenut cahad kategorikament. Hija l-fehma tal-perit legali li l-attrici kien minghaliha li billi taghtih t-tfal zewgha kien ser jibqa maghha.*

*Iz-zewg partijiet ghexu in denial f'dan iz-zwieg – l-mara bit-trobbija tat-tfal, ir-ragel jahdem xoghol wiehed tnejn tlieta, fis-Sajf jibqa h'Attard jaghmel ix-xogholijiet fid-dar u ma jitlghax*

*villeggatura mal-familja, display of affection xejn, bizzejjed binhom I xehed li qatt ma hargu bhala familja, fis-sena 1994 l-mara tohrog tahdem biex anke hija taljena mil-problemi familjari, u xi drabi anke tidhol tard bil-lejl, komunikazzjoni xejn bejniethom ghajr ghal dak li jirrigwarda t-tfal, sahansitra lanqas meta kellha bzonn kura l-isptar u damet gimgha l-isptar l-attrici ma hasset il-bzonn li tinfurmah lil zewgha, u f'dan iz-zwieg ghexu biss sabiex jaraw lit-tfal jiehdu l-istat taghhom u ghalxejn aktar.*

*Ili l-kontendenti qed jitolbu d-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minhabba diversijiet ragunijiet: il-mara cioe l-attrici a fol 17 fin-nota guramentata taghha tikkontendi li zewgha hu unikament responsabbli ghas-separazzjoni minhabba eccessi, abbandun, vjolenza u anke l-adulterju da parti tieghu li ilu snin twal sa mil-bidu taz-zwieg; filwaqt li l-konvenut fin-nota guramentat tieghu jghid li jaqbel mas-eparazzjoni izda ghal ragunijiet imputabbli lilha fosthom minhabba l-karattru difficli immens u dominant ta' martu oltre l-fatt li kellha u ghad ghandha hbiberija ma' terzi kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.*
*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Susan Armeni vs Leonard Armeni****, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:*
*'25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*
*- omissis -*
*28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'*
*Kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***Marthese Vella pro et noe vs George Valla deciza mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003*** *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri' (****Catherina Agius vs Bendict Agius prim Awla, Qorti Civili 13 ta' Gunju 1967****).*

> *"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…" (Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia, Prim Awla Qorti Civili 7 ta' Marzu 1919).*
> *Illi ghalhekk il-perit legali allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.*

*Kif pacikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri . ('***Caterina Agius vs Benedict Agius Prim Awla 13 ta' Gunju 1967***).*
*Li "indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika." (***Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollex XXXVII.II.693).***
*Fil-kawza* ***Muscat utrinque*** *deciza fl-4 ta' Jannar 1880 il-Qorti kienet qalet:*
*"Se gli eccessi specialment quando consistono in attentati che compromettono la stess esistenza di colui che ne e' vittima, costituiscono per se stessi, senza ncecessita di alcuna indagine, causa di separazione…"*
*"Illi skond il-gurisprudenza Maltija eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra liema atti jridu jkunu ta' serjeta kbira li niente di meno jridu jkunu ta' perikolu ghal hajjaa tal-parti l-ohra (vide* ***A Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** *deciza fit-30 ta' Gunju 1961-Prim Awla)".*
*Illi minn naha l-ohra mohqrija tinkludi dawk l-atti ta' maltrattament, li minkjja li ma jipperikolawx il-hajja jew is-sahha ta' dak li jkun tirrendi l-hajja konjugali impossibbli. Il-ligi taht l-artikolu 40, taghmel riferenza ghall-mohqrija izda mhux ghal sevizji izda mil-gurisprudenza jidher li l-kelma mohqrija u sevizji jfissru l-istess haga." u wkoll li din tirrizulta anke meta jkun hemm incident izolat u s-sevizi meta dawn ikunu "abituali o almeno ripetute da rendere insoportabile la convivenza (Vok IX pag. 274).*
*Illi fil-kawza "***Camilleri utrinque***" deciza fis-16 ta' Marzu 1989 din il-Qorti kienet affernat li:*
*"Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti aituali di crudelta che offendono la persona o l-anima di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un avversione verso chi commette tali atti."*
*"Illi fil-kawza* ***A Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** *Prim Awla 30 ta' Gunju 1961 gie ritenuto li:*
*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji…biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkiwn"*
*"Illi l-agravJu ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*
*<u>L-eccessi u ingurji gravi</u> jridu jkunu tali li 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezasberazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (***Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).*** *Jinghad ukoll li dan fl-ebda grad ma huwa tollerat billi kif jinsab ritenut dawn 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezazperazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (***Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).***
*Illi fil-kawza* ***A Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** *PA 30 ta' Gunju 1961 inghad:*
*"Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rinforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kaz ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzax lil-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta' firda personali; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni u min jaghmilhom jidher li hu kapaci jikkunsmahom alura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni."*

*Illi jigi rilevat ukoll li l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imhalli fis-sagacja u l-kuxjenza tal-imhallef sabiex jivvalutahom. (**Marthese Vella pro et noe vs George Vella PA deciza 28.2.2003**. Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mil-**Qorti tal-appell fil-kawza " Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius deciza fl-10 ta' Dicembru 1951** fejn gie dikjarat li:*
*"mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mil- konjugi lil iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi."*
*Lanqas jehtieg li jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, t-theddid u minacci kollha flimkien izda huwa sufficjenti li jigi ppruvat wiehed minnhom. Fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson (PA 12 ta' Mejju 1925** fejn il-Qorti sostniet li:*
***"purche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingiurie gravi ma qualunque di tali causa da sola basta, perche' sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale."***
*<u>Illi mil-provi jirrizulta li jezistu sevizzi u ingurji gravi da parti tal-konvenut</u> meta bhala ragel mizzewweg zamm fil-kartiera ritratt ta' A H u l-ittra li baghtitlu minn Tripli, meta komunikazzjoni mal-mara ma kien izomm xejn kemm minhabba biex izomm il-kwiet u kif ukoll minhabba n-natura tieghu li ma setghax jiftah qalbu dwar x'verament kien ihoss cioe li zzewweg ghal konvenjenza u mhux ghax kien ihobb lil martu, u kif ukoll minhabba li hekk kif Elwefelly giet lura Malta fis-sena 1995 huwa rega beda jifrekwentaha.*
*Sevizzi u inguri gravi ohra jirrizultaw meta fis-sena 1978, sena wara li zzewgu l-partijiet, z l-attrici ssemmi l-incident tal-Phoenicia li gara xi sena wara li zzewgu sabiex tipprova li l-adulterju da parti ta' zewgha beda ezatt minn wara z-zwieg. Izda dan l-incident u kif deskritt mix-xhieda prodotti ma jwassalx ghal prova tal-adulterju – li kien hemm ghidut dwarhom, li l-gharus ta' H segwihom u laghblu daqqa ta' harta izda dan ma jirrizultax bhala prova konvincenti li kien hemm adulterju. Sevizzi u ingurji gravi iva izda adulterju le. Kif lanqas jirrizulta li l-konvenut abbanduna d-doveri matrimonjali teighu u dana stante li meta huwa telaq mid-dar it-tfal kienu gia kibru u hadu l-istat taghhom , u z-zwieg kien tkisser irrimedjatment jew li kkommetta vjolenza jew mohqrija fil-konfront tal-attrici.*
*L-istess sevizzi u ingurji da parti tal-konvenut meta fil-kartiera jzomm r-ritratt u ittra ta' A H u d-dar jiehu c-curkett u s-saliba bl-engraving A meta l-attrici tghid li zewgha c-curkett tat-tieg qatt ma libsu, relazzjoni ma martu qatt ma kien hemm ghax dejjem zamm ghalih, l-PO Box li ghamel wara s-sena 1995 fost ohrajn.*
*Biss inghad ukoll li lil htigijiet tal-erba ulied l-konvenut qatt ma abbandunahom u f'dan iz-zwieg issaporta sakemm l-erba ulied jiehdu l-istat taghhom.*
*<u>Ghaldaqstant fil-konfront tal-attrici hija l-fehma tal-perit legali li l-konvenut hu hati ta' sevizzi u ingurji gravi.</u>*
*L-attrici mil-banda l-ohra u ghalkemm il-perit legali tifhem li ghaliha ma kienx facli tammetti li zewgha qatt ma habba u aktar minn hekk tammetti li zewgha kien qieghed maghha minhabba t-tfal u ghal xejn izjed, bilfors kienet thossha frustrata meta tara lil zewgha dejjem hosbien, ma jorqodx bil-lejl, ma jiftahx qalbu maghha , jaljena l-hsibijiet tieghu billi sar dipendenti fuq l-*

*injections tal-ugiegh li kien jiehu meta kellu l-ugigh tal-gebla tant li anke spicca l-ipstar u ma tlumiex meta harget tahdem u kienet tohrog ma' shabha . Biss dan ma kienx jaghtiha licenzja sabiex titlaq mid-dar bit-tfal minghajr ma tavza lir-ragel u taghmel xi jiem barra mid-dar bhal ma ghamlet meta kellhom l-ewwel tifel ghax kellha xi tghid ma' ommu, ghax ta' dan zewgha ma kien jahti xejn.*

*Ir-relazzjoni adulteruza li l-attrici bdiet meta z-zwieg taghha kien diga tkisser irrimedjabilment ma tistghax titqies bhala kawza jew fattur kontributorju ghas-separazzjoni izda huwa konsegwenzjali ghaliha kif lanqas tista titqies li hija l-fattur fil-kaz tar-relazzjoni adultera li beda u kompla ma' A Elderweffy u dan ghax fiz-zewg kazijiet iz-zwieg kien ilu li spicca meta l-partijiet bdew dawn ir-relazzjonijiet.*

*Il-perit legali tevalwa li l-konvenut jallega mhux biss il-kwistjoni ta' adulterju izda wkoll allegazzjonijiet ohra cioe li martu kienet hija l-boss, tordnalu u tikmandah u jew tghaddi taghha jew xejn u ressaq biss lil ibnu I li xehed li ommu ghandha karattru spontanju u jiddispjacih jghid li gieli ghandha tendenza ma tqisx l-konsegwenzi ta' li tghid mentri missieru huwa ta' karattru kwiet u ta' ftit kliem. Xehed ukoll li missieru qatt ma stenna li jsib l-affarijiet lesti u jekk kien hemm bzonn xi haga ssir u meta ommu kienet xoghol kien jaghmilha hu. Tibjid fid-dar kien jaghmlu missieru wkoll.*

*Tali atteggjament da parti tal-attrici jikwalifikaw bhala sevizzi u l-perit legali taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A Mifsud vs Vincenzo Mifsud** (PA 30 ta' Gunju 1961) fen inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji.." .*

*Dan iwassal lil perit legali biex temmen lil perit legali biex temmen lil konvenut stante li x-xhieda ta' ibnu I jikkorrobora dak vantat minnu .*

*<u>Dan iwassal biex jikkonvinci lil perit legali hija hija rrendiet sevizzi fil-konfront ta' zewgha.</u>*

***Adulterju - konsiderazzjonijiet legali***

*Dwar l-<u>adulterju</u>, l-**artikolu 38 tal-Kap 16** jghid li "Kull parti mizzewga tista 'titlob l-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".*

*Illi fil-kawza **Rita Schembri vs Dott. Albert Grech et noe** P.A. 16 ta' April 1953 kien inghad li:*

*"Stante diffikulta tal-prova ta' adulterju, dan jista jigi ppruvat permezz ta' indizzji u presunzjonijiet purche ikunu gravi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."*

*Illi dan il-hsieb kien gie konfermat f'sentenzi ohra, aktar ricenti. **Brincat utrinque** deciza fil-31 ta' Marzu 1955, **Nine Anne Edwards vs Avukat Dr N A Xuereb** noe PA 22 ta' Frar 1961 u **Anthony Bonnici vs Rose Bonnici** A.V. 7 ta' April 1978.*

*Illi fil-kawza Nine **Anne Edwards vs Avukat Dr N A Xuereb noe** din il-Qorti qalet li:*

*"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt."*

*Fil-kawza **Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693)** gie rienut li l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-*

*ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adultejru jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezuzjonijiet purche dawn ikun gravi, precizi, u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.".*

*Dwar l-adulterju, l-perit legali tqis li dan gie ippruvat fil-grat li jirrikjedu l-Qrati tagha u dan ghaliex bhal ma rriteniet din il-Qorti fil-kawza **Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693)** l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adultejru jista jkun pruvat permezz ta' indizji u prezuzjonijiet purche dawn ikun gravi, precizi, u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.".*

***Adulterju da parti tal-konvenut***

*F'dan ir-rigward il-perit legali in primis u ai termini tal-**Artikolu 42 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili**, l-azzjoni għall-firda personali tispiċċa meta jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijet, izda f'kaz li wara tali rikonċiljazzjoni tinħoloq raġuni ġdida ta' firda, waħda mill-partijiet għandha l-fakolta' li sabiex issaħħaħ it-talba tiegħu jew tagħha, tressaq ir-raġunijiet ta' qabel.*

*L-attrici tikkontendi li l-adulterju fil-konfront tal-konvenut beda fis-**sena 1978** cioe sena wara z-zwieg u ssemmi l-incident tal-Phoenicia izda l-indizji prezentati ma jwaslux lil perit legali li kien hemm adulterju – U V xehed li ghidut kien hemm l-isptar, li qatt ma hadem mal-konvenut u ghalhekk qatt ma ra xejn, u l-incident jirrigward lift li l-konvenut ta lil A H dak iz-zmien L minn wara x-xoghol ghad-dar fejn kienet tghix ma' ommha. Ebda prova ohra ma ngabet li tikkonvinci lil perit legali li fis-sena 1978 kien hemm adulterju – ingurja gravi iva izda mhux adulterju.*

***Fis-sena 1979** l-attrici tghid li r-relazzjoni taghhom kienet wahda inezistenti – fis-sena 1979 tizzewweg H, fis-sena 1979 l-partijiet jkollhom it-tieni wild u minkejja dan r-relazzjoni hija wahda inezistenti cioe li ma kienx hemm relazzjoni bejniethom.*

*Mil-provi ma jirrizultax li sas-sena 1995 meta A H giet lura Malta minn Tripli kien hemm adulterju. Kif gie spjegat hawn fuq l-incident tal-Phoenicia fis-sena 1978 jwassal ghal sevizzi u ingurji gravi iva izda adulterju le. Veru li wiehed jaghti lift lil kollega wara x-xoghol ma hemm xejn hazin izda kif graw l-affarijiet cioe li l-gharus ta' H kien segwihom u l-konvenut ppenikkja meta ra hekk jidher car li dak li ghamel ma missux ghamlu la kien jaf li H dak iz-zmien L kienet gharusa.*

***Bejn 1995 u 2005** l-attrici ma ssemmi ebda episodju li graw fir-rigward.*

***Fis-sena 2005** l-attrici issemmi li l-affarijiet inqalbu ghall-aghar meta l-konvenut beda johrog u ma joroqodx id-dar u minflok ix-xoghol kienet tara l-karozza tieghu pparkjata tas-Sliema fejn toqghod H.*

*L-attrici tghid li fis-sena 2005 hija skopriet li zewgha kien kera flat il-Gzira u hu u H kienu jiltaqghu hemm u minbarra kelmitha prova ta' dan ma hemmx stante anke r-ritratti li esebiet jirrigwardaw l-ewwel xhur tas-sena 2009 .*

***Fiis-26 ta' Novembru 2007 -*** *data tal-ittra li l-konvenut baghat lill-attrici tramite l-avukat tieghu li jrid is-separazzjoni.*
***Fis-sena 2014*** *– tmut omm il-konvenut u l-attrici tipproduci s-santa tal-mewt taghha u fuqha hemm imnizzel A bhala l-partner ta' Dr D. Din hija konferma cara li l-konvenut u H huma koppja.*
*Illi huwa minnu wkoll li kieku mil-provi kien jirrizulta biss l-fatt li l-konvenut kera flat il-Gzira izda minn meta ma jirrizultax ghajr l-iskrittura ta' lokazzjoni li bdiet fl-1 ta' Jannar 2009 u fil-**15 ta' Mejju 2009** l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali darba ghal dejjem, il-fatt li H kienet tmur ghal caffe ghandu l-Gzira u li bejn is-sena 2008 u 2009 hija kienet tmur tiekol mal-konvenut dan ma kienx iwassal ghal provi konvincenti li tirrikjedi l-ligi fil-kaz tal-adulterju stante li tali indizji jhallu dubju u ma kienux konvencenti ghal perit legali; izda meta dawn jigu abbinati mar-ritratt u ittra li sabet l-attrici, s-salib u c-curkett bl-engraving A fuqhom u l-fatt li rega l-konvenut beda jiffrekwentaha fis-sena 2007 meta kera l-flat fil-Gzira il-perit legali hija konvinta mill-assjem tal-provi li l-konvenut kkommetta adulterju ma' H mhux mil-bidu taz-zwieg u li kompla mis-sena 2005 meta H giet lura Malta mil-Libja u l-perit legali temmen l-attrici meta xehdet li zewgha ma kienx jorqod id-dar hafna drabi u kienet issib il-karozza tieghu ipparkjata fejn kienet toqghod H f'tas-Sliema.*
*Ghaldaqstant fil-fehma tal-perit legali l-konvenut ikkommetta adulterju fil-konfront tal-attrici u dan mis-sena 2005 meta A H giet lura minn Tripli.*
***Adulterju da parti tal-attrici***
*Fis-sena 2007 l-mara bdiet relazzjoni ma' Jo sive W X li ghalkemm tikkontendi li din hija wahda ta' hbiberija l-indizji juru bic-car li hija relazzjoni bejn ragel u mara u dan stante li ragel u mara 'hbieb' ma jorqdux fuq queen bed meta jsiefru, u ragel ma jhallasx holidays lil mara ghax hbieb u jidher li dan W huwa parti mil-familja wkoll.*
*Illi skond l-attrici stess fis-sena 1979 r-relazzjoni kienet kwazi inezistenti; skond iben il-partijiet ommu u missieru baqghu flimkien biss minhabba t-tfal u qatt ma ra display of affection bejn il-genituri tieghu.*

*Illi ghalhekk ghalkemm jirrizulta li "meta l-konvenuta ikkommettiet l-adulterju fil-partijiet gia separati de facto u li z-zwieg taghhom kien tkisser irrimedjabbilment, naturalment dan ma jnaqqas xejn mil-gravita u mill-konsegwenzi legali fil-konfront ta' konjugi li jkun ikkommetta l-adulterju. " (**vide sentenza Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) per RGM 25 ta' Mejju 2017 kawza nru 229.14RGM**).*

*Il-perit legali wara li kkunsidrat il-provi presqa dwar dan, ghandha indikazzjoni cara li l-l-attrici ghandha relazzjoni mal-partner taghha, li tali relazzjoni bdiet fis-sena 2008 , u dawn l-indizji li tkun regolarment fid-dar fejn joqghod, issiefer mieghu diversi drabi, laqqghetu aktar mat-tfal, imur maghha l-Ingilterra meta titla tara t-tfal, torqod mieghu fi queen size bed, ihalsilha s-safar li ssiefer mieghu u minkejja li hija bdiet din ir-relazzjoni meta z-zwieg taghha kien diga spicca irrimedjabilment , iwaslu lil perit ghal konvinciment taghha li l-attrici wkoll ikkommettiet adulterju ma' W liema relazzjoni bdiet fis-sena 2008 u qabel id-data tat-28 ta' Ottubru 2008 meta kitbilha l-poezija ta' mhabba.*

*Dan il-fattur ghalkemm huwa relevanti ghall-komputazzjoni tal-grad ta' htija ghas-separazzjoni ma jezonerax lill-atttrici kompletament mil-htija taghha ghas-separazzjoni ladarba fil-mori tal-proceduri jirrizulta provat wiehed mil-fatturi kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kodici Civili .*

*Ghaldaqstant fil-fehma tal-perit legali adulterju da parti tal-attrici hemm ukoll u dan beda fis-sena 2008 meta z-zwieg kien diga  tkisser irrimedjament.*

***Konkluzjoni dwar il-htija tal-firda***

*Bhala konkluzjoni l-perit legali jidrilha li sa mil-bidu taz-zwieg tal-partijiet kien evidenti li dan kien zwieg ta' konvenjenza li minkejja li l-partijiet ghamlu hames snin gharajjes u kienu ffissaw anke d-data taz-zwieg, meta l-konvenut iltaqa fuq ix-xoghol ma' A H ir-relazzjoni tieghu mal-attrici inbidlet u  kien biss it-tqala tal-attrici li kien il-kagun li huwa zzewweg.  Qed nitkelmu fis-sena 1977 meta dak iz-zmien kien taboo li xebba tohrog tqila u bilfors kien ikollhom jizzewgu.*

*Veru li kull parti setghet tohrog minn dan iz-zwieg u dana stante li jirrizulta car li kull parti kienet taf li bejniethom ma hemm relazzjoni ta' mhabba sa mil-bidu nett kif tikkonfermah l-attrici li r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat fis-sena 1979  meta f'dik is-sena kellhom ukoll it-tieni wild, cioe sentejn wara li zzewgu . Minkejja dan baqghu flimkien u weldu zewgt  itfal ohra u stennew sakemm it-tfal ikollhom l-istat taghhom.  Dan hu konfermat minn binhom il-kbir stess stess I li xehed li l-genituri tieghu ghexu ghal uliedhom f'dan iz-zwieg u ghal xejn u hadd aktar.*

*Illi ghar-ragunijiet imsemmija aktar il fuq f'din ir-relazzjoni hija l-umli fehma li l-htija tal-firda hija imputabbli kwantu ghal tlett kwartu  lill-konvenut u kwart lill-attrici.*

***Data ta' meta ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti***

*Ai termini tal-**artikolu 48(1)( c)  tal-Kap 16** il-perit legali qed tistabbilixxi d-data tal-26 ta' Novembru 2007 bhala d-data ta' meta qed tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet liema data hija ta' meta il-konvenut kiteb lill-attrici li jrid is-separazzjoni stante li minn dakinhar kwalunkwe tentattiv ta' rikonciljazzjoni sfaxxa.*

***Ulied il-partijiet***

*L-erbat itfal tal-partijiet huma kollha maggiorenni u ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena u jahdmu*

***Manteniment attrici***

*L-attrici fir-rikors guramentat taghha qed titlob manteniment minghand il-konvenut u dan ghax skond hi huwa jaqla ferm aktar minnha; li  hija ghandha l-pensjoni biss bhala dhul u tippretendi manteniment ghaliha minghand zewgha fl-ammont ta' sitt mitt ( €600 )  fix-xahar.*

*Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-konvenut ukoll hareg bil-pensjoni u **fis-seduta tad-19 ta' April 2013 N Galea Assitent Direttur Sezzjoni Pensjoni tat-Tezor u Salarji Generali** xehed li l-konvenut jiehu wkoll mit-Tezor pensjoni ta' €951.96c fix-xahar u jircevi wkoll mid-Dipartiment tas-sigurta Socjali.*

***Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2013 xehed George Cremona mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali** li l-konvenut mil-5 ta' Jannar 2013 beda jiehu €82.76 fil-gimgha.*

*Li ghalhekk il-konvenut jirceva €951.96c fix-xahar mit-tezor u €331.04 kull erba gimghat mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.*

*Illi ghalhekk dak li tikkontendi l-attrici meta i tghid li zewgha hu tabib u ghandu salarju ta' circa €40,000 bhala Medical Officer fl-Airport Clinic mad-Dipartiment tas-Sahha, jahdem part time bhala tabib tal-fabbrika ST Electronics u mal-Group Medical Health Services u ghandu dhul minn dawn ta' madwar €23,000, ghandu dhul ukoll minn diversi spizeriji li jattendi izda li ghal dawn l-ahhar sentejn ma aqghax jattendi dawn l-ispizeriji u ghalhekk hija tikkalkula li ghandu dhul ta' €63,000 fis-sena – dan kollu llum il-gurnata ma ghadux il-kaz.*

*Oltre dan meta zewgha kien qed jahdem hija ma ghamlet ebda talba sabiex zewgha jghaddilha l-manteniment minkejja li zewgha mindu telaq mid-dar qatt ma ghaddielha manteniment u minkejja li ilha li harget bil-pensjoni sa minn meta ghalqet l-eta ta' sittin (60) sena. A fol 17 fin-nota guramenta taghha l-attrici tghid li f'April 2010 hija ghalqet 60 sena u <u>hija qed tircevi pensjoni ta' €797.00 kull erba (4) gimghat.</u>*

*Illi bhala pensjoni **George Cremona in rapprezentanza tad-Direttur Sigurta Socjali** (seduta 2 ta' Lulju 2013) pprezenta l-pensjoni taz-zewg terzi li tippercepixxi l-attrici u li turi li fid-19 ta' Jannar 2013 hija kienet tircevi €204.09c fil-gimgha.*

*Illi skond ix-xhieda ta' **Ivan Cilia mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali** (seduta 17 ta' Gunju 2015) l-attrici bdiet tircevi pensjoni taz-zewg terzi b'effett mil-24 ta' April 2010 cioe gimgha wara li ghalqet l-eta pensjonabbli ta' sittin (60) sena. Minnu jirrizulta li fis-sena 2010 hija tircevi €196.18c kull gimgha , €135.10c bonus kull sitt xhur, cost of living bonus ta' €6.59 kull gimgha u additional bonus ta' €3.12 fil-gimgha. L-ahhar rendikont huwa ghal perjodu bejn l-24 ta' April 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010.*

*Illi ghalhekk bhala pensjoni ftit hemm differenza bejn dak li qed tircevi l-attrici u dak li qed jircevi l-konvenut.*

*Illi l-**Artikolu 3 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, "Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom, skont il-mezzi u l-hila taghhom , li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

*Mill-atti jirrizulta li z-zewg partijiet jghixu bil-pensjoni, li l-introjtu tal-konvenut naqas sew meta huwa hareg bil-pensjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri, li pensjoni jaqalghu l-istess, li l-attrici qed tigi assenjatha parti mil-gratuity li irceva r-ragel, u li l-attrici f'dawn l-hdax il-sena kemm ilha ghaddejja l-kawza qatt ma resqet ebda talba ghal manteniment.*

*Il-perit legali taghmel referenza ghal dak li hija diga rrelatat dwar l-adulterju kommess mil-mara u tirrileva wkoll li anke fil-kaz ta' ingurji gravi wkoll hemm lok ta' dekadenza u dan anke jekk tali ingurji gravi sehheh meta z-zwieg taghhom kien spicca irrimedjabbilment.(vide **kawza nru 2229.14 Qorti tal-Familja per RGM deciza 25 ta' Mejju 2017).***

*Kif gie ritenut mil-Qorti tal-Appell: "Illi għalhekk kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Anna Faniello vs Dottor Renzo Porsella Flores nomine"** (deċiża fis-27 ta' Frar 2015):*
*"Din il-Qorti allura għandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax il-provvedimenti tal-artikolu 48 jew le. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-appellanti kienet ħatja ta' nġurji gravi simili ħafna jekk mhux ekwivalenti għal adulterju, il-Qorti jidhrilha li għandha tapplika hi wkoll dan l-artikolu u tiddikjara li l-appellanti ddekadiet mid-dritt għall-alimenti." Ara wkoll Taliana v Talina Prim Awla 5 ta' Marzu 1945).*

*<u>Ghaldaqstant ghal ragunijiet moghtija fil-parti tar-relazzjoni li titratta l-htija tal-firda, l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha li tirciev i l-manteniment skond din id-dispożizzjoni.</u>*

***Manteniment lil konvenut***
*Illil-attrici qed titlob li l-konvenut jigi dikjarat li huwa ddekada mid-dritt li jitlob manteniment l-attrici. Il-konvenut fir-risposta guramentata teighu jikkontendi li jaqbel purche li anke l-attrici tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghandu.*
*<u>Il-perit legali ghar-ragunijiet moghtija dwar il-htija tal-firda tikkontendi li din it-talba ghandha tigi milqugha u l-konvenut ghandu jigi dikjarat li huwa ddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici.</u>*
***Dhul mix-xoghol tal-attrici***
*Il-perit legali qed tipprezenta dawn il-provi sabiex tikkomparhom mad-depoziti/investimenti ta' kull parti.*
*L-attrici llum hija pensjonanta.*

*Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2015 xehed **N Saliba mil-Kopoazzjoni Xoghol u Tahrig** u pprezenta l-employment history sheet tal-mara u spjega li hija impjegata supervisory nurse mal-Ministeru tas-Sahha u informazzjoni li mit-3 ta' ottubru 1994 hija kiene timpjegata bhala deputy midwery officer u li baqghet tahdem full time sa dakinhar huma informazzjoni ma ghandhomx u ghalihom il-mara ghadha tahdem.*

*L-attrici fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2016 prezentat l-FS3's taghha ghal perjodu mis-sena 1994 sas-sena 2010 li minnhom jirrizulta li:*
*Dok MA1 datat 31 ta' Dicembru 1994 huwa ta' LM388.11c net*
*Dok MA2 tas-sena 1995 LM3346.73c net*
*Dok MA3 tas-sena 1996 LM3641.89c net*
*Dok MA4 tas-sena 1997 LM3876.28c net*
*Dok MA 5 tas-sena 1998 LM4937 gross*
*Dok MA6 tas-sena 1999 LM4947 gross*
*Dok MA7 tas-sena 2000 gross LM5125*
*Dok MA8 tas-sena 2001 gross LM5886*
*Dok MA 9 tas-sena 2002 LM6521 gross*
*Dok MA 10 tas-sena 2003 gross LM7705*
*Dok MA11 tas-sena 2004 gross LM9433*
*Dok MA 12 tas-sena 2005 gross LM8086*
*Dok MA13 tas-sena 2006 gross LM9068*
*Dok MA14 tas-sena 2007 gross LM10808*
*Dok MA 15 tas-sena 2008 gross €28440*
*Dok MA16 tas-sena 2009 €29947*
*Dok MA 17 tas-sena 2010 € 7198*

*Fis-seduta tat-23 ta' Novembru* ***2015 S Buhagiar in rapprezentanza ta' Mater Dei*** *pprezenta l-FS3 tal-attrici mis-sena 2005 sas-sena 2008, s-sena 2019 ma instabitx u pprezenta tas-sena 2010 meta irtirat fl-20 ta' April 2010.*

*Minnhom jirrizulta li fis-sena 2004 hija kellha dhul gross LM9433.46, fis-sena 2005 hija kellha dhul gross ta' LM8086.61, fis-sena 2006 hija kellha dhul gross ta' LM906.03c fis-sena 2007 hija kellha dhul gross ta' LM10808.19c cioe €2517.31, fis-sena 2008 hija kellha dhul gross ta' €28,440.33c, u fis-sena 2010 hija kellha dhul gross ta' €7198.41 .*

*Fl-istess seduta l-attrici prezentat l-employment history sheet aggornata taghha li turi li hija reghet bdiet tahdem fit-3 ta' Ottubru 1994 bhala Deputy Midwifery Officer u baqghet f'dan il-grad sakemm irtirat bl-eta fid-19 ta' April 2010.*

*Il-perit legali ma ghandha xejn x'tikkummenta dwar dan id-dhul stante li mil-kontijiet bankarji taghha jirrizulta li d-dhul kien jidhol f'dawn il-kontijiet.*

***Dhul mix-xoghol tal-konvenut***

*Il-konvenut illum il-gurnata wkoll huwa pensjonant u tali xhieda qed tigi prodotta a fini ghall-istess skopjiet tad-dhul tal-attrici.*

*Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011* ***Michael Deguara Direttur Human Resources mad-Dipartiment tas-Sahha*** *xehed li l-konvenut hu impjegat mad-dipartiment bhala Basic Specialist trainee II Public Health u dan gara wara l-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-*

*Assocjazzjoni Medika Maltija tal-1 ta' Novembru 2007. Huwa stazzjonat l-airport u jahdem erbghin (40) fil-gimgha fuq bazi ta' shift fuq roster day, night, rest off bejn erba (4) tobba inkluz . Qabel kien mal-Gvern bhala Medical officer.*

*Fl-istess seduta xehdet* ***Caroline K mis-Salaries Section mas-Sanita*** *li prezentat prospett mis-sena 2006 sa dakinhar tas-seduta li jikkonsisti f'hames (5) P3's mis-sena 2006 sas-sena 2010 u breakdown tal-paga tieghu mis-sena 2011 sal-ahhar paga li thallas fis-7 ta' Ottubru 2011.*

*Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 il-**konvenut** xehed li huwa jahdem part time l-Health centre Gzira u u jaghti GP service bhala self employed u jaghmel xi ghoxrin siegha fil-gimgha.*

*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 l-**konvenut** xehed li fis-27 ta' Settembru 2010 huwa kien ghadu impjegat mal-Gvern u irtira fit-30 ta' Dicembru 2012. Kelli paga basic €1760 u li minnhom trid taqta 35% ghax ikun hemm xi hdud u festi u li ddeverta bihom ukoll.*

*Tali dhul l-partijiet jaqblu li kien jidhol fil-joint account li kellhom il-partijiet.*

*Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 xehed* ***N Portelli Demajo direttur fis-socjeta The First Health Maintenance Organization Limited*** *li l-konvenut huwa part time employee bhala tabib mal-kumpanija u ilu hekk impjegat ghal xi ghaxar snin u ilu nieqes xi sentejn. Huwa esebixxa l-P3 tieghu ghas-snin 2007, 2008 u 2009 u ta' qabel ma ghandux. Xehed ukoll li l-kumpanija fil-kumpanija ma kellu ebda kariga.*

*Il-perit legali tirrileva li l-konvenut fis-sena 2007 kellu dhul gross ta' Lm1091 u spejjez taxxa ta' LM163, fis-sena 2008 kellu dhul gross ta' Lm2145 u spejjez taxxa ta' LM321, u fis-sena 2009 l-konvenut kellu dhul gross ta' LM2274.57 u spejjez taxxa ta' LM341 u fis-sena 2010 kellu dhul gross ta' LM1629.48 u spejjez taxxa ta' LM244. Dan juri li l-konvenut on average kien idahhal LM2023 netti cioe €4715.18c netti.*

*Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011 xehed Albert O minn ST Micro Electronics u pprezenta prospett tal-pagamenti li saru lil konvenut mil-1 ta' Jannar 2006 sas-sena 2010 u spjega li tas-sena 2011 ghad iridu jithalsu u li l-hlas naqas ghax inbidlet is-sistema tal-hlas, l-impjegati naqsu 'elf ruh u gew ingaggati aktar tobba u tqasmu aktar sessions.*

*Il-perit legali tirrileva li r-rendikont mil-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Dicembru 2010 li l-konvenut qala minn ST Micro Electronics igib total ta' LM40,701.18c cioe €94,833.74c u li tali rendkont esebit Dok AF1 juri li l-konvenut ghal perjodu mil-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Awissu 2011 kien jircevi €4965. Dan juri li on average l-konvenut minn l-ST Micro Electronics kien jaqla €18,966 fis-sena gross.*

*<u>Il-perit legali ma ghandha xejn x'tikkummenta dwar dan id-dhul stante li l-paga li l-konvenut kellu minn St Luke's kienet tidhol fil-kont kongunt tal-partijiet u d-dhul l-iehor il-partijiet</u>*

*xtraw l-immobbli u anke huma riflessi fil-kontijiet bankarji u investimenti li kellu l-konvenut u d-donazzjonijiet li ta lil uliedu*.

***Vetturi***

*L-attrici (seduta 3 ta ' Gunju 2016) xehdet li l-karozzi xtrahom hu mil-komunjoni tal-akwisti u karozza wahda taghtu l-flus hi.*

*Fin-nota guramentata taghha a fol 18 l-attrici tghid li l-partijiet ghandhom erba (4) karozzi, LAE-854 Citroen, I 121 Kia Avella, Alf 079 Kia Pride u JAU 829 Subaru u a fol 19 tghid li hemm qbil li kull parti tiehu zewg vetturi kull wiehed.*

*Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2012 xehed* ***Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport*** *Malta xehed li fuq l-attrici ma sab ebda vettura kemm la fil-prezent u lanqas fil-passat. Fuq il-konvenut sab tlett vetturi registrati fuq ismu vettura Citroen LAE-854, Kia Avella JON-121, Kia Pride ALF-079, u li qabel kellu zewg vetturi ohra registrati f'isem vettura Subaru JAU-829 li giet trasferiti fl-24 ta' Awissu 2011 u vettura Volkswagen Passat AAV-929 li giet trsferitia fl-1 ta' Settembru 2000.*

*Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2012 il-konvenut xehed li karozza huwa juza c-Citroen LAE-854 u l-ohrajn juzawhom it-tfal.*

*Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014 il-konvenut pprezenta dokument li juri li l-vettura Subaru biegha fil-15 ta' Awissu 2011 u ta' dan dahhal €900 u fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 huwa xehed li l-vettura Kia Pride fil-garage qeghda u qeghda fuq Malta Park u l-Kia Avella tuzaha l-attrici.*

*Illi ghalhekk mil-provi jirrizulta li mill-erba (4) vetturi li l-konvenut ghandu fuq ismu, ic-Citroen LAE-854 tigi assenjatha lilu ghax juzaha hu (stima tal-vettura ma saritx), l-vettura Kia Vella JON-121 tigi assenjatha lil mara (stima tal-vettura ma saritx), l-konvenut jghaddi s-somma ta' €450 nofs ir-rikavat mil-bejgh tal-vettura Subaru JAU-829, u meta u jekk inbieghet l-vettura Kia Pride Alf-079 r-ragel ghandu jghaddi nofs ir-rikavat minn tali bejgh.*

***Parafernali***

***L-attrici a fol 19*** *fin-nota guramentata taghha tghid li hemm qbil li Lm24,000 cioe €55,904 huma parafernali tar-ragel filwaqt li s-somma ta' Lm21,000 cioe €48,916.84 huma parafernali tal-mara. Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 il-konvenut xehed li jaqbel li LM24,000 huma parafernali tieghu u LM21,000 huma parafernali tal-mara.*

*Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2013 il-konvenut xehed li mil-wirt tieghu ghadu ma ha xejn ghax ommu ghadha hajja. Missieru miet fis-sena 1992 u mil-wirt ta' missieru irceva €33,00 li gew maqbuda bis-sekwestru u dawn gew minn bejgh ta' post ta' missieru. Aktar minn hemm ma ircevhiex mil-wirt ta' missieru. Huwa jammetti li martu qabel izzewgu kellha LM7000 u jaf*

*li fis-sena 1993 martu wirtet xi flus miz-zija ta' missierha pero ma jafx kemm izda jista jkun li wirtet xi LM7000 mil-wirt ta' ommha li mietet fis-sena 2003. Il-flus kienu f'kont jismu 't'ommi' u l-ammont hu circa LM21,000 izda hu u l-mara kienu qablu li li parafernali kellhom indaqs. Huwa gibidhom qabel sar is-sekwestu.*

*Izda imbaghad fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 huwa xehed li LM24,000 huma parafernali tieghu u LM21,000 huma parafernali tal-mara.*

*Hija l-fehma tal-perit legali li galadarba kien hemm qbil sas-seduta tat-2 ta' Lulju 2013 li kull parti ghandha LM21,000 cioe €48,930 kull parti u l-konvenut xehed fl-istess seduta li gibidhom qabel sar is-sekwestru, l-ammont ta' parafernali ghandu jkun ta' LM21,000 cioe €48,930 kull parti.*

*U li dawn ghandhom jithalsu lill-partijiet mil-flus depozitati l-Qorti permezz ta' diversi cedoli kif ser tirrelata l-perit legali rigward dawn ic-cedoli aktar l'isfel f'din ir-relazzjoni.*

***Proprjeta li gejja mil-wirt tal-konvenut***

*Mill-atti jirrizulta li l-konvenut wiret sehem ta' zewg proprjetajiet wahda f'Haz-Zebbug Malta u l-ohra f'Birzebbugia.*

*(i)Id-dar li tinsab 6 Triq Hali Haz-Zebbug Malta inbieghet fit-23 ta' Dicembru 2010 atti Nutar Ruben Casingena kienet tappartjeni kwantu ghal nofs indiviz ta' omm u kwart indiviz kull wiehed huwa u huh. Ix-xerrejja hadu loan mil-Banif Bank (Malta) plc. Id-dar inbieghet ghal prezz €149,000 u l-konvenut u huh halsu €5215 bejniethom. Ommhom halset taxxa €8940 u ghalhekk il-konvenut wara li titnaqqas it-taxxa tal-boll sehemu kien ta' €34,642.50c.*

*Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011 Christine Farrugia in rapprezentanza tal-Bank Banif prezenta l-kuntratt tal-bejgh ta' dan il-fond li sar fit-23 ta' Dicembru 2010 u spjegat li sehem il-konvenut minn dan il-bejgh gie depozitat il-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu.*

*Il-perit legali tirrileva li fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014 il-Banif Bank permezz ta' cedola numru 31/2011 l-Banif Bank ddepozita €32,987.46 u €487.54 spejjez u fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011* ***Marouska Buttigieg Gili ghan-nom ta' Banif Bank*** *spjegat li din ic-cedola 31/2011 tappartjeni lil konvenut u li gara kien li kien hemm sale tal-proprjeta fejn il-konvenut kien il-vendor u billi kienu ircevew is-sekwestru l-flus li kellu jiehu l-konvenut minn tali bejgh kellhom jaqbduhom.*
*Dan l-ammont hekk depozitat total ta' €33,475 fic-cedola numru 31/2011 mil-Banif illum BNF bank inkluz l-ispejjez tac-cedola, huwa parafernali tal-konvenut.*

*(ii) Bejgh u Zvilupp dar parafernali konvenut f'Birzebbugia*

*Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014 l-konvenut xehed u spjega li d-dar li l-genituri tieghu kellhom Birzebbugia inbieghet permezz ta' kuntratt tad-19 ta' Mejju 2010 atti Nutar Ruben Casingena*

*u minn dan il-bejgh huwa ma ha xejn ghax sehem in-nofs ta' ommu hadithom ommu u n-nofs l-iehor Dernis s jibnihom zewg flats. Huwa spjega li d-dar inbieghet LM180,000 u ommu irceviet LM90,000 cash u l-bilanc ta' LM90,000 haduhom huwa u hu u flok flus ser jiehdu zewg flats.*

*Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 l-konvenut ipprezenta kopja tal-prokura li huwa ghamel lil hu P Auilina fit-18 ta' Mejju 2014 biex jidher ghal kuntratt ghan-nom tieghu. . Huwa spjega li dakinhar tal-kuntratt fid-19 ta' Mejju 2014 Thomas Mifsud ta' Dernis thallas €7336 u li dan kienu xi spejjez tal-kuntratt u fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 huwa spjega li dawn thalsu capital gains tax bhala s-sehem tieghu ta' taxxa dwaril-bejgh tad-dar parafernali tieghu ta' Birzebbugia.*

*Mil-kuntratt jirrizulta li sehem il-konvenut ta' capital gains tax kien ta' nofs €14672 cioe €7336 u li ghalhekk dawn il-flus thalsu bhala taxxa fuq il-bejgh ta' sehem il-konvenut ta' dan il-fond. Dawn thalsu mil-kont kurrenti tal-konvenut kont numru 40017630342 – Dok RA2 permezz ta' cheque tal-14 ta' Mejju 2010 .*

*Mil-kuntratt jirrizulta li l-fond li kien jinsab numru 102 u 104 Triq F M Ferretti Birzebbugia inbiegh bil-prezz ta' €419,200 lis-socjeta Ta' Dernis Properties Limited u li ghan-nom tas-socjeta deher Thomas Mifsud. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kellu kwart indiviz ta' din il-proprjeta u li taxxa u huh tan-nofs indiviz bejniethom halsu €14,672. Li ghalhekk il-konvenut sehemu ta' kwart indiviz huwa ta' €104,800.*

*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 il-konvenut xehed li l-flus li mess lilu mil-bejgh tal-post li gej mil-wirt marru direttament fil-kont li kellu l-Bank of Valletta u li kien hemm sekwestru fuqu u meta muri c-cedoli kollha li gew prezentati l-Qorti u mistoqsi fejn marru l-flus li ha mil-post tal-bejgh il-konvenut wiegeb li suppost marru l-Bank of Valletta jew il-Qorti.*

*Illi izda, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 il-konvenut xehed li flus minn l-izvilupp ta' Birzebbugia ma hareg xejn ghax l-ftehim ma' Tommy kien li jaghtihom appartament kull wiehed lilu u lil huh. il-flat ghadu ma darx fuqu izda jammetti li l-flats inbnew u wkoll li saqsa lit-tifla tridx tixtrieh u taghti tlett kwarti lil hutha u l-istess offerta ghamilha lil kulhadd.*

*Jirrizulta wkoll li l-appartament li kellu jiehu l-konvenut huwa lest ghax offra li jbiegh lil bintu Elisabeth.*

*Illi mill-kuntratt ta' trasferiment ma jirrizultax li parti mill-arja zammewha l-konvenut u huh sabiex isir l-izvilupp ta' appartament kull wiehed; ghalhekk hija l-umli fehma tal-perit legali u dan kif ta' spiss jigri meta l-partijiet ikunu ghaddejjin fi proceduri ta' separazzjoni li l-konvenut ghadu fuq konvenju ma Ta' Dernis Properties Limited u qed jistenna l-konkluzjoni ta' dawn il-proceduri biex tali appartament jinqaleb fuqu. Biss din hija spekulazzjoni tal-perit legali mibnija fuq il-verzjoni tal-konvenut.*

*Illi ghalhekk u in vista tan-nuqqas ta' provi fir-rigward l-appartament li l-konvenut xehed li gie assenjat lilu minflok flus, anke ghal fatt li hadd mis-socjeta Ta Dernis ma ngab jixhed f'din il-kawza, is-somma ta' €104,800 hija parafernali tal-konvenut u stante li ma tirrizulta li giet depozitata fl-ebda kont din is-somma ma ghandhiex taghmel ghaliha l-mara minn ebda kont tal-partijiet kemm separatament u kemm konguntivament u r-ragel ghandu jirrifondi lil mara s-somma ta' €3668 nofs l-ispejjez tal-boll li huwa hareg mal-bejgh tad-dar ta' Birzebbugia.*

***Cedoli fil-Qorti***

*Flus depozitati l-Qorti*
*Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014 l-attrici prezentat cedola numru 220/2010 li permezz taghha l-Bank of Valletta pprezenta €1450.33 u €51.49c spejjez.*
*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 l-attrici prezentat s-segwenti cedoli:*
*Cedola numru 1239/10 l-Bank of Valletta ddepozita €3342.94 u €85.24c spejjez*
*Cedola numru 31/2011 l-Banif Bank ddepozita €32,987.46 u €487.54 spejjez*
*Cedola numru 70/2011 l-Bank of Valletta ddepozita €9305.10c u €172.99c spejjez*
*Cedola numru 271/2011 l-Bank of Valletta ddepozita €2515.89c u €73.07c spejjez*
*Cedola numru 841/11 l-Bank of Valletta ddepozita €539.21) u €38.44 spejjez*
*Cedola numru 110/12 l-Bank of Valletta ddepozita €709.50c u €39.89c spejjez*
*Cedola numru 1215/12 l-Bank of Valletta ddepozita €584.56c u €38.44 spejjez*
*Cedola numru 871/13 l-Bank of Valletta ddepozita €654.76 u €39.89c spejjez*

*Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2018 l-avukat tal-attrici Dr Albert Libreri pprezenta sitt cedoli depozitati mil-Bank of Valletta u mil-HSBC (Malta) wara l-mandat ta' sekwestru numru 220/2010 li l-attrici intavolat kontra l-konvenut.*

*Dawn juru li:*

*Cedola 317/2014 l-Bank of Valletta ddepozita €1450.33c u zamm €51.49c spejjez*

*Cedola 38/15 l-Bank of Valletta ddepozita €2193.46 u €62.70c spejjez*

*Cedola 73/2016 Bank of Valletta ddepozita €527.99c u €59.20c spejjez*

*Cedola 44/2017 Bank of Valletta ddepozita €1210.15 u €69.35c spejjez*

*Cedola 70/2017 HSbc Bank Malta plc ddepozita €1509.25c u €59.26c spejjez*

*Cedola 124/17 Bank of Valletta ddepozita €686.81c u €40.95 spejjez*

*Fl-istess seduta tat-18 ta' Mejju 2018 xehdet **Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta** u spjegat li l-Bank baqa jipprezenta aktar cedoli u spjegat li dawn kienu kollha dividends fuq shares li l-konvenut ghandu fil-Bank of Valletta kont MSC 122874. Hija spjegat li dawn id-dividends generalment jinghataw darbtejn fis-sena u jigu depozitati fil-kont tal-*

*konvenut u l-bank jiddepozithom. Dawn jigu depozitati u jingibdu mil-kont market Dok RA2 kont numru 40017630342. Hija prezentat li statements ta' dan il-kont minn Jannar sa Dicembru 2017 Dok RA2 (a). Hija kompliet tixhed li l-withdrawals tac-cedoli jidhru minn dawn li statements hlief l-ahhar tlieta cedola numru 73/2016, 44/2017 u 124.2017 li gew depozitati awtomatikament mil-company secretary il-Qorti u ghalhekk ma kienux gew depozitati fil-kont Dok RA2.*

*Dwar shares hemm 24881 BOV ordinary shares u li sakemm hija ghamlet ir-ricerka mal-Malta Stock Exchange fil-11 ta' Mejju 2018 dawn jirrizultaw li ghadhom hemm. Fadal bilanc ta' 1178 ewro li ghadhom mhux depozitati l-Qorti u huma dividends li dahlu end of December kif jidher minn Dok RA2(a). wara Jannar 2016 d-dividends qed jigu depozitati direttament mil-company secretary.*

*Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018* ***Alison Mifsud Brimmer in rapprezentanza tal-HSBC (Malta) plc*** *spjega li permezz ta' cedola ta' depozitu numru 70/2017 prezentata mil-HSBC fis-16 ta' Mejju 2017 gew depozitati €1509.25c. Hija spjegat li l-flus gew zbankati minn kont mhux fuq isem il-konvenut u l-konvenut wiret xi flus u minn dawn il-flus tal-wirt gew depozitati l-Qorti. Hija xehedet li l-ammont li gie depozitat huwa l-ammont li wiret il-konvenut.*

*Permezz ta' cedola numru 98/2018 gew depozitati €1198.02c is-somma ta' €1198.02c mil-kont kurrenti tal-konvenut. (seduta 26 ta' Settembru 2018 xhieda* ***Joanna Bartolo ghan-nom ta' Bank of Valletta).***

*Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019 l-**attrici** prezentat zewg cedoli cioe cedola numru 98/18 li turi li l-Bank of Valletta ddepozita €1149.82 u cedola numru 160.2018 li turi li l-Bank of Valletta ddepozita €1244.16 u dan wara s-sekwestru numru 220/10 l l-attrici ghamlet kontra l-konvenut.*
*Jista jirrizulta li gew depozitati cedoli ohra fil-frattemp ukoll u kull parti ghalhekk ghandha tipprezenta dawn ic-cedoli f'din il-kawza.*
*Hija l-fehma tal-perit legali li mil-flus depozitati permezz tac-cedoli hawn fuq imsemmija kull parti ghandha tiehu l-kreditu parafernali li hemm qbil fuqu cioe s-somma ta' €48,930 tigi zbankata minn kull parti u l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*

***Polza tal-assikurazzjoni mal-MSV Life***

*Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 il-konvenut xehed li kull wahda mil-erbat ulied kellhom polza tal-assikurazzjoni. Tal-kbir kienet fuqu u tal-ohrajn kienu fuqhom u ta' G daret fuqha .*

*Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 il-partijiet iddikjaraw li l-polza tal-MSV inqalbet f'isem it-tifla F.*

<u>*Li ghalhekk dawn il-poloz diga jinsabu fuq isem it-tfal tal-partijiet u hadd mil-partijiet mhu qed jippretendi xejn dwar dawn il-poloz.*</u>

***Life policies mal-Eagle Star***

***Il-konvenut*** *fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 xehed li hu u l-mara kellhom life policy kull wiehed mal-Eagle Star u dawn kollha thalsu mill-account tieghu u meta immaturaw huwa u l-mara hadu l-istess somma. Huwa xehed li dwar dan la hu ma ghandu pretensjoni u lanqas martu.*

*L-attrici dwar dan il-poloz ma ssemmi xejn u lanqas tichad dak li xehed il-konvenut u ghalhekk il-perit legali tikkontendi li ma hemm ebda pretensjoni fuq dawn iz-zewg poloz li l-partijiet kellhom mal-Eagle Star.*

***Shares mal-Bank of Valletta***

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 xehdet* ***Melissa Mamo in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange*** *u sabet li l-konvenut ghandu shares f'ismu mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' 14,219.*

*Fis-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2013 xehed* ***Robert Zammut mil-Malta Stock Exchange*** *li u spjega li minn l-ahhar statement li pprezenta x-shares tal-Bank of Valletta zdiedu minn 14219 ghal 17773 shares u 8200 shares fl-MIA baqghu l-istess. Ili l-prezz tal-bierah ta' dawn l-ishma tal-Bank of Valletta huwa 17773 x 2.275 total 40,433.575.*

*Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018 xehdet* ***Dr Ruth Spiteri Longhurst, Company Secretary Bank of Valletta*** *u spjegat li hemm 24881 Bov ordinary shares registrati f'isem il-konvenut u f'Ottubru 1990 l-konvenut kien ghamel applikazzjoni biex jixtri 3300 shares tal-Bov skond l-allocation policy l-Bank of Valletta kien allokalu 1368 shares u kienu jiswew 91 cents kull share jigifieri LM1244.88c cioe €2899.79c.*

*Hija kompliet tixhed li matul iz-zmien kien hemm diversi bonus issues kif jidher f'Dok RS1 li prezentat seduta stante u li sat-2 ta' Lulju 2018 telgha b'total ta' 24881 shares li ghandhom valur ta' €42,292.94c skond id-data tat-2 ta' Lulju 2018. Hija prezentat Dok RS2 li juri kemm hu l-valur tax-shares fit-2 ta' Lulju 2018 u Dok RS3 l-application li kien ghamel originarjament D C. ; Dok RS4 credit vouches, Dok RS6 l-ittra li hareg il-bank tal-allocation tax-shares u dok RD5 x-share certificate number. Hija spjega li Dok RS1 fil-kolonna changed quantity hemm n-numru ta' shares li zdiedu maz-zmien u biex jizdiedu l-konvenut ma hallas xejn. Il-Bord tad-Diretturi jaghmel rakkomandazzjoni fl-annual general meeting li jaghti bonus shares lill-azzjonisti tieghu b'xejn; jista jkun over and above id-dividend u jista jkun minflok id-dividend. Ix-shares li jizdiedu ghal kull azzjonist ikunu pro rata ghal dak li ghandhom. Ix-share split jirduppjaw – ghandek share wiehed jinqasam fi tnejn qisu bonus issue ta' 100% jirduppjaw. Hija xehdet ukoll li l-konvenut hallas cash kif indikat fl-applikazzjoni Dok RS3 u Dok RS6 huwa r-refund tal-flslus li kien hallas meta applika peress li ma gewx allokati lilu x-shares li kien talab.*

*Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018 Joanna Bartolo ghan-nom tal-Bank of Valletta xehdet li d-dividends dahlu f'Jannar 2016 wara li sar il-mandat ta's sekwestru u wara li gibdilhom l-attenzjoni l-avukat tal-attrici id-dividends sussegwenti bdew jinzammu blocked.*

*Mil-premess jidher car li dawn ix-shares inxtraw fis-sena 1990, ma saret ebda prova li dawn inxtraw bi flus parafernali tal-konvenut u ghalhekk huma shares tal-komunjoni tal-akkwisti u ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet inkluz id-dividends li inghataw fuq l-istess shares; u dan sakemm xi parti ma tippreferix li tbiegh sehemha ta' dawn ix-shares lil parti l-ohra.*

***Shares mal-MIA konvenut***

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 xehdet **Melissa Mamo mil-Malta Stock Exchange** li l-konvenut ghandu shares f'ismu fl-MIA fl-ammont ta' 8,200.*

*Fis-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2013 **Robert Sammut mil-Malta Stock Exchange** xehed li shares l-MIA baqghu l-istess cioe 8200 u dawn sal-bierah cioe sal-ahhar ta' Frar 2013 kienu jiswew 1.79 kull sehem total €14678.*

*Dawn ix-xhares ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet sakemm ix parti ma tkunx trid tbiegh sehemha ta' dawn ix-shares lil parti l-ohra .*

***Shares fil-Malta Government Stock***

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 xehdet **Melissa Mamo mil-Malta Stock Exchange** li x-shares li l-konvenut kellu fil-Malta government Stock gew redeemed fis-7 ta' Settembru 2000 u l-konvenut thallaslura l-kapital ta' LM500 cioe €1165.*

*Ghaldaqstant u tenut kont li ebda prova ma saret li dawn il-flus huma parafernali tal-konvenut , l-konvenut ghandu jghaddi nofs dan l-ammont cioe €582.50c lill-attrici.*

***Kontijiet bankarji f'isem l-attrici***
*Fin-nota guramentata taghha a fol 18 l-attrici tikkontendi li r-ragel ghandu €500,000 f'diversi kontijiet bankarji f'ismu hija ghandha xi €88,000 f'isimha.*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 **Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta** xehed li sab tnax-il kont f'isem l-attrici ipprezenta Dok RA16 sa RA27 kontijiet f'isem l-attrici.*

*Dok RA16 kont savings numru 112-005601-3*

*Dok RA17 kont term deposit numru 11200556052*

*Dok RA18 mhix fil-process*

*Dok Ra19 kont term deposit numru 40011138950*

*Dok RA20 kont term deposit numru 40012091614*

*Dok RA21 term deposit numru 400127463829*

*Dok RA22 term deposit numru 40013226705*

*Dok A23 kont 90 day notice account numru 40013959234*

*Dok RA 24 current numru 40015301987*

*Dok RA25 kont long term numru 40016125955*

*Dok RA26 term deposit numru 40018417881*

*Dok RA27 savings kont numru 40019726889*

*Shares Malta government Stock konvenut*

*Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru* ***2015 Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc*** *pprezentat tnax-il kont li l-attrici ghandha /kellha mal-Bank of Valletta dok Bov 1 sa Bov 12, u dok Bov 15 huwa gold card li hija ghandha. Hija kkonfermat li minn Dok Bov 13 sar withdrawal fid-9 ta' Ottubru 2008 ta' €8782.52c u kkonfernat li l-kontijiet Dok Bov1, Bov 3, Bov 4, Bov 6 Bov 7 Bov 8 Bov 10 huma maghluqa.*
*Fis-seduta ta-23 ta' Novembru 2015 kif mitluba fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 , dwar il-withdrawal ta' €8782.52 mil-kont Bov 13 hija ma setghetx taght informazzjoni peress li skadew l-hames snin.*
*Il-perit legali hadet konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti u li minnhom irrizulta dan li gej:*
*Dok Bov 1 huwa savings numru 112-0055601-3 li infetah fit-28 ta' Mejju 1993 u li fih kienet tidhol il-paga u sussegwentement il-pensjoni tal-attrici. L-izbanki li kien hemm juru li kienu ghal hajja ghax ma hemmx xi ammonti straordinarji li gew zbankati.*
*Dok Bov 2 kont numru 112-0055604-2 – minnu jirrizulta li infetah fl-10 ta' Jannar 1997 gew depozitati LM3000 u fil-12 ta' Jannar 2005 kien hemm €6988.12 minnhom l-mara gibdet €1,600 u baqa bilanc ta' €5,388.12. Dan il-kont jibqa f'isem il-mara u u minnhom il-mara ghandha tghaddi n-nofs ta' €6988.12 cioe € 3494.06c lill-konvenut.*
*Dok Bov 3 kont numru 400111138950 li meta infetah fit-12 ta' Dicembru 2002 gew depozitati LM3000 u fil-15 ta' Dicembru 2007 gew zbankati LM3465.11 biex b'hekk dan il-kont inghalaq fil-15 ta' Dicembru 2007. Ghalhekk il-mara ghandha tghaddi n-nofs cioe nofs ta' €8073.70 cioe €4036.85c. lir-ragel.*
*Dok Bov 4 – kont 40010309955 li meta infetah fis-17 ta' Lulju 2002 gew depozitati LM3000 u fid-19 ta' Lulju 2002 meta inghalaq kellu LM3000.27c u li ghalhekk il-mara ghandha tghaddi lir-ragel nofs €6990.62cioe €3495.31c*

*Dok Bov 5 – kont 40012091614 li meta infetah fit-8 ta' Novembru 2002 gew depozitati LM3000 u meta inghalaq fl-1 ta' Novembru 2014 gew zbankati €8294.71 u ghalhekk l-mara ghandha tghaddi lir-ragel nofs din is-somma cioe €4147.35.*

*Dok Bov 6 – kont numru 40012763829 li meta infetah fit-13 ta' Awissu 2003 gew depozitati LM8000 u fis-17 ta' Awissu 2009 gew zbankati €21512.38c u ghalhekk hija ghandha tghaddi nofs dan l-ammont lir-ragel cioe €10,756.19c.*

*Dok Bov 7 – kont numru 40013226705 li meta infetah fl-20 ta' Frar 2004 gew depozitati LM4000 u fit-22 ta' Frar 2007 gew zbankati LM4226.28c cioe nofs €9847.23c u ghalhekk il-mara ghandha tghaddi nofs din is-somma cioe €4923.61c lir-ragel.*

*Dok Bov 8 – kont numru 40013959234 li minnu jirrizulta li fl-1 ta' Frar 2007 hija zbankat LM6000 cioe €13,980 u fl-14 ta' Marzu 2008 hija zbankat €9525.54c, u ghalhekk hija ghandha tghaddi lir-ragel nofs dawn iz-zewg ammonti cioe €11,752.77c.*

*Dok Bov 9 – kont numru 40014301987 li minnu jirrizulta li fit-13 ta' Ottubru 2007 sar trasferiment ta' LM1000 fil-kont numru 1120056013, fl-24 ta' Dicembru 2007 sar trasferiment iehor fl-istess kont ta' LM3687.50c, fit-12 ta' Jannar 2008 sar trasferiment iehor ta' €2331 fl-istess kont, , fil-25 ta' Frar 2008 gew trasferiti mil-kont numru 1120056013 €25,595.71 u li fis-26 ta' Frar 2008 €25,623 gew zbankati minn Dok Bov 9 ghal kont numru 1120056013, fid-9 ta' April 2008 gew depozitati €7988.47c permezz ta' trasferiment mil-kont numru 1120056013 ghal dan il-kont u fid-9 ta' April 2008 gew trasferiti €8000 mil-kont Bov 9 ghal kont 1130056013, fit-13 ta' Marzu 2010 gew trasferiti mil-kont numru 1120056013 €1141.21 u fl-istess data gew trasferiti €1154.90 fil-kont 1120056013, fit-30 ta' Settembru 2010 gew depozitati €182.30c mil-kont 1120056013 f'dan il-kont u fl-20 ta' Settembru 2010 gew trasferiti €1514 fl-istess kont 1120056013.*

*Fil-11 ta' Marzu 2011 gew trasferiti €1154.90c f'dan il-kont minn kont numru differenti cioe 40019726868 u fl-24 ta' Marzu 2010 gew trasferiti mil-kont Dok Bov 9 ghal dan il-kont 40019726869 dok Bov 12. L-istess gara fil-5 ta' Marzu 2012 meta gew depozitati €1160 permezz ta' transfer mil-kont 40019726869 u €1154.90 gew trasferiti fid-9 ta' Marzu 2012 fil-kont 40019726869. Kont numru 40019726868 huwa dok Bov 12. Saru diversi tranzazzjonijiet ohra f'ammonti inferjuri fil-kont 11200556013.*

*Dwar dan il-kont 40014301987 wara naqset id-depoziti li saru fil-kont Bov 12 kont numru 40019726869, u stante li l- kont numru 11200556013 ma jirrizulta li huwa ta' kont xi parti fil-kawza u ghalhekk il-perit legali hija tal-fehma li l-mara ghandha tghaddi lil zewgha nofs id-depoziti kollha li saru fil-kont 1120056013 cioe nofs s-somma ta' €56, 696.20c u ghalhekk hija ghandha tghaddilu n-nofs cioe €28,384.10c.*

*Dok Bov 10 kont numru 40016125955 li infetha fl-15 ta' Mejju 2007 u gew depozitati fih LM11,000 cioe €25,623.11c u li fis-16 ta' Frar 2008 gew zbankati €26,019.19c u ghalhekk hija ghandha tghaddi nofs din is-somma li r-ragel cioe €13009.59c*

*Dok Bov 11 kont numru 40018417881 li meta infteah fis-27 ta' Awissu 2009 gew depozitati fih €21,512.38c li gew zbankati kollha u ghalhekk il-mara ghandha tghaddi n-nofs lir-ragel cioe €10756.19c.*

*Dok Bov 12 kont numru 40019726869 li meta infetah fis-17 ta' Frar 2011 sar depozitu ta' €10,000 u fil-24 ta' Dicembru 2013 ghandu bilanc ta' €1558.50c. Il-mara ghandha tghaddi ghalhekk nofs id-depozitu inizjali cioe €5000 lir-ragel u l-kont jibqa fuq isimha.*

***Shares li kellha l-attrici mal-Malta Government Stocks***
*Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011* ***Robert Sammut ghan-nom tal-Malta Stock Exchange*** *xehed li l-attrici investiet LM1000 fil-Malta Government Stock fit-28 ta' Lulju 1993 u meta gew redeemed fit-3 ta' Lulju 2003 l-attrici hadet lura s-somma ta' LM1000.*
***Amanda Mizzi mil-Malta Stock Exchange*** *li spjegat li fuq il-mara ma hemm xejn dakinhar tas-seduta (17 ta' Gunju 2015) izda li l-mara kellha government stock li gie redeemed fis-sena 2003 u kien ta' LM1000 u LM1000 baqa meta gie redeemed.*
*Fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015 xehded* ***Stephanie Abela mil-Malta Stock Exchange*** *li prezentat l-istorja ta' dawn li stocks f'isem il-mara. Minnhom jirrizulta li l-attrici irceviet dividends mit-3 ta' Jannar 2000 sas-3 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' LM280.19c u li dawn li stocks sarfithom fis-6 ta' Lulju 2003 u hadet LM1000 bhala 'redemption payment. Ghalhekk b'kollox irceviet €2982.84c.*
<u>*Ghaldaqstant l-attrici ghandha ghalhekk tghaddi lill-konvenut nofs dan l-ammont cioe €1491.42c.*</u>

### ***Kontijiet mal-Bank of Valletta konvenut***

*Fix-xhieda tas-7 ta' April 2011* ***Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta*** *plc xehed li fuq il-konvenut sab ghaxar kontiiet Dok RA1 sa RA10 u li Dok RA3 sa RA10 huma maghluqin.*

<u>*Re kont numru 12800594021 Dok RA1*</u>

*Li Dok RA1 huwa kont savings numru 12800594021 u ghadu miftuh u ghandu bilanc zero stante li €2588.96 gew depozitati l-Qorti fil-15 ta' Frar 2011 wara sekwestru numru 220/10 CF. (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011).*

*Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013 r-****rapprezentant tal-Bank of Valletta Renzo Gonzi*** *xehed li minn dan il-kont*
*fil-15 ta' Frar 2008 sar withdrawal* ***ta' €9000*** *u saret minn min ghandu id 78752M u hi ffrimata minn min affetwa t-transaction, Dok RG1. Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 l-konvenut xehed li ma jiftakarx li ghamel dan il-withdrawal.*
*fit-22 ta' Settembru 2008 sar withdrawal ta'* ***€1000*** *u t-transaction kienet minn min ghandu ID 78752M , Dok RG2*
*Fl-24 ta' Ottubru 2008 kien hemm bill payable ta'* ***€20,002.91*** *lil Dr D C u gie endorsjat minn min iffirma bl-identity card hemm indikata u li sar mil-account tieghu fuq ismu, Dok RG3 u fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2013 l-konvenut meta mistoqsi x'ghamel b'dawn il-flus huwa wiegeb li ma jiftakarx u li jista jkun li gie depositat f'kont wiehed. Fis-seduti tad-9 ta' Lulju 2014 u tal-10 ta' Ottubru 2014 l-konvenut meta mistoqsi dwar dan il-bill payable huwa wiegeb li ma jiftakarx u fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 il-konvenut dwar il-bill payable ta' €20,002.91 wiegeb li jaghraf il-firma tieghu u ta' xhiex zbanka din is-somma ma jafx.*

*Rigward il-POS li saru minn dan il-kont bejn il-11 ta' Frar 2009 u 20 ta' Settembru 2010 Renzo Gonzi pprezenta Dok RG4. Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 l-konvenut wiegeb li huwa jista jmur restaurants u ma min imur jirrifjuta li jirrispond). Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013 Renzo Gonzi pprezenta it-transaction image ta' €9317.49c mit-term deposit 18200157101.*
*Minn dan il-kont jirrizulta Dok RG4 l-hrug tal-konvenut f'diversi restaurants u xiri mil-Gold Market fl-ammont ta' €985 total.*
*Illi minn dan il-kont jirrizulta wkoll li fl-24 ta' Settembru 2010 sar withdrawal ta'* ***€3409.27c*** *gew depozitati l-Qorti permezz ta' sekwestru numru 220/10CF u somma ohra fl-ammont ta' €2588 .96 giet depozitata il-Qorti fil-15 ta' Frar 2011 biex illum dan il-kont ghandu bilanc zero.*

*Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2018 Joanna Bartolo ghan-nom tal-Bank of Valletta xehedet li fil-kont numru 12800594021 Dok RA1 hemm bilanc ta' 46 cents.*

*Dwar dan il-kont il-perit legali tirrelata dan li gej:*
*Dwar l-ispejjez li hargu mil-visa gold tal-konvenut Dok RG4 ghal perjodu bejn 10 ta' Awissu 2009 u Settembru 2010 huwa ma ghandu jghaddi xejn lil mara stante li l-perit legali hija tal-fehma li mis-26 ta' Novembru 2007 il-komunjoni tal-akkwisti giet dikjarata xolta.*
*Ic-cedoli ta' depozitu prezentati l-Qorti minn dan il-kont jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.*
*Il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' €4500(nofs id-€9000), s-somma ta' €500 (nofs l-€1000) u s-somma ta' €10,000 (nofs l-€20,000)*
*Jirrizulta li bejn Lulju 2010 u Awissu 2010 huwa gibed s-somma ta' €8700 minn dan il-kont u ghalhekk huwa ghandu jghaddi lill-attrici nofs din is-somma wkoll tenut kont li tali flus kienu gew depozitati qabel is-26 ta' Novembru 2007.*

*Dwar il-kont current numru 40017630342 Dok RA2*

*Dok RA2 huwa kont current numru 40017630342 u ghandu bilanc ta' €10 jidher li gew depozitati €18.91 fl-24 ta' Settembru 2010.*

*Fix-xhieda tieghu t**al-1 ta' Marzu 2013 Renzo Gonzi*** *in rapprezentanza tal-istess Bank, pprezenta cheque images mitluba u spjega li dawn ic-cheque images juru pagament ta' €500 lil G C fl-4.12.08; cheque ta' €379.96 lil Med Design fis-26.1.09, cheque ta' €1175.40c lil Eagle Star fid-9.3.09; cheque ta' €4000 lil G C fl-10.9.09; cheque ta' €350 lil Michael Mizzi 16.4.2010; cheque lil Thomas Mifsud ta' €7336 fl-14.5.2010; cheque ta' €350 lil RSL fit-3.12.2009, cheque lil Eagle Star ta' €1175 fil-17.3.2010.*
*Renzo Gonzi xehed ukoll li mic-cheques images mitluba mil-kont 400176330342 huwa sab transaction images ta' €473 u €8782.42 biss u l-ohrajn ma sabhomx. Izda minn Dok RG6 prezentat minn l-istess xhud jirrizulta li tali ammonti gew depozitati fil-kont 12800594021*

*cioe Dok RA1; jirrizulta wkoll minn li statements esebiti tal-kont RA1 (seduta 7 ta' April 2011) d-depozitu ta' €473 ma jirrizultax li sar ghalkemm l-voucher Dok RG6 turi dan.*
*Fis-seduta* ***tal-25 ta' Marzu 2014 il-konvenut*** *spjega li c-cheque lil Med Design kien hargu lil Perit Charles Buhagiar meta fis-sena 2009 ghamel stima tad-dar matrimonjal f'H'Attard; il-pagament lil Thomas Mifsud kien pagament lil Tommy ta' Hal Qormi l-kuntrattur inkarigat biex jibni d-dar parafernali tal-konvenut b'Birzebbugia izda s-somma ta' €7300 ma jiftakarx ghal x'hiex kienet jahseb li kienet taxxa izda dawn thalsu mil-parafernali tieghu. Meta mfakkar li dawn hargu mil-kont kongun huwa wiegeb li ma jiftakarx ghal x'hiex hargu dan ic-cheque; lanqas c-cheque ta' €350 lil RLS ma jafx ghal x'hiex hargu u dwar cheque ta' €350 lil Gold Market dan uzah billi xtara brazzuletta ghalih li ghandu f'idejh dwar it-tranzazzjonijiet l-ohra li ghamel mal-Gold Market il-konvenut xehed li kien xtara xi haga ohra ghalih pero l-ohrajn ma jiftakarx ghal x'hiex nefaqhom izda zgur li rigali ghal A Elwefelly ma kienux.*
*Il-perit legali tinnota li minn dan il-kont saru diversi trasferimenti fil-kont Dok RA1 u f'Dicembru 2010 baqa bilanc ta' €10*
*Dwar dan il-kont il-perit legali tirrelata kif gej:*
*li s-somma ta' €7336 mahruga fit-22 ta' Mejju 2012 lil Ta Dernis Properties Limited tirrizulta li hija l-boll li l-konvenut u huhu P kellhom ihalsu meta bieghu sehemhom tal-fond ta' Birzebbugia.*
*Li ghandu jghaddi nofs is-somma li hareg lil Med Design ta' €379.96 cioe €189.98c stante li prova ta din l-istima huwa qatt ma pprezenta; nofs is-somma ta' €350 RLS cioe €175 lil mara, u nofs is-somma ta' €350 lil Michael Mizzi cioe €175 lill-attrici tenut kont li spjegazzjoni dwarhom huwa qatt ma ta.*
*Rigward id-donazzjonijiet li huwa ghadda lil bintu G huwa ma jghaddi xejn lill-attrici stante li z-zewg partijiet ghenu lit-tfal u lanqas dwar il-pagamenti tal-Eagle Star stante li l-partijiet jaqblu li kellhom insurance kull wiehed mal-Eagle Star u din sarfuha u kulhadd ha r-rikavat mill-insurance tieghu.*

*Dok RA3 u RA4 huma kontijiet kongunti tal-partijiet mhux tal-konvenut wahdu u dwar dan il-kont il-perit legali tirrelata fil-parti dwar il-kontijiet kongunti. (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Re Dok RA5 kont term deposit numru 18200157101*

*Illi Dok RA5 kont term deposit numru 18200157101 ix-xhud Romuald Attard xehed li dan il-kont huwa term deposit li ghalaq fit-28 ta' Dicembru 2010 u li minn Dok RA5 sar automatic transfer ghal savings account Dok RA1 u Dok RA3 u li l-automatic transfer kien isir tal-imghax ghax il-kapital kien jigi renewed sakemm inghalaq. Minnu jirrizulta li sar zbank ta' €9317.49c u l-kont ghandu bilanc ta' zero. (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Dwar dan il-kont il-perit legali tirrelata li l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici nofs is-somma ta' €9317.49c cioe €4657.24c.*

*<u>Re Dok RA6 kont numru 40011204868</u>*

*Li Dok RA6 kont numru 40011204868 huwa term deposit f'isem il-konvenut li naghlaq fl-10 ta' Jannar 2009 billi ngibdet is-somma ta' €93,447.91c (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 rega xehed Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezenta Dok RA13 transaction image ta' transfer minn dan il-kont fl-ammont ta' €93,447.91c mil-kont Dok RA6 fil-kont 1860434617 li hu kont tal-Valletta fund Management u l-persuna li gibditu ghandha ID 78752M*

*Minn Dok VFM4 (seduta 22 ta' Gunju 2011) jirrizulta li fit-8 ta' Jannar 2009 gew depozita fil-Valletta Fund Management is-somma ta' €59,979.18c*

*<u>Li ghalhekk dwar dawn il-flus il-perit legali ser tirrelata fil-kapitolu dwar il-Valletta Fund Management</u>.*

*Minn Dok VFM2 (seduta 22 ta' Gunju 2011) jirrizulta li fit-12 ta' Jannar 2009 gew depozitati fil-Valletta Fund Management is-somma ta' €87,021.30c*

*<u>Li ghalhekk dwar dawn il-flus il-perit legali ser tirrelata fil-kapitolu dwar il-Valletta Fund Management</u>.*

*<u>Re Dok RA7 kont numru 40013123073</u>*

*Li Dok RA7 kont numru 40013123073 huwa term deposit li naghlaq fil-15 ta' Jannar 2009 u ngibed €18,125.25c, (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 rega xehed Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezenta Dok RA14 huwa l-voucher li bih inghalaq il-kont RA7 withdrawal ta' €18,125.25c fil-15 ta' Jannar 2009 u l-withdrawal sar mil-persuna li ghandha l-karta tal-identita numru 78752M gewwa l-istess kont fil-Valletta Fund Management. Mill-atti jirrizulta li l-konvenut ghandu dan in-numru tal-karta tal-identita.*

*Minn Dok VFM2 (seduta 22 ta' Gunju 2011) jirrizulta li fil-15 ta' Jannar 2009 gew depozitati fil-Valletta Fund Management is-somma ta' €18,810.42c*

*<u>Li ghalhekk dwar dawn il-flus il-perit legali ser tirrelata fil-kapitolu dwar il-Valletta Fund Management</u>.*

*<u>Re Dok RA8 kont numru 40013972486</u>*

*Li Dok RA 8 kont numru 40013972486 hu term deposit u naghlaq fid-29 ta' Settembru 2005 u ingibed LM13,167.46. (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 rega xehed Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezenta Dok RA8 kellhom instruction biex meta jimmatura jigu transferred fil-kont 18200143018 f'isem Dr D C u Mrs A C u gew trasferiti LM13,167.46c*

*Dawn gew trasferiti fil-joint account tal-partijiet u l-perit legali tirrelata dwar dan meta tikkonsidra dawn il-joint accounts.*

*Re Dok RA9 kont numru 40010255957*

*Li Dok RA9 kont numru 40010255957 hu term deposit li naghlaq fl-4 ta' Jannar 2008 u ngibed €10,001.16c (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 rega xehed Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li Dwar RA9 l-bank kellu struzzjonijiet biex upon maturity l-flus jigu transferred fl-account number 12800594021 f'isem Dr D C u €10,001.16c gew trasferiti f'dan il-kont fl-4 ta' Jannar 2008.*

*Dan jirrizulta minn Dok RA1 li l-perit legali diga rrelatat dwaru.*

*Re Dok RA10 kont numru 40015749183*

*Li Dok RA10 kont numru 40015749183 hu term deposit li nghalaq fit-8 ta' Jannar 2009 u ngibed €57,770.09c. (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 rega xehed* ***Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta*** *plc li pprezenta pprezenta Dok RA 15 turi t-transaction voucher li turi li l-flus gew trasferiti mal-Valletta Fund Management fil-kont numru 18604346107 fl-ammont ta' €52,770.09c fit-8 ta' Jannar 2009.*

*Minn Dok VFM4 (seduta 22 ta' Gunju 2011) jirrizulta li fit-8 ta' Jannar 2009 gew depozitati fil-Valletta Fund Management is-somma ta' €59,979.18c*

*Li ghalhekk dwar dawn il-flus il-perit legali ser tirrelata fil-kapitolu dwar il-Valletta Fund Management.*

***Valletta Fund Management f'isem il-konvenut***

*Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 xehdet Romuald Attard in rapprezentanza tal-Valletta Fund Manaement u pprezenta tlett (3) statements Dok VFM1 sa VFM3 u spjega li Dok VFM1 huwa bond fund f'isem il-konvenut li gew transferred ghal money fund f'Dok VFM3, u li F'Dok VFM1 sas-sena 2003 huma bil-liri Maltija u l-figuri tar-redemption tas-16 ta' Marzu 2009*

*hija bil-munita ewro li gew transferred f'Dok VFM3 li gew redeemed fis-27 ta' Settembru 2010 u l-konvenut ha s-somma ta' <u>€85,861.92c</u>.*

*Dok VFM2 juri li dawn gew redeemed fis-27 ta' Settembru 2010 u l-konvenut ha <u>€119,614.40c</u> u li sab ukoll money fund dok VFM4 li gew transferred lil third parties li gew zbankati fit-3 ta' Gunju 2009 u aktar informazzjoni jista jaghti meta jkollu l-ezenzjoni tal-Qorti. Ezenzjoni dwar third parties qatt ma ingabet pero jirrizulta li minn VFM4 fl-ammont ta' <u>€21,780.51c</u> fit-3 ta' Gunju 2009*

*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 il-**konvenut** gie mistoqsi x'ghamel bil-flus li sarraf fis-27 ta' Ottubru 2010 mil-VFM3 u wiegeb li dawn ma ntlaqtux bis-sekwestru u uzahom ghal hajja, ta flus it-tfal u nefaqhom kollha pero jaqbel li huma tal-komunjoni. Xehed li lit-tifla z-zghira G ta' xi €8000, lit-tifel D tah xi €15,000.*

*Huwa xehed ukoll li skond VFM2 huwa sarraf €119,614.50c u li parti minnhom huma parafernali mil-wirt ta' ommu , kellu LM24000 parafernali u hija kellha M21,000 parafernali taghha. Jammetti li parti kienu tal-komunjoni u li dawn ma kienux milquta mis-sekwestru ghax gibidhom ghax kien jaf li gej sekwestru. Il-konvenut kkorega ruhu u xehed li l-flus f'Dok VFM2 huma tal-komunjoni; u l-flus f'Dok VFM1 li gew imsarfa fis-16 ta' Marzu 2009 u tpoggew f'dok VFM3.*

*Rigward Dok VFM4 li juri d-data tat-3 ta' Gunju 2009 cioe sena qabel l-konvenut xehed li dawn huma flus parafernali tieghu gejjin mil-wirt ta' ommu Account Giovanni.*

*Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 huwa xehed li lit-tifel I ghenu mindu hu u l-mara ma baqghux jghixu flimkien u li lil G kien ta €7000 u mhux €8000 u dawn ma tahomlhiex f'daqqa u tahomlna meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien u G kienet ghadha tistudja l-Ingilterra. Wara li separaw de facto huwa ta €2000 ohra biex tghix l-Ingilterra waqt li kienet ghadha qed tistudja. Lit-tifel D ghenu billi tah €15,000 f'somma wahda meta xtara dar l-Ingilterra mal-gharusa tieghu. Il-flus silifhomlu ghax mhux tifel wiehed ghandu u imghax ma jzomlux u lanqas data ma ftehmu meta jaghtihomlu lura.*

*Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2018 Joanna Bartolo xehdet li ma sabet xejn fil-Valletta Fund Management.*

*Il-konvenut ebda prova ma gab tad-donazzjonijiet li ghamel lit-tfal ghajr il-kelma tieghu u l-perit legali ma ghandhiex dubju li huwa ghen lit-tfal fil-frattemp kif l-attrici ghenet lil binthom z-zghira G u taghtha €31,000 biex tixtri maisonette (seduta 24 ta' Gunju 2019) izda hija hija ma tistghax tikkonstatata jekk u meta saru l-allegati donazzjonijiet minn dawn il-flus li zbanka l-konvenut.*

*<u>Dwar is-self li jghid ta' €15,000 li sellef lit-tifel D, dawn ghandhom jibqghu tal-konvenut meta jirrifondihomlu u l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici nofs il-flus li huwa zbanka cioe €113,670.91c.</u>*

***Credit card tal-konvenut***

*Ix-xhud **Renzo Gonzi in rapprezentanza tal-Bank of Valletta** fis-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2013 pprezenta t-transactions li saru bil-credit card tal-konvenut. Visa gold 4263700000047016, cashlink international 4324900600088024 u cashlink 5887318000064569. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 il-konvenut meta mistoqsi x'ghamel bis-€77,000 li huwa gibed komplessivament huwa xehed li jaghti spjegazzjoni f'seduta ohra.*
*<u>Il-perit legali tirrileva li dawn it-tranzazzjonijiet kollha saru bejn il-perjodu ta' Frar 2009 u Setttembru 2010 u ghaldaqstant saru wara id-data tas-26 ta' Novembru 2007 meta rrelatajt li giet xolta il-komunjoni tal-akkwist. Pero jinghad li dawn it-transactions huma cifra ferm inferjuri ghal €77,000</u>.*

***Credit card tal-attrici***

*Dwar dan il-perit legali ma ghandha xejn x'tirrelata.*

***Malta Government Stock f'isem il-konvenut***

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 xehdet **Melissa Mamo ghan-nom tal-Malta Stock Echange** li fis-7 ta' Settembru 2000 gew redeemed Malta Government Stock lil-konvenut kellu fuq ismu u thallas lura l-kapital ta' LM5000. (Dok MM2) cioe €11650.*

*<u>Il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici nofs dan l-ammont cioe €5825.</u>*

***Kontijiet joint fil-Bank of Valletta***

*Fix-xhieda tieghu tas-7 ta' April 2011 **Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc** xehed li l-partijiet kellhom zewg kontijiet kongunti: Dok RA3 huwa kont savings numru 18200143018 huwa kont kongunt u_dok RA4 huwa current ghandu numru 18200143021 u inghalaq fl-24 ta' Ottubru 2008.*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 **rega xehed Romuald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezenta s-segwenti dokumenti:*

*Dok RA11 juri c-cheque image mahrug lil Untours Limited fl-ammont ta' €316 mil-kont kongunt tal-partijiet Dok RA4 u spjega li l-kont kien anyone to sign.*

*Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013 Renzo Gonzi in rapprezentanza tal-bank pprezenta Dok RG7 cheque images ta' pagamenti li saru minn dan l-istess kont Dok RG4 : Eagle star LM1000, S Borg LM1000, M & r Holdings Limited LM7000, S Borg LM5900, Eagle Star LM1000, Eagle Star €2330.30c, Direttur Ufficcju Kongunt €1746.46c.*

*Dan huwa kont savings u inghalaq fil-11 ta' Ottubru 2008. Minn dan il-kont jirrizulta li fit-8 ta' Ottubru 2008 sar zbank ta' €8782.42c u l-kont ghandu bilanc ta' zero. (Romuald Attard seduta 7 ta' April 2011)*

*Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 rega xehed Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta u pprezenta Dok RA12 transaction image li bih inghalaq il-kont Dok RA3 fl-ammont ta' €9317.49c li gew depozitati l-Qorti*

*Jirrizulta wkoll li saru hafna depoziti fih permezz ta' auto transfer mil-kont RA3 ghal kont kongunt tal-partijiet kont numru 18200143021 li huwa Dok RA1 kont fuq il-konvenut wahdu.*

*Fis-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2013* ***Renzo Gonzi in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc*** *xehed dwar il-kont joint savings 18200143018 ma sabux informazzjoni dwar il-withdrawal li sar fis-16 ta' Dicembru 2006 ta' LM480 u lanqas dwar l-foreign draft 097852 ta' LM529.59 datat 30 ta' Jannar 2007 minhabba li ghaddew aktar minn hames (5) snin. Dwar il-withdrawal ta' €473 li sar fid-9 ta' Ottubru 2008 u l-withdrawal ta' €8782.52 tad-9 ta' Ottubru 2008 huwa pprezenta t-transaction images li sab. Dawn juri li gew zbankati minn ID 78752M.*
*Dear il-joint currect 18200143021 Gonzi pprezenta c-cheque images ta' cheque 1003 ta' LM1400 mahrug lil S Borg , cheque 1017 ta' LM7000 lil M & R Holdings Limited, cheque 1018 ta' LM5900 lil S Borg, cheque 843 ta' LM1000.40 lil Eagle Star, cheque 1074 ta' Lm1000.40 lil Eagle Star, cheque 1103 ta' LM2330.30 lil Eagle Star u cheque 1105 ta' LM1746.30c lid-Direttur Ufficcju Kongunt. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 il-konvenut spjega li c-cheque ta' LM700 lil M & R Holdings Limited hareg meta xtraw l-garage ta' Bugibba u pprezenta kopja tal-kuntratt tad-29 ta' Settembru 2005 atti Nutara Roberta Bisazza biex juri l-garage inxtara LM7000.*
*Huwa pprezenta wkoll Dok RG8 li juri li €9317.49c gew depozitati l-Qorti fid-19 ta' Jannar 2011 Cedola numru 70/11 u zbankati mil-kont kongunt term deposit 18200157101.*
*Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru* ***2015 Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc*** *prezentat zewg kontijiet kongunti li kellhom il-partijiet u xehdet li dawn jinsabu maghluqin Dok Bov 13 u Bov 14..*
*Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2015 l-istess xhud prezentat cheque ta' €310 mahrug lil Untours Limited kif mitluba fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 minn dan il-kont kongunt.*
*Minn dok Bov 13 kont numru 18200143018 jirrizulta li sar withdrawal fid-9 ta' Ottubru 2008 ta' €8782.52c*
*Minn dok Bov 14 kont numru 18200143021 jirrizulta li dawn il-withdrawals minn dan il-kont ghal kont numru 18200143018 Dok Bov 13 kont kongunt , cioe fis-7 ta' ottubru 2004 ta' LM1000, 11 ta' Awissu 2005 LM1400 li dahlu fil-kont numru 18200143018, fl-1 ta' ottubru 2005 LM700 li gew trasferiti fl-istess kont u fl-4 ta' Ottubru 2005 LM5900 gew trasferiti fl-istess kont cioe kont numru 18200143018, fit-18 ta' April 2006 LM100.40c gew trasferiti fl-istess kont, fit-28 ta' Marzu 2007 gew trasferiti LM1000.40 fl-istess kont, fit-28 ta' Marzu 2008 gew trasferiti €2330.30 fl-istess kont, fil-25 ta' Gunju 2008 €1746 gew trasferiti fl-istess kont .Iillum dan il-kont ghandu zero balance.*

*Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2015 l-istess xehdet xehedet li s-signing powers fuq l-kont 18200143021 kienu anyone to sign.*

*Il-perit legali ghalhekk tirrelata kif gej: li c-cheque tal-Untours Limited fl-ammont ta' €316 sakemm ma kienx hlas ta' insurance tal-vetturi l-konvenut ghandu jghaddi nofs cioe €158 lill-attrici, is-somma ta' €9317.49c depozitata l-Qorti tigi zbankata kwantu ghal nofs kull wiehed mil-partijiet, is-somma ta' €8782.42 il-konvenut ghandu jghaddi nofs din is-somma €4391.21c lill -attrici , pagamenti li saru lil S Bog fl-ammont ta' LM6900 cioe €16,077 l-konvenut ghandu jghaddi n-nofs cioe €8038.50c lill-attrici; pagamenti lil Eagle Star xejn u dan ghall-istess raguni li l-perit legali semmiet meta rrelatat dwar il-kontijiet personali tal-konvenut; u kemm il darba l-hlas lil Joint Office fl-ammont ta' €1746.46c ma jirrizultax li huwa konness mal-proprjeta in komun bejn il-partijiet, il-konvenut ghandu jghaddi nofs dan l-ammont cioe €873.23c lill-attrici.*

***Gratuity tal-konvenut***

*Fis-seduta tad-19 ta' April 2013 M Galea Assistant Direttur Sezzjoni Pensjoni tat-Tezor u Salarji Generali xehed li l-konvenut ha €47,597.92c gratuity fit-18 ta' Jannar 2013 u li fil-kaz tieghu l-eligibility criteria hija ta' tletin (30) sena.*

*l-attrici tikkontendi li hija ghandha tithallas sehem mil-gratuity li ha zewgha jispicca bil-pensjoni meta jaghlaq tnejn u sittin (62) sena.*
*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 l-konvenut xehed ma' dak li xehed jaqbel ma' dak li xehed M Galea tat-Tezor fis-seduta tad-19 ta' April 2013 cioe li huwa ha gratuity ha €47,597.92c u li dawn il-flus ma gewx sekwestrati. Mistoqsi fejn jinsabu dawn il-flus l-konvenut wiegeb 'fiz-zarbun'.*
*Il-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1977 u l-konvenut irceva l-gratuity fit-18 ta' Jannar 2013, skond ix-xhieda* ***Michael Deguara Direttur Human Resources mad-Dipartiment tas-Sahha*** *l-konvenut beda jahdem mal-Gvern izda tali dokumenti l-perit legali ghandha notament li kienet ghaddiethom lil Dr Albert Libreri l-avukat tal-konvenuta.*
*Illi ghalhekk jekk il-konvenut beda jahdem mal-Gvern fis-sena 1975, izzewweg fis-sena 1977, irceva €47,597.92c bhala gratuity fit-18 ta' Jannar 2013, fis-26 ta' Novembru 2007 l-perit legali kkunsidrat din bhala d-data tal-firda u tax-xoljiment tal-komunjoni, u li ghalhekk dan igib total ta' tmienja u tletin (38) sena cioe €1252.57c kull sena u li ghalhekk €2505.15 parafernali tal-konvenut stante li kien ghadu guvni bejn is-snin 1975 u 1977, €37,577.30c ta' tletin (30) sena mizzewweg , u s-somma ta' €7515.47c ghandu jircevihom l-konvenut stante li dawn huma ghal perjodu mis-26 ta' Novembru 2007 sas-sena 2013 meta irceva l-gratuity.*
*Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' €18,788.57c cioe nofs is-somma ta' €27,577.30c.*

***Proprjeta immobbli appartenenti l-Komunjoni tal-Akkwisti***

*(i)Dar matrimonjali*

*L-attrici fir-rikors guramentat qed titlob li din id-dar tigi assenjatha lilha. Il-konvenut ma jaqbilx u fir-risposta guramentat tieghu jikkontendi li d-dar ma ghadhiex aktar id-dar matrimonjali u ghandha tigi kunsidrata bhala parti mill-assi tal-komunjoni*

*L-attrici (seduta 3 ta' Gunju 2016) xehdet li l-art xtratha bi flus li kellha qabel iz-zwieg – hija harget LM7000 li uzathom kollha ghad-dar u hu kellu LM1000.*

*A fol 18 fin-nota guramentata taghha hija tghid li d-dar ghandha valur ta' LM120,000 cioe €279,524 liema stima hija tas-sena 2010.*

*Il-perit legali ma taqbilx li tali fond ghandu jigi assenjat lill-attrici minghajr ma hija tghaddi sehemha lil konvenut u dan kemm ghaliex l-adulterju da parti ta' zewgha gie ppruvat li kien hemm mil-26 ta' Novembru 2007 u kif ukoll ghaliex ma hemm xejn fil-ligi li lilha jintitola takwista sehem ir-ragel ta' tali fond minghajr ma hija tghaddilu sehemu tal-istess.*

*Tali stima jehtieg li tigi aggornata u kuntratt tal-akkwist ma giex prezentat f'din il-kawza u ghalhekk hija l-fehma tal-legali li l-mara ghandha tinghata r-right of first refusal u taghzel jekk tridx li hija tixtri sehem ir-ragel tal-istess fond qabel ma tali offerta ssir lil konvenut u kemm il darba hadd minnhom ma jrid jixtri sehem hadd tali fond jinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*

***Mobbli fid-dar matrimonjali**: ebda stima ta' tali mobbli ma saret u sta ghal parijiet li jaqblu dwar dawn il-mobbli cioe iridux li jinqasmu jew ssir stima maghhom u jinbieghu mad-dar.*

*(ii) Garage li jinsab Triq l-Ghenba Attard*

*A fol 18 fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid li l-garage li jinsab Triq l-Ghenba Attard ghandu valur ta' Lm10,000 cioe €23,293.73 liema stima hija tas-sena 2010*

*l-attrici (seduta 3 ta' Gunju 2016) xehdet li l-garage inxtara cash minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*Tali stima jehtieg li tigi aggornata u kuntratt tal-akkwist ma giex prezentat f'din il-kawza, kull parti tinghata r-right of first refusal qabel ma l-garage jinbiegh lil terzi.*

*(iii) Flat u garage Bugibba*

*l-attrici (seduta 3 ta' Gunju 2016) xehdet li dawn inxtraw cash mil-flus tal-komunjoni tal-akkwisti u fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014 il-konvenut pprezenta kuntratt tal-akwist tal-garage tad-29 ta' Settembru 2005 atti Nutar Roberta Bisazza.*

*Fin-nota guramentat taghha a fol 18 l-attrici tghid li l-appartament jinsab St P Flats flat 1 St Anthony Street Bugibba u ghandu valur ta' LM55,000 cioe €128,115.54 liema stima hija tas-sena 2010.*

*A fol 18 ukoll hija tghid li l-garage huwa two car garage u jinsab St Anthony Street Bugibba u ghandu valur ta' Lm25,000 cioe €58,234.33c.*

*Il-konvenut fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2020 jikkontendi li martu ghandha thalsu n-nofs l-ispejjez li huwa rrikorra fil-post li ghandhom il-partijiet f'Bugibba u nofs l-ispejjez tad-dranagg li huwa hallas fl-istess fond.*
*Huwa jghid (seduta 11 ta' Jannar 2021) li l-post ma ghandux ilma ghax it-tank tar u mhux abitabbli.*
*Dwar l-ispejjez li l-konvenut jghid li ghamel fil-fond ta' Bugibba huwa ma gab ebda prova jew ammont ta' dawn l-ispejjez u ghalhekk il-perit legali ma tistghax tirrelata dwar tali spejjez.*
*<u>Tali stima jehtieg li tigi aggornata kemm tal-appartament u tal-garage u kuntratt tal-akkwist ma giex prezentat f'din il-kawza, kull parti tinghata r-right of first refusal qabel ma l-garage jinbiegh lil terzi</u>*

***Cens fuq l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali***
*Fis-seduta tat13 ta' Novembru 2020 l-attrici irrilevat li halset arretrati ta' cens fl-ammont ta' €1280.82 ghal perjodu mis-sena 2008 sas-sena 2018 fuq l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali filwaqt li l-ammont dovut ghas-senin 2019 u 2020 ghadu ma thallasx u dan jammonta ghal €1101.40c. Hija tippretendi li dawn jithalsu mil-partijiet nofs bin-nofs.*

*Dr Libreri jirrileva li hemm dovut cens fuq l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali u li l-attrici halset arretrati ta' cens fl-ammont ta' 1280.62 ghal perjodu ta' 2008 sa 2019 u li l-ammont ta' €1101.40c ghal perjodu mis-sena 2019 u 2020 ghadu ma thallasx u li dan ghandu jithallas mill-konvenut zewgha sabiex ikunu halsu presso poco indaqs.*

*Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 l-partijiet qablu li l-konvenut hallas ic-cens li kien hemm pendenti fl-ammont ta' €1101.40c sabiex b'hekk hemm cens imhallas sal-4 ta' Dicembru 2021.*

*<u>L-attrici ghalhekk ghandha tigi rifuza s-somma ta' €179.22c mil-konvenut u dan ic-cens jibqa jithallas mil-partijiet b'mod ugwali bejniethom</u>.*
***Kera tal-fond flat 8 St Raphael flats, Gzira***
*Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2012 il-**konvenut** ddikjara li l-kuntratt ta' kera tal-fond tal-Gzira ma sabux u fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2012 il-konvenut xehed li kien ser jikkuntattja lis-sid biex jghaddilu kopja tieghu. Jaf li s-sid jismu Twanny Vassallo u li kien ser jghaddilu kopja tal-kuntratt tal-kirja. Huwa xehed ukoll li Vassallo qallu li ma jixtieqx li huwa jaghti t-telephone number tieghu lil avukat tal-mara.*
*Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 l-**konvenut** ipprezenta l-ftehim ta' lokazzjoni ta' dan il-fond li skond l-iskrittura jinsab flat 8 St Raphael flat Gzira liema kirja bdiet mil-1 ta' April 2009 bil-kera ta' €350 fix-xahar u sar deposit ta' €500 lis-sid. Ghal kemm inkera dan l-appartament l-iskrittura ma tghidx.*
*Izda mil-atti jirrizulta li huwa kien ilu jghix f'dan l-appartament sa minn meta telaq mid-dar matrimonjali fil-15 ta' Mejju 2009 izda l-perit legali temmen lill-attrici meta tghid li tali appartament ilu mikri lil konvenut mis-sena 2005.*

*Ghaldaqstant huwa ghandu jghaddi lil martu nofs il-kirja ta' sentejn cioe mil-1 ta' April 2005 sas-26 ta' Novembru 2007 cioe s-sena 2005 sas-2007 cioe l-ammont ta' €3500.*

***Kera tal-fond li jinsab 6/6B Triq Sir Luigi Camilleri Sliema***

*Il-konvenut a fol 200 pprezenta l-ftehim ta' lokazzjoni ta' kera ta' dan il-fond li turi li l-fond gie mikri li Y Elwefilly ghal perjodu ta' tlett snin li jibdew jiddekorru mis-26 ta' Novembru 2007 u l-kera hija ta' LM170 fix-xahar, LM5 fix-xahar spejjez tal-komun, u hlas ta' dawl u ilma. A fol 202 huwa prezenta ftehim ta' lokazzjoni ta' kera ohra fuq l-istess fond lill-istess Y Elwefilly huwa ta' sena li bdiet tiddekorri mil-15 ta' Gunju 2016, bil-kera ta' €900 fix-xahar u €25 fix-xahar ohra ghal hlas tal-ispejjez tal-komun u tal-ilma u dawl.*

*A fol 204 il-konvenut ipprezenta l-ircevuti tal-kera liema ircevuti ma humiex legibbli.*

*Il-konvenut pprezenta animo ritirandi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2020 l-ircevuti originali tal-kera li hallas fil-fond fejn jirrisjedi cioe l-fond numru 6/6B Triq Sir Luigi Camilleri Sliema u dan kif gej:*

*Ircevuta 15.11.2019 hlas ta' €920*
*Ircevuta 15.12.2019 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.1.2020 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.2.2021 hlas ta' €1100*
*Ircevuta 15.3.2020 hlas ta' €950*
*Ircevuta tal-15 .4.2020 hlas ta' €950*
*Ircevuta 15.5.2020 hlas ta' €850*
*Ircevuta 15.6.2020 hlas ta' €860*
*Ircevuta 15.7.2020 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.8.2020 hlas ta' €965*
*Ircevuta 16.7.2020 hlas ta' €970*
*Ircevuta 15.10.2020 hlas ta' €1000*
*Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2020 il-konvenuti pprezenta s-segwenti ircevuti:*
*Ircevuta 15.12.2016 hlas ta' €965*
*Ircevuta 15.6.2019 hlas ta' €958 ircevuta mahruga fuq D C*
*Ircevuta 15.7.2019 hlas ta' €985*
*Ircevuta 15.9.2019 hlas ta' €1000*
*Ircevuta 15.10.2019 hlas ta' €1000*
*Ircevuta 15.2.2019 hlas ta' €990*
*Ircevuta 15.5.2019 hlas ta' €976 ircevuta mahruga fuq D C*
*Ircevuta 15.7.2019 hlas ta' €957 ircevuta mahruga fuq D C*
*Ircevuta 15.4.2019 hlas ta' €970 ircevuta mahruga fuq D C*
*Ircevuta 15.7.2019 hlas ta' €961 ircevuta mahruga fuq D C*
*Ircevuta 15.1.2019 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.12.2018 hlas ta' €970*
*Ircevuta 15.11.2018 hlas ta' €967*
*Ircevuta 15.10.2018 hlas ta' €980*
*Ircevuta 15.9.2018 hlas ta' €1000*
*Ircevuta 15.7.2018 hlas ta' €963*

*Ircevuta 15.3.2018 hlas ta' €970*
*Ircevuta 15.5.2018 hlas ta' €980*
*Ircevuta 15.6.2018 hlas ta' €959*
*Ircevuta 15.4.2018 hlas ta' €974*
*Ircevuta 15.8.2018 hlas ta' €991*
*Ircevuta 15.7.2018 hlas ta' €985*
*Ircevuta 15.1.2018 hlas ta' €964*
*Ircevuta 15.12.2017 hlas ta' €965*
*Ircevuta 15.10.2017 hlas ta' €974*
*Ircevuta 15.11.2017 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.7.2017 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.8.2017 hlas ta' €981 ircevuta mahruga fuq Marija 99238849*
*Ircevuta 15.7.2017 hlas ta' €995*
*Ircevuta 15.6.2017 hlas ta' €965*
*Ircevuta 15.5.2017 hlas ta' €965*
*Ircevuta 15.4.2017 hlas ta' €970*
*Ircevuta 15.6.2016 hlas ta' €750 mahruga fuq A*
*Ircevuta 15.8.2016 hlas ta' €962*
*Ircevuta 15.7.2016 hlas ta' €955*
*Ircevuta 15.10.2016 hlas ta' €970*
*Ircevuta 15.9.2016 hlas ta' €971*
*Ircevuta 15.11.2016 hlas ta' €963*
*Ircevuta 15.1.2017 hlas ta' €960*
*Ircevuta 15.7.2017 hlas ta' €992*
*Ircevuta 15.3.2017 hlas ta' €1000*

*Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2019 il-konvenut xehed li l-ircevuti tal-kera tal-post tal-Gzira u ta' tas-Sliema ma sabhomx u li l-kera ta' tas-Sliema kienet fuq it-tifel ta' A H Wagdi li jismu Wayne. Huwa jghix Birkirkara u mhux fil-post ta' tas-Sliema. Il-kera jhallasha Wayne ghax il-kuntratt tal-kera fuq ismu qieghed u dan ihallasha hu mil-bidu nett tal-kirja sa sentejn ilu u wara beda jhallasha hu l-kera. Il-konvenut jammetti li kera jhallas elf ewro (€1000) fix-xahar dawl u ilma inkluz.*
*Illi l-ircevuti esebiti dawn biss jirrizultaw li hargu fuq il-konvenut cioe: Ircevuta 15.6.2019 hlas ta' €958 ircevuta mahruga fuq D C; Ircevuta 15.5.2019 hlas ta' €976 ircevuta mahruga fuq D C; Ircevuta 15.7.2019 hlas ta' €957 ircevuta mahruga fuq D C; Ircevuta 15.4.2019 hlas ta' €970 ircevuta mahruga fuq D C u Ircevuta 15.7.2019 hlas ta' €961 ircevuta mahruga fuq D C u dwar l-ircevuti l-ohra ma hemmx il-prova li dawn hallshom il-konvenut u sas-26 ta' Novembru 2010 il-kera kienet tghajjat lit-tifel ta' A H.*
*Izda fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 l-**konvenut** xehed li fis-sena 2016, 2017 u 2018 l-kirjiet hallashom hu wkoll u t-tifel ta' A kien jaghtih nofs il-kirjiet u huwa ma kienx joqghod hemm ghax hu mizzeweg u kien ihallas nofs dawn il-kirjiet b'rispett ta' ommu.*
*Huwa xehed li meta telaq mil-Gzira ghal dan il-post H kienet diga tghix fih u hwejjeg fil-post tal-Gzira ma kienetx izzomm.*

*Ghaldaqstant hija l-fehma tal-perit legali li l-konvenut ma ghandu jghaddi xejn lil martu minn dawn il-kirjiet.*

***Sanzjonijiet kontra l-konvenut ai termini tal-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili***

*L-attrici fir-rikors guramentat taghha qed titlob li jigu applikati kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili. Il-konvenut fir-risposta guramentata tieghu jikkontendi li ma ghandhom jigu applikati kontra tieghu dawn id-disposizzjonijiet la in too u lanqas in parte.*

*Illi l--artikoli 38 u 41 imsemmija fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili jsemmu adulterju u abbandun rispettivament.*

*Il-firda personali motivata mill-adulterju, bħalma huwa l-każ odjern, iġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati ai termini tal-**Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili**. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli **51 u 52 tal-istess Kodiċi**, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.*

*L-Artikolu 48 tal-Kodici Civili jistipula:*

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827; 25*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".*

***Artikolu 51 tal-istess Kodici:***

*'Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti imsemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kas, ghandhom ighoddu, f'kollox jew bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.'*

***L-artikolu Artikolu 52 tal-istess Kodici:***

*'Hu mholli ukoll f'idejn il-qorti li tiddeciedi, skont ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 ghandhomx ighoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella m'ghandhomx ighoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra jkunu htija tal-eghmil li jaghti lok ghall-firda*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Ja Falzon vs Paolo Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959 gie ritenut li l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni bejniethom, in toto jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizji,*

*minacci u ingurji gravi. Jiddependi ghalhekk mid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari.*

*Illi wkoll fis-sentenza moghtija mil**-Qorti tal-Appell per Prim Imh Silvio Camilleri fis-27 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet Sharon Tonna vs N Tonna** , rriteniet li ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, attrici tahti ghalkemm sekondarjament ghas-separazzjoni personali xorta wahda u applikat fil-konfront taghha l-artikolu 48(d) tal-Kap 16 li jikkontempla s-sanzjoni tad-dekadenza mid-dritt ghal manteniment fil-kaz li konjugi jkun hati ghas-separazzjoni… illi d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 hija konsegwenzjali ghal htija anke fi grad sekondarju ghas-separazzjoni; din hija penali li ssegwi l-htija ta' parti jew ohra jew tat-tnejn ghas-separazzjoni jew ghal hall taz-zwieg u ghamlet referenza ghall-artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili. L-istess Qorti irriteniet ukoll li dan japplika anke meta r-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet circa hames snin wara s-separazzjoni de facto u kkondividiet il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li bil-komportament taghha senjatament il-hbiberija li l-attrici dahlet ma ragel iehor hames snin wara s-separazzjoni de facto, tikkostitwixi ingurja gravi fil-konfront ta' zewgha fit-termini tal-Artikolu 40 b'mod li tattira l-applikazzjoni fil-konfront taghha tal-paragrafu (d) tas-subinciz(1) tal-artikolu 48*

*Illi ma hemm ebda dubju li z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa htija tal-intimat li baqa f'daniz-zwieg minkejja li kien ihobb lil haddiehor. Di piu sevizi u ingurji gravi kien hemm ukoll da parti tieghu u da parti tal-mara jirrizulta li kien hemm sevizzi. L-adulterju fil-kaz tal-konvenut beda fis-sena 1995 mentri fil-kaz tal-mara beda fis-sena 1997. Iz-zwieg tkisser irrimedjabilment fis-26 ta' Novembru 2007.*

*Hija l-fehma tal-perit legali li ghandu jigi l-applikat l-artikolu 51 tal-Kap 16 u li l-effetti tal-Artiklu 48 tal-Kap 16 ghandhom jigu applikati liz-zewg partijiet in parte fis-sens li kull parti iddekadiet mid-dritt li tircevi manteniment minghand l-partijiet l-ohra u kull parti tilfet kull dritt ta' successjoni li kien talvolta spetV lilha wara l-mewt tal-parti l-ohra.*

*Konkluzjoni:*

*l-ewwel talba ghandha tigi milqugha izda kwantu ghal htija kwart lill-attrici u tlett kwarti lil konvenut*

*it-tieni talba: ghandha tigi michuda u hadd mil-partijiet ma jghaddi manteniment lil hadd minhabba dekadenza*

*it-tielet talba: din ghandha tigi milquha in parte stante li d-dar matrimonjali ghandha tibqa kunsidrata proprjeta tal-komunjoni u mhux tigi assenjata esklussivament lill-attrici*

*ir-raba talba: din ghandha tigi milqugha*

*il-hames talba: din ghandha tigi milqugha*

*is-sitt talba: din ghandha tigi milqugha in parte.*

*Tant l-esponenti ghandha x'tissottometti lil dina l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha u dan in vista tal-eskussjoni u d-domandi li imposti kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm waqt ix-xhieda tal-perit legali in eskussjoni kif ukoll minħabba l-punti li qajmu l-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut tabib D C ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tikkundanna lill-konvebnut sabiex iħallas l-attriċi retta alimentarja li din l-Qorti jogħġobha tiffissa taħt xi waħda mill-modalitajiet kontemplati fl-Artikolu 54 tal-Kap 16;

3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, b'dan li jittieħed kont tat-tortijiet komessi mill-konvenut b'konsegwenza tal-istess iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, partikolarment li d-dar tiġi assenjata lill-attriċi;

4. Tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-Att opportun u kuratur biex jirrappreżenta lill-evwntwali kontumaċi fuq l-istess att;

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand l-attriċi;

6. Tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-konvenut ippreżenta risposta ġuramentata abbażi ta' liema qed jaqbel ma' uħud mit-talbiet tal-attriċi u qed jopponi għall-oħrajn kif espost fil-bidu ta' din is-sentenza, il-konvenut ma ppreżentax kontro-talba.

Għaldaqstant, gjaladarba jirriżulta mill-atti li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser u m'hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni (ilhom *de facto* separati minn Mejju 2009), din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti biex tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li jidher ċar li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' lil min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ, u dan kif jirriżulta ben ċar abbażi tal-provi mressqa, mid-domandi li saru in eskussjoni tal-perit legali u minn noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

**1. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*Il-Verzjoni tal-Partijiet u l-Allegati Tortijiet Attribwiti Lilhom:*

A skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verżjoni tal-partijiet, u dan in vista tal-fatt illi dan diġa` jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu. In sintesi hekk kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat u nota ġuramentata, l-attriċi tilmenta li l-konvenut huwa unikament responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ u dan minhabba (i)adulterju (ii) eċċessi, (iii) sevizzji u (iv) abbandun tad-doveri matrimonjali , (v) vjolenza u (vi) moħqrija, kommess mill-konvenut fil-konfront tal-attriċi.

Minn naħa l-oħra fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut jilmenta li ż-żwieġ tkisser b'tort tal-attriċi u minħabba (i)l-karattru diffiċli immens u dominanti tal-attriċi, (ii) il-fatt li għandha ħbiberiji ma' terzi.

Il-Qorti ma tħoss li għandha għalfejn terġa' tirrepeti l-prinċipji legali rigward it-tifrik taż-żwieġ li ġew eżaminati fid-dettall mill-perit legali. Għalhekk il-Qorti

ser tikkonċentra fuq il-konklużjonijiet tal-perit legali u dan fid-dawl ta' domandi li sarulha in eskussjoni li jistgħu jiġu katgorizzati fis-segwenti temi:

i) Responsabbilta` Għat-tifrik taż-żwieġ;
ii) l-Applikazzjoni tad-data tad-dekadenza u fil-konfront ta' min;
iii) Il-Likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti;

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-ilment prinċipali tal-attriċi fuq il-konklużjoni tal-perit legali fejn allokat żewġ terzi (2/3) tat-tort fuq il-konvenut u terz (1/3) tat-tort fuq l-attriċi.

Abbażi tal-provi mressqa u x-xhieda li semgħet, il-perit legali kkonkludiet li ma setgħetx tikkonstata li fis-snin sebgħinijiet il-konvenut kien f'relazzjoni adultera ma' A L, iżda kkunsidrat tali ħbiberija ma' din it-terza bħala waħda li tammonta għal sevizzji u inġurji gravi. B'hekk skont il-konstatazzjonijiet tal-perit legali, fis-sena 1978 il-konvenut kien diġa ħati ta' sevizzji u inġurji gravi. Kompliet billi qalet li fis-sena 1995 il-konvenut kien qiegħed f'relazzjoni adultera ma' l-istess terza persuna u ċioe A H (nee` L).

Minn naħa tiegħu l-konvenut ċaħad li kellu relazzjoni adultera u jżomm ferm mal-posizzjoni tiegħu anki fin-nota ta' sottomissjonijiet.
Madanakollu l-Qorti tirreferi għall-mod kif il-konvenut xehed in kontro-eżami u tagħmel referenza speċjali għal kif xehed quddiem il-perit legali meta ġie kkonfrontat bis-santa tal-mewt t'ommu fejn persuna bl-isem ta' A ġiet indikata bħala l-partner tiegħu. Din inzertat kienet l-istess A tas-snin sebgħinijiet.
Wara li l-Qorti rat l-atti kollha u evalwat bir-reqqa dak kollu li ntqal, inkluż kif xehdet l-istess A Erfelwelly nee L, hija tal-umli fehmha li hija iktar verosimili l-verżjoni tal-attriċi li ssostni li żewġha kien involut ma' din it-terza persuna (A Erferlwelly nee L) mill-bidu nett taż-żwieġ tagħhom u dan għas-segwenti raġunijiet:

- Ir-ritratt datat 22/X/1977 u ittra datata 20/04/1978 iffirmata 'A' u li l-istess A Erfelwelly xehdet ikonfermat li kienu jikkonċernaw lilha. Fl-ittra din A kitbet '*Tripoli is a nice place to live in but with someone else!!... Missing you a lot, Your love A*; Skont l-attriċi dawn l-oġġetti sabithom fil-kartiera tar-raġel tagħha wara li żżewġu u huwa rilevanti biex il-Qorti ssemmi li l-attriċi stess tammetti li dak iż-żmien ħafritlu u ma' qaltlu xejn dwarhom.

Il-fatt li l-attriċi tgħid li ħaffritlu jkompli jsaħħaħ il l-verżjoni mogħtija mill-attriċi. Madanakollu imporV wkoll li l-Qorti taċċenna għall-fatt li sa dak iż-żmien l-attriċi ħafritlu abbażi ta' dak li kienet skopriet u ċioe dak li sabitlu fil-kartiera. Fil- fatt kien hemm episodji rilevanti oħrajn li dak iż-żmien l-attriċi ma kenitx taf bihoim u li wkoll kienu jinvolvu lil din A, u għal dan il-Qorti tagħmel referenza għal punt li jmiss u ċioe:-

- L-inċident li seħħ <u>fis-sena 1978</u> meta Erfelwelley (dak iż-żmien magħrufa b' kunjom xbubitha L) kienet fil-karozza tal-konvenut bil-lejl wara xift l-isptar u warajhom kien qed isegwihom ċertu M li dak iż-żmien kien qed joħroġ ma' L. Segwihom sakemm il-konvenut waqaf xi mkien viċin il-lukanda tal-Phoenica fejn dan M seraqlu ċ-ċwievet tal-karozza u tah daqqa ta' ponn. F'dan is-sens isir referenza għax-xhieda ta' hu l-konvenut (P C)[10] li minn naħa tiegħu kkonferma l-inċident u li kien mar jagħtih l-*ispare keys*; Hawnhekk il-Qorti tirreferi għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi u hija konvinta li fil-fatt dak li sssottomettiet l-attriċi huwa minnu. Hawnhekk il-Qorti tissottolinea dak li tgħid l-attriċi fl-Affidavit tagħha '*Madwar sena ilu jien sirt naf min tah ix-xebgħa. Kien M miz-Zejtun li kein jaħdem mas-super, l-għarus ta' A L."*[11]

- Dak li xehed U V[12] rigward l-għidut lf-isptar "*li kien hemm, li darba M mar assalta t-tabib ħdejn il-Phoenicia"... "l-attriċi kienet saqsietu jafx fuq dan l-inċident u huwa qallha b'dak li sema u li kienu jgħidu fl-isptar li hemm ħbiberija bejntiethom."*

- Ix-xhieda ta' A Erfelwelley – li xehdet tlett darbiet f'dawn il-proċeduri u li fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhieda ma kenitx kredibbli tenut il-verżjonijiet u l-inkonsistenzi tagħha;

- Il-kontro-eżami tal-konvenut stess fejn jirriżulta bl-aktar mod ċar in-nuqqas ta' kredibilita` tal-verżjoni tiegħu fuq dak li għandu x'jaqsam mal-involviment tiegħu ma' A H – li jgħawweġ għal kollox it-tifsira ta' 'partner' ħdejn ismu fuq is-santa tal-mewt t'ommu.

---

[10] Seduta miżmuma quddiem il-perit legali fit- 18 t'April, 2012
[11] fol 29
[12] Seduta miżmuma quddiem il-perit legali fis-17 ta' Mejju, 2012.

- Li bħala stat ta' fatt il-konvenut ilu jikkoabita ma' Elferwelley mis-sena 2011;

- Fl-affidavit tal-attriċi hi ssostni li mis-sena 1979 ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet ineżistenti u fl-affidavit ta' iben il-partijiet (I C), dan jikklassifika dan iż-żwieġ bħala wieħed fejn l-imħabba kienet nieqsa, u hekk kif fehmet il-perit legali '*jien għidt li ir-raġel ma kienx iħobb lil din il-mara"*[13] u ċioe` martu - il-Qorti hawnhekk taqbel mal-perit legali.
  Il-Qorti li rat u analizzzat il-provi u dan hija konvinta li dan seħħ għaliex il-konvenut ma kellu l-ebda interess f'martu u dan tant li Erfelwelly stess qalet fix-xhieda tagħha li l-konvenut qalilha li kien ħariġha (l-attriċi) tqila u għalhekk kellu jiżewwiha bilfors (vide xhieda 15 ta' Diċembru 2011 mogħtija quddiem il-perti legali).

Illi għalhekk filwaqt li l-Qorti m'għandhiex provi skjaċċanti li l-konvenut kien f'relazzjoni adultera ma' A H qabel is-snin 2008/2009, għandha provi cari u konkreti biżżejjed biex twassalha għal konviċiment morali li mill-bidu nett taż-żwieġ tiegħu, il-konvenut kien ħati ta' sevizzji u inġurji gravi fil-konfront ta' martu – l-istess irraġunat il-perit legali (vide fol 1496 – 1497). Bil-komportament tiegħu, il-konvenut għalkemm miżżewweġ, baqa' b'qalbu marbuta ma' mara oħra tant li illum jikkoabita ma' din il-mara u anki jħallas il-kera tar-residenza li jgħixu fiha f'Tas-Sliema.

Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tiddiskuti l-konklużżjoni tal-perit legali li attribwiet terz mit-tort għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ lill-attriċi. Kif jirriżulta mill-eskussjoni li saret mill-partijiet u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, l-attriċi ssostni li hi ma kellha tingħata l-ebda tort mentri l-konvenut jsostni li l-ħtija hija tat-tnejn li huma b'mod indaqs.

Illi l-perit legali osservat li l-attriċi ilha f'relazzjoni adultera mis-sena 2008. Il-Qorti taqbel mal-perit legali, u tqis illi hija l-ħbiberija li l-attriċi għandha ma' W K mhux sempliċi ħbiberija iżda illi hija ferm oltre minn hekk. Madanakollu u

[13] vide fol 1557 eskussjoni tal-perit legali

dejjem abbażi tal-provi mressqa fuq din ir-relażżjoni, ma jidhirx li hemm xi prova li l-attriċi kienet f'din ir-relazzjoni qabel is-sena 2007/8, u fil-fehma tal-Qorti skont il-provi mressqa din ir-relażżjoni bdiet ferm wara it-tifrik taż-żwieġ u għalhekk għandha titqies biss bħala konsegwenzjali għat-tifrik taż-żwieġ. Għaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-perit legali meta fl-eskussjoni tagħha tgħid li l-attriċi ngħatat parti mit-tort '*għaliex hi kienet taf li dan iż-żwieġ spiċċa u kompliet fih u kien mingħaliha li jekk tagħmel aktar tfal ħa ġġibu lura."* [14]

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti mhijiex ser taddotta dik il-parti tal-konklużjoni tal-perit legali fejn attribwiet terz tat-tort lill-attriċi. Il-Qorti tirrileva li r-relazzjoni tal-attriċi ma' din it-terza persuna ser jkollha effetti konsegwenzjali iżda mhux fil-kwisjtoni tat-tort, peress li din ir-relazzjoni tal-attriċi ma' K bdiet snin wara ż-żwieġ kien diġa tfarrak tort tal-konvenut.

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Adoperat dan ir-raġunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, minħabba sevizzji u inġurji gravi kommessi mill-konvenu fil-konfront tal-attriċi, u dan mis-sena 1978.

Għaldaqstant il-Qorti ser tilqa' l-ewwel talba attriċi.

**Sanzjonijiet Kontemplati fl-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**

Fis-sitt talba tagħha, l-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut joġġezzjona għal dan.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-parti ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

---

[14] fol 1559

Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-konvenut ħati tat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba sevizzji u inġurji gravi kontemplati fil-liġi u dan mill-bidu nett taż-żwieġ u għaldaqstant in vista ta' dawn iċ-ċikostanzi din il-Qorti qiegħda tuża d-diskrezzjoni tagħha u tapplika fil-konfront tiegħu l-effetti kollha tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u tilef wkoll kull drittijiet ta' suċċessjoni talvolta spetV lilu. B'hekk il-Qorti tistabilixxi is-sena 1978 bħala d-data minn meta l-konvenut huwa ħati tal-firda. F'dan is-sens il-Qorti hija tal-fehma li l-ħames u s-sitt talba tal-attriċi għandhom jiġu akkolti.

**2. Manteniment lill-Attriċi**

Permezz tat-tieni talba, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lilha retta alimentarja. Fin-nota ġuramentata tagħha tikkwantifika l-pretensjoni tagħha fl-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600) fix-xahar.
Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut joġġezzjona għal tali talba.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għar-relazzjoni tal-perit legali u taqbel li ebda manteniment m'huwa dovut lill-attriċi u dana abbażi tal-fatt li l-istess attriċi tiperċepixxi l-pensjoni tagħha u ser tkun f'qagħdha finanzjarja tajba meta ssir il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre` konsegwenza tal-fatt li l-attriċi qiegħda f'relazzjoni ma' K, m'hija intitolata għall-ebda manteniment.

**3. Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tagħmel referenza għar-relazzjoni tal-perit legali u d-domandi in eskussjoni u hawnhekk tirrileva illi permezz tal-eskussjoni ġie ċċarat li meta l-perit legali tirreferi għad-data ta' 27 ta'Novembru, 2007 hija riedet tfisser li tali data hija d-data stabbilita għat-tifrik taż-żwieġ u mhux id-data li ġiet xjolta l-komunjoni tal-akkwisti. Kif ġja espost, il-Qorti ma taqbilx ma' din id-data iżda tiċċara wkoll li l-komunjoni tal-akkwisti qiegħdha tiġi terminata permezz ta' din is-sentenza u dana peress li ħadd mill-partijiet ma ppreżenta rikors abbażi tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talab ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti durante l-proċeduri.

**4. Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwsiti:**

## i) Preambolu – Assi Parafernali

Mill-atti jirriżulta li l-partijiet qablu li l-ammonti tal-assi parafernali tagħhom huma pressa poco tal-istess ammonti (u ċioe Lm 21,000 li jammontaw għall €48,916.84). Il-perti legali daħħlet f'dan l-aspett u skont il-konklużjonijiet tagħha ladarba kien hemm qbil bejn il-partijiet li huma kellhom l-istess kreditu parafernali fl-ammont ta' €48,930, hija ssuġġeriet li kull parti tiżbanka dan l-ammont mill-flus li hemm depożitati fil-Qorti permezz ta' ċedoli ta' depożitu.

Il-Qori tinnota li l-attriċi m'għamlet l-ebda talba *ad hoc* għall-assenjazzjoni tal-assi parafernali. Minn naħa tiegħu, l-konvenut ma ppreżentax kontro-talba. Filwaqt li mix-xhieda tal-partijiet jirriżulta li hemm qbil bejniethom li bħala assi parafernali t-tnejn li huma kellhom indaqs, u bħala ammont huma jindikaw is-somma ta' Lm 21,000 kull wieħed, madanakollu l-Qorti tirrileva li l-partijiet naqsu milli jġibu provi ċari u sodisfaċjenti fuq il-pretensjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward, - vide per eżempju x-xhieda tal-konvenut fis-seduta miżmum quddiem il-perit legali fit-2 ta' Lulju 2013. In oltre` ladarba m'hemmx talba speċifika għalihom, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' tali assenjazzjoni.

## ii) Immobbli

Il-Qorti tagħmel referenza għan-nota konġuntiva tal-partijiet tas-17 t' April, 2023 liema nota tikkontjeni ftehim bejn il-partijiet dwar l-immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

Il-Qorti qegħda taddotta din in-nota u tordna li tali nota għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza u l-istess ser tirregola l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-istess immobbli formanti parti mill-komunjoni u l-ħlas ta' ekwiparazzjoni fuq l-istess pagabbli mill-attriċi lill-konvenut.

Għaldaqstant u għal dan il-għan u b'referenza għar-raba` talba tal-attriċi li permezz tagħha hija titlob lill-Qorti sabiex tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-Att opportun u taħtar kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att, din il-Qorti qiegħda tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex tirċievi l-att opportun sabiex isir din l-assenjazzjoni kif mitfiehem bejn il-partijiet u ordnat

minn din il-Qorti. In oltre` tinnomina lil Dr. Jason Grima bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja  fuq l-istess att, liema kuntratt għandu jiġi ppublikat fi żmien xahar mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

**iii)** **<u>Gratuity</u>**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-provi mressqa fuq il-Gratuity li rċieva l-konvenut, u f'dan is-sens tirreferi għax-xhieda ta' M Galea, Assistent Direttur Sezzjoni pensjoni tat-Teżor u Salarji Ġenerali[15] li xehed li l-konvenut D C ID 78752 (M) ħa il-Gratuity bħala lump sum paymeent fl-ammont ta' €47,597.92 u tħallset lilu fit- 8 ta' Jannar, 2013. Ix-xhud xehed:
"*din tinħadem fuq it-terminal benefit u dan għax daħal mal-Gvern qabel 1979. Meta daħal jaħdem mal-Gvern ma ġibtx dettalji. L-eligibilty criteria <u>hi ta' tletin sena fil-każ tiegħu...</u>*<u>" </u>(Enfasi tal-Qorti)

Kif jirriżulta mill-atti l-konvent daħal jaħdem mal-Gvern fis-sena 1975 filwaqt li l-partijiet iżżewġu fl-4 ta' Ġunju, 1977.

Fuq din it-tema il-perit legali kkonkludiet li sehem l-attriċi fuq din il-Gratuity huwa fl-ammont ta' €18,788.57, liema ammont wasslet għalih billi kkalkulat ir-rata fuq bażi ta' tmienja u tletin (38) sena.  Il-Qorti tinnota li fl-eskussjoni tal-perit legali (mill-attriċi) ġiet mitluba tiċċara l-kalkoli tagħha u saritilha eskussjoni ulterjuri  fuq din il-kwistjoni fis-seduta tat- 12 ta' Jannar, 2022[16]. Il-Qorti tagħmel referenza għall-parti relevanti tax-xhieda tal-perit legali:

*"Dr Albert Libreri: mela hemm sentejn qabel iż-żwieġ u 28 sena wara ż-żwieġ, int pero fir-rapport tiegħek ġejt żvijata li minħabba li l-gratuity ireċeviha fit-2013 u mhux fit-2005, żidt dawk it-8 snin  u minflok għamilt 28/30 għax kien hemm sentejn qabel iż-żwieġ għamilt ħafna inqas u allura sehemha mill-gratuity niżżiltu ħafna.*

*Dr Anna Mallia: le jiena għedt gratuity mit-18 ta' Jannar 2013.*

[15] fol 642 Seduta quddiem il-perit legali tat-3- ta' Mejju, 2013.
[16] fol 1556 sa 1564

*Dr Albert Libreri: iva hekk hu imma gratuity kien dovut lilha fit-2005, 30 sena għalaqhonm fl-2005, il-Gvern ħallsu fl-2013.*

*...omissis*

*Dr Albert Libreri: ....u allura l-gratuity għandha tinħadem bħala li hija għandha dritt għan-nofs fuq 28/30 tas-somma li ngħata naqblu?*

*Dr Anna Mallia: iva."*

B'hekk hawnhekk il-perit legali kkorreġiet il-posizzjoni tagħha .

Il-Qorti tagħmel referenza għan-nota ta' sottomssjonijiet tal-konvenut fejn huwa jissottometti illi:

*"huwa jħoss li ladarba din tirrappreżenta kumpens li huwa rċeva wara li seħħet is-separazzjoni de facto tal-partijiet u ladarba din tirrappreżenta kumpens li huwa ingħata għal snin ta' ħidma personali, dan ma għandux jiġi mċaħħad minn dan il-kumpens"*[17]

Illi Qorti tara li l-konvenut irċieva l-ħlas tal-Gratuity in kwistjoni fit-8 ta' Jannar, 2013 u fuq dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni tant li l-konvenut stess xehed:

*"Naqbel ma dak li xehed M Galea mit-teżor fis-seduta tad- 19/4/13, li jiena ħadt Euro 47,597.92 somma u dawn il-flus ma ġewx sekwestrati. Il-flus qegħdin fiż-żarbun.*" [18]

Il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni tal-attriċi u dan għaliex ħareġ ċar li din il-gratuity tħallset lilu abbażi ta' servizz ta' tletin sena. Una volta li l-konvenut beda jaħdem fis-sena 1975 u l-partijiet żżewwġu f'Ġunju, 1977, il-Qorti hija konvinta li l-attriċi għandha dritt għan-nofs ta' 28 sena minn dawk it-30. Il- Qorti tippuntwalizza li kemm il-perit legali (li l-Qorti tinnota li kkoreġiet ruħha fix-xhieda tagħha in eskussjoni) kif ukoll il-konvenut (hawnhekk isir referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu) kienu żbaljati meta qalu li kien hemm ix-

[17] fol 1586
[18] fol 655 seduta numru 20 miżmuma quddiem il-perit legali tal-15 t'Ottubru, 2013.

xoljiment tal-komunjoni fis-sena 2007! Ħadd mill-partijiet ma ppreżenta talba *pendente lite* għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk din għadha viġenti sallum u qed tiġi xjolta permezz ta' din is-sentenza.

Abbażi ta' dan ir-raġunament, il-Qorti tosserva s-segwenti:
Li huma l-ewwel sentejn biss ta' dawk it-tletin sena servizz li m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu ta' sehem l-attriċi minn din il-Gratuity peress li jikkonċernaw żmien meta l-partijiet ma kienux miżżewġin u għalhekk għal dawk l-ewwel sentejn l-attriċi m'għandha l-ebda sehem.

Sehem l-attriċi tal-Ġratuity għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

30 (sena) = €47,597.92
1 (sena) = €1,586.60
€1,586.60 x 28 (sena) = € 44,424 .73
€44,424.92 ÷ 2 = <u>€ 22,212.36</u>

B'hekk sehem l-attriċi mill-*Gratuity* huwa fl-ammont ta' €22,212.36c liema ammont irid jitħallas lilha mill-konvenut, peress li dawn il-flus qatt ma ġew iddepożitati l-Qorti u konsegwentement il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi din is-somma fi żmien xahar minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, bl-imgħax legali fuq din is-somma li tibda tiddekorri mid-data in kwistjoni sal-ħlas effettiv.

**iv) Ishma mal-Bank of Valletta** – il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali u ċioe li kwalunkwe ammont jappartjeni liż-żewġ partijiet f'ishma ugwali iżda tordna li għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u għalhekk peress li nxtraw fiż-żwieġ iżda qegħdin f'isem il-konvenut, dan ta' l-aħħar għandu jassenja lill-attriċi nofs dawn l-ishma fi żmien xahar minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Id-dividends li ngħataw fuq dawn is-shares u li ġew iddepożitati il-Qorti permezz ta' ċedoli ta' depoiżtu jridu jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, kif ukoll dawk li għad iridu jitħallsu sad-data li l-istess ishma jiġi diviżi b'mod ugwali bejn il-partijiet, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipju li dawn l-ishma huma tal-partijiet f'sehemijiet ugwali ladarba nxtraw f'isem il-konvenut matul iż-żwieġ abbażi ta' applikazzjoni li għamel mal-Bank of Valletta fis-sena 1990.

**v) <u>Life policies mal-Eagle Star</u>** – il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali fejn jirriżulta li dawn il-poloz illum immaturaw u ż-żewġ partijiet ħadu l-istess somma[19]. Għalhekk f'dan ir-rigward ma hemm l-ebda pretensjoni fuq dawn iż-żewġ poloz li l-partijiet kellhom fil-passat. Għaldaqstant il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-poloz ta' assigurazzjoni.

**vi)<u>Poloz t'asikurazzjoni mal-MSV Life</u>** – il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali fejn jirriżulta li dawn illum jinsabu irreġistrati f'isem it-tfal u għalhekk il-partijiet m'għandhomx pretensjoni fir-rigward tal-stess. Għaldaqstant il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-poloz.

**<u>vii)Ishma fl-MIA-</u>** Il-Qorti tabel mal-konklużjoni tal-perit legali u ladarba dawn inxtraw f'isem il-konvenut matul iż-żwieġ, dawn jappartjenu lit-tnejn fi kwoti indaqs bejniethom u għalhekk il-Qorti tordna li dawn għandhom jiġu diviżi ugwalment bejn il-partijiet b'dana li peress li qegħdin f'isem il-konvenut huwa għandu jassenja lill-attriċi nofs l-ishma fi żmien xahar mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Bl-istess mod id-dividends li ngħataw fuq dawn is-*shares* u li ġew iddepożitati il-Qorti permezz ta' ċedoli ta' depoiżtu għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, u l-istess irid isir fil-każ ta' dawk li għad iridu jitħallsu sad-data li jsir id-diviżjoni ta' dawn l-ishma, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipju li dawn l-ishma huma tal-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom ladarba nxtraw f'isem il-konvenut matul iż-żwieġ.

**<u>viii) Ishma fil-Government Stock:</u>**

- Il-Qorti tinnota li abbażi ta' dak li jirriżulta mill-atti, kien hemm x-shares li rreġistrati f'isem il-konvenut u li ġew <u>redeemed fis- 7 ta' Settembru, 2000</u>, fejn skont dak li xehdet Melissa Mamo in rappreżentanza tal-i*Stock Exchange*, l-konvenut tħallas lura l-kapital ta' ħames mitt Liri Maltin - u mhux ħamest elef Liri Maltin. Il-Qorti tinnota li minn Dok MM 2 esebit a fol 237 fit-transaction quantity tagħmel referenza għall-bilanċ ta' 5000 pero` b'daqshekk dan ma jfissirx li l-valur kien ta' ħamest elef tant li x-xhud stess semmiet iċ-ċifra ta' ħames mitt Liri Maltin. In ogni caso, din ir-redemption saret fis-sena 2000 fi żmien ferm qabel ma bdew il-proċeduri ta' separazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti mhux ser tordna rifużjoni ta' dan l-ammont.

[19] vide fol 655 seduta miżmuma quddiem il-perit legali fil-15 t'Ottubru, 2013

- Il-Qorti tagħmel referenza għas-*shares* li kellha l-attriċi mal-*Malta Government Stocks*, fejn jirriżulta li kienet investiet Lm 1000 fit-28 ta' Lulju, 1993 u li meta ġew *redeemed* fit-2003 ħadet lura s-somma ta' Lm 1000. Il-perit legali ħadet konjizzjoni wkoll ta' dak li xehdet Stephanie Abela mil-*Malta Stock Exchange* fuq l-istorja ta' dawn l-istocks kif ukoll id-dividends li tħallsu lill-attriċi. Fejn b'kollox kapital u dividends l-attriċi rċeviet is-somma ta' €2982.84.

  Il-Qorti ma taqbilx mal-konklużzjoni tal-perit legali fejn irrakkomandat li l-attriċi għandha tirrifondi lill-konvenut nofs dan l-ammont u ċioe` €1,491.42 u dan għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok ġew redeemed f'perjodu meta l-partijiet kienu għadhom qed jgħixu flimkien u fit-tieni lok peress li din il-Qorti iddikjarat lill-konvenut bħala unikament ħati għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ fejn iddekada mid-drittijiet tiegħu fuq din is-somma/qliegħ *ai termini* tal-artikolu 48 (1)(c) peress li l-Qorti stabbiliet bħala d-data ta' dekadenza tiegħu s-sena 1978.

**ix) <u>Kontijiet Bankarji</u>**

il-Qorti tinnota li din il-parti tal-likwidazzjoni kienet l-iktar waħda kkontestata, u dan in vista ta' diversi fatturi fosthom li:-

- ż-żewġ partijiet jattribwixxu l-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ lill-parti opposta;
- b'kontestazzjoni fuq id-data tad-dekadenza;
- il-fatt li wara s-sena 1994 iż-żewġ partijiet kienu qegħdin fl-impieg u fil-każ tal-konvenut kellu diversi impiegi u sorsi ta' dħul;
- il-*withdrawals* li saru mill-kontijiet u l-infieq tal-flus mis-snin 2007'il quddiem.

<u>a) Kontijiet bankarji f'isem l-attriċi:</u>

Il-Qorti ma taqblix mal-perit legali meta fir-rapport tagħha rrakkomandat li l-attriċi trid tħallas lill-konvenut dawk l-ammonti kollha li jirriżultaw mir-rapport tagħha a fol 1514 sa 1515 tal-proċess. F'dan is-sens hawnhekk il-Qorti m'hijiex ser tadopera r-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali.

Abbażi ta' dak ġja deċiż minn din il-Qorti, l-konvenut ġie ddikjarat li huwa unikament responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ fejn għar-raġunijiet mogħtija u spjegati fis-suespost, il-Qorti stabbiliet li hija s-sena 1978 li hija d-data tal-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ. Għalhekk isegwi li l-konvenut m'huwiex intitolat għal sehemu minn dawn il-qliegħ u kontijiet bankarji intestati f'isem l-attriċi.

b) Fir-rigward tal-kontijiet bankarji f'isem il-konvenut:

Wara li l-Qorti eżaminat is-sezzjoni tar-rapport tal-perit legali intestata: *Kontijiet mal-Bank of Valletta konvenut,* (vide fol 1515 sa 1520 tal-proċess), il-Qorti tiddikjara li taqbel ma' dak irrakkomandat mill-istess perit legali fir-rigward ta':

- kont numru 12800594021;
- kont numru 40017630342;
- kont numru 18200157101;
- kont numru 40013972486;
- kont numru 40010255957;

u għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna lil-konvenut iħallas lill-attriċi dawk l-ammonti indikati fil-partijiet relattivi tar-rapport tagħha fejn tirrelata dwar dawn il-kontijiet.

c) Fir-rigward tal-flus li jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant ta' Valletta Fund Management u tal-kontijiet li kien hemm mal-Valletta Fund Managemnt f'isem il-konvenut:

Il-Qorti tagħmel referenza għall-erba' dokumenti li ġew esebiti mir-rappreżentant tal-Valletta Fund Management – senjatament:
Dok VF 1; Dok VF 2; Dok VF 3 u Dok VF 4.

Rigward VFM 1 u VFM3
Jirriżulta li l-investiment li kien hemm f'Dok VFM 1 ġew trasferiti fil-kont ta' Dok VFM 3, u sussegwentement l-investiment li kien hemm f'Dok VFM 3 ġew redeemed fis-27 ta' Settembru, 2010 fejn jirriżulta li l-konvenut ħa s-somma ta' €85, 861.92.

Kif osservat il-perit legali, fis-seduta tal-15 t'Ottubru, 2013 huwa ġie mistoqsi x'għamel b'dawn il-flus tal-investiment li sarraf minn Dok VFM 3 u qal li ma

ntlaqtux bis-sekwestru u użahom għal ħajja. Sostna wkoll li ta xi ammonti lit-tfal tiegħu.

Jibqa' l-fatt li għamel x'għamel bihom, dan l-investiment sar matul iż-żwieġ u l-investiment kien jappartjeni liż-żewġ partijiet – żbankahom il-konvenut u żammhom il-konvenut u kif xehed hu stess huwa jaqbel li huma tal-komunjoni[20] u għalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jirrifondi u jħallas lill-attriċi nofs dan l-ammont u ċioe` s-somma ta' **<u>€42,930.96c u dan in rappreżentanza ta' sehem l-attriċi tal-investimenti tal-partijiet u li jikkonċernaw Dok VFM 1 u Dok VFM 3.</u>**

<u>Rigward VFM2</u>
Fir-rigward tal-investiment ta' Dok VFM 2 jirriżulta li l-investiment ġie redeemed fis-27 ta' Settembru, 2010 fejn il-konvenut irċieva s-somma ta' **€119, 614.40c.** Hawnehkk il-konvenut l-ewwel xehed li parti minn dawn il-flus huma mill-wirt ta' ommu imbagħad ikkoreġa ruhu u xehed li huma flus tal-komunjoni "*nikkoreġi ruhu u ngħid li VFM 2 huma kollha tal-komunjoni*. Il-parafernali li ridt għamilt bihom"[21]

Isegwi għalhekk li l-konvenut irid jirrifondi u jħallas lill-martu s-somma ta' €59,807.20c u l-Qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dan l-ammont.

<u>Rigward VFM 4</u>
Fir-rigward tal-investiment ta' Dok VFM 4 isir referenza għax-xhieda ta' Romuald Attard fejn xehed hekk: "*Ngħid li f'isem D C sibt ukoll money fund VFM 4 li ġew transferred lill third parties u għandi bżonn l-eżenzjoni ta' third party jew tal-Qorti peress li fit-3/6/2009 dawn ġew żbankati u ir-riċerka saret mill-1995 sal-llum,"*
Il-Qorti tinnota li s-*subscription* għal dan l-investiment fl-ammont ta' €59,979.18 sar fit- 8 ta' Jannar, 2009 hekk kif jirriżulta minn Dok VFM 4 esebit in atti (fol 554).

Fix-xhieda tiegħu fis-seduta miżmuma quddiem il-perit legali fi-15 t'Ottubru, 2013 il-konvenut xehed hekk:

---

[20] vide fol 655
[21] fol 656

*"Dok VFM4 li juri li fit-3/6/09 cioe sena qabel ma kien hemm is-sekwestru, ngħid li dan juri li l-flus huma parafernali tiegħi ġejjin mill-wirt tal-mama għax jgħidu Account Giovanna"*[22]

Illi hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal Dok RA10 a fol 546. peress li fit-8 ta' Jannar, 2009 jirriżulta li hemm transazzjonijiet ossia *withdrawals* fl-ammonti ta' €2, 209 u €57,770.09. Jirriżulta wkoll li meta nfetah dan il-kont *term deposit* f'Jannar 2007 kien sar depożitu ta' LM 24,000[23].
F'dan il-kont mal-Bank (Dok RA 10) ma hemm l-ebda referenza għall-*account Giovanna,* iżda din ir-referenza tirriżulta biss minn Dok VFM 4 <u>fis-sena 2009</u> il-Qorti ma tqisx din ir-referenza unika bħala prova sodisfaċjenti li dawn il-flus kienu ġejjin mill-writ ta' ommu (kif xehed il-konvenut) u dan anki tenut kont tal-fatt li ommu kienet għadha ħajja fl-2009. Għaldaqstant u ladarba dan l-ammont huwa allaċjat ma' kont tal-bank li nfetaħ fis-sena 2005 il-konvenut huwa ordnat li jirrifondi lill-attriċi sehemha mis-somma ġejja minn Dok VFM 4 fl-ammont ta' €30, 342.43.

<u>d) Fir-rigward tal-kontijiet bankarji f'isem iż-żewġ partijiet:</u>

Wara li analizzat il-provi u dak li rrelatat il-perit legali fuq il-kontijiet bankarji li hemm f'isem iż-żewġ partijiet, il-Qorti tiddikjara li taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali f'din is-sezzjoni tar-rapport tagħha u qegħda tadotta l-konklużjonijiet tagħha u għalhekk tordna li jsiru l-ħlasijiet indikati skont din is-sezzjoni tal-rapport tal-perit legali a fol 1523 tal-proċess.

Fir-rigward tal-pretensjoni tal-attriċi għar-rifużjoni għall-ikliet barra li jirriżultaw mill-credit card tal-konvenut, il-Qorti ma taqbilx ma tali pretensjoni tagħha u mhijiex ser tordna xi rifużjoni fuq dan l-ammont.

Fir-rigward tal-kont tal-konvenut mal-BOV Dok RA 1 esebit a fol 392 et seq tal-proċess, wara li l-Qorti eżaminat dan il-kont tordna lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-attriċi sehemha (u ċioe n-nofs) ta' kull withdrawal li għamel mis-sena 2008 'il quddiem fejn il-withdrawal huwa ta' ta' ħames mitt Ewro (500) u iktar peress

---

[22] fol 656
[23] u għal dan isir refrenza għal Dok RA 1 f'liema data l-istss ammont ġie withdrawn

li hemm bosta minnhom li baqgħu bla spjegazzjoni. Il-Qorti tirrileva li ma ħaditx konjizzjoni tal-*withdrawal* minn dan il-kont fl-ammont ta' Lm 24,000 bit-*transaction date* 5 ta' Jannar 2007 il-għaliex jirriżulta li dan huwa l-istess ammont li bih infetah il-kont RA 10.

**x) Fir-rigward tal-flus li hemm depożitati l-Qorti wara s-sekwestru 220/2010 li l-attriċi ntavolat kontra l-konvenut.**

Fuq il-flus iddepożitati permezz ta' dawn iċ-ċedoli l-Qorti tordna dan li ġej:

- dawn iridu jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet għajr għaċ-ċedoli li fihom hemm flus li huma ta' natura parafernali ġejjin mill-wirt tal-konvenut inkluż minn bejgħ ta' proprjeta immobbli li l-konvenut wiret u li l-banek iddepożitaw hekk kif xehdu b'mod ċar ir-rappreżenV tal-banek u għalhekk m'għandhomx jiġu diviżi senjatament :-
  i)il-flus li hemm depożitati f'ċedola 70/2017 fejn il-Bank HSBC Bank Malta plc iddepożita s-somma ta' €1,509.25c. Il-Qorti tiddikjara li dawn jappartjenu lill-konvenut; u
  ii) il-flus li hemm depożitati f'ċedola numru 31/2011 fejn il-Bank Banif Bank iddepożita s-somma ta' €32,987.46c u €487.54c spejjeż. Il-Qorti tiddikkjara li dawn jappartjenu lill-konvenut.

**xi) vetturi**

Il-Qorti tara li ħadd mill-partijiet ma eskuta lill-perit legali fuq r-rakkomandazzjoni tagħha rigward l-assenjazzjoni u ħlasijiet li jridu jsiru rigward l-erba' vetturi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-erbgħa vetturi in kwistjoni huma:-

| | |
|---|---|
| i)Citroen | LAE 854; |
| ii)Kia Avella | JON 121; |
| iii)Kia Pride | ALF 079; |
| iv) Subaru | JAU 829. |

Il-Qorti tirreferi għax-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta li xehed li f'isem l-attriċi m'hemmx vetturi reġistrati, filwaqt li f'isem il-konvenut kien għad hemm irreġistrati tlieta mill-vetturi su-indikati peress li l-vettura JAU 829 Subaru kienet ġiet traferita fl-24 t'Awwissu, 2011.

Jirriżulta li l-partijiet ma ppreżentawx stimi fuq dawn il-vetturi.

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut xehed li huwa jsuq is-Citroen LAE 854 u kien biegħ lis-Subaru għall-prezz ta' €900 liema somma zamma hu.

Abbażi ta' dan il-perit legali issuġeriet li l-konvenut għandu jiġi assenjat il-vetttura li jsuq u li qiegħda fil-pussess tiegħu, filwaqt li l-attriċi kellha tiġi assenjata l-vettura Kia Avella JON 121. Il-perit legali rrakkomandat ukoll li l-attriċi kellha titħallas sehemha mill-vettura Subaru u ċioe` nofs ir-rikavat tad-€900, u fir-rigward tal-KIA Pride ALF 079 – meta u jekk inbiegħet il-konvenut għandu jgħaddi nofs ir-rikavat minn tali bejgħ, u l-Qorti taqbel mar-raġunament tal-perit legali. Jirriżulta pero` li fin-nota ta' sottomossjonijiet tiegħu l-konvenut, żied igħid li fil-frattemp huwa *iskrappja* l-vettura Citroen u minflok qed juża l-vettura Kia Pride ALF 079.

Illi konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li ladarba abbażi tal-assenjazzjoni kif proposta mill-perit legali huwa kien ser jiġi assenjat il-vettura Citroen, mela issa minflok il-vettura jiġi assenjat kwalunkwe ammont li seta' pperċepixxa mill-iscrap ta' tali vettura u filwaqt li issa qed juża l-vettura  Kia Pride li l-perit legali ssuġeriet li meta din tinbiegħ il-konvenut jgħaddi nofs ir-rikavat lill-attriċi, minflok il-Qorti tordna li ladarba qed juża din il-vettura huwa għandu jiġi assenjat din il-vettura iżda jrid jagħti lill-attriċi nofs il-valur tal-din il-vettura u dan abbażi tal-aħħar stima indikata fil-polza tal-assikurazzjoni u dan in via ta' ekwiparazzjoni.

**<u>xii)Rigward iċ-ċens fuq l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali:</u>**

Filwaqt li l-Qorti taqbel ma' dak irrakkomandat mill-perit legali u għalhekk tordna lill-partijiet sabiex jadoperaw ruhhom ma' l-istess,  żżid li in vista tal-ftehim raġġunt bejn il-partijiet fuq l-assenjazzjoni tal-immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tordna ulterjorment li kull pagament dovut fuq ċens

sad-data tal-assenjazzjoni skont il-ftehim isir fi kwoti indaqs bejnithom u konsegwentement mal-assenjazzjoni tal-proprjeta immobbli fuq l-attriċi (skont dak miftiehem u ordnat) tali ħlas fuq kwalunkwe ċens ikun a karigu esklussiv tal-attriċi.

**<u>xiii) Fir-rigward tal-postijiet mikrijin:</u>**

- **<u>flat 8 St Raphael's flats Gzira</u>**

  il-Qorti tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-perit legali fejn dawn jirrigwarda l-kera mħallsa fil-fond li jinsab fil-Gżira u għalhekk tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef u ħames mitt euro (€3,500) mija rappreżentatni nofs il-kirja mill-1 ta' April 2005 sat- 26 ta' Novembru, 2007.

- **<u>6/6B Triq Sir Luigi Camilleri Sliema:</u>**

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali li l-ebda rifużjoni fuq il-kera m'għandu jsir lill-attriċi. Il-Qorti tirrileva li fil-każ ta' din il-kirja l-pagamenti ta' kera saru wara l-ħruġ tas-sekwestru mitliub mill-attriċi. Isegwi għalhekk li hekk kif xehed l-attur huwa kien zbanka flejjes mill-kontijiet qabel is-sekwestru biex jgħix u fosthom rċieva wkoll il-gratuity, ladarba il-Qorti diġa` ħadet ħsieb li tirrifondi lill-attriċi sehemha ta' dawn l-ammonti hekk kif jirriżulta mis-sezzjoni intestati *Kontijiet bankarji* u *Gratuity* għaldaqstant l-ebda ammont m'hu dovut lill-attriċi fuq din il-kera.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut sa fejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1.Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut kif fuq imsemmi;

2.Tiċħad it-tieni talba għar-raġunijiet indikati fis-seżżjoni intestata *Manteniment*;

3.Tilqa’ in parte t-tielet talba billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess skont dak deċiż fis-sezzjoni intestat *Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti enumerati i sa xiii,* filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni parti tat-tielet talba ossia li l-attriċi tiġi assenjata d-dar matrimonjali b’konsegwenza tat-tortijiet tal-konvenut, in vista tal-ftehim milħuq mill-partijiet stess u dan kif jiriżulta mis-seżżjoni *Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti- Immobbli;*

4. Tilqa’ r-raba` talba tal-attriċi u tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jirċievi l-Att opportun sabiex isir l-assenjazzjoni mitfiehma bejn il-partijiet tal-immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisiti skont dak deċiż u ordnat fis-seżżjoni intestata *Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti- Immobbli.* In oltre` tinnomina lil Dr. Jason Grima bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att liema kuntratt għandu jiġi ppublikat nhar it-tletin ta’ Jannar, 2024 f’nofsinhar fil-binja tal-Qorti ;

5.Tilqa il-ħames u is-sitt talbiet għar-raġunijiet deċiżi fis-sezzjoni ta’ din is-sentenza intestata *‘Sanzjonijiet’;*

Bl-ispejjeż, tal-kawża inkluż dawk tal-perit legali jitħallsu interament mill-konvenut filwaqt li dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt rigward l-assenjazzjoni tal-immobbli jitħallsu f’sehemijiet ugwali.

| | |
|---|---|
| Ft. Dr. Abigail Lofaro | ft. Rita Vella-Baldacchino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |